European Asylum Support Office

# EASO rapport dwar l-attivitajiet annwali 2013

Ġunju 2014

SUPPORT IS OUR MISSION

1 512-il
Parteċipant fil-laqgħat tal-EASO

2 111-il
Uffiċjali tal-asil imħarrġa

103
Laqgħat organizzati mill-EASO

15-il
Rapport ta' kull xahar u ta' kull tliet xhur dwar is-sitwazzjoni tal-asil fl-UE

74
Esperti skjerati f'35 tim ta' appoġġ

4
Missjonijiet ta' appoġġ operattiv (il-Greċja, l-Isvezja, l-Italja u l-Bulgarija)

2 108
Dokumenti ta' COI saru disponibbli fuq il-portal komuni ta' COI

# EASO fl-2013

154
Sessjoni ta' taħriġ imwettqa

3
Netwerks ta' COI mwaqqfa mill-EASO

2
Arranġamenti ta' ħidma konklużi (il-FRA u l-UNHCR)

24
Konsultazzjonijiet mas-soċjetà ċivili

3
Proġetti ffirmati ma' pajjiżi terzi (it-Tuneżija, il-Marokk u l-Ġordan)

1
Analiżi komparattiva fuq il-Balkani tal-Punent

SUPPORT IS OUR MISSION

European Asylum Support Office

# EASO rapport dwar l-attivitajiet annwali 2013

Ġunju 2014

SUPPORT IS OUR MISSION

***Europe Direct huwa servizz li jgħinek issib tweġibiet għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea.***

**Numru tat-telefown waħdieni bla ħlas (*):**

**00 800 6 7 8 9 10 11**

(*) L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

L-Ewwel Parti ġiet adottata mill-Bord tat-Tmexxija fis-26 ta' Mejju 2014
It-Tieni Parti ġiet adottata mill-Bord tat-Tmexxija fis-26 ta' Ġunju 2014

Aktar informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet (http://europa.eu)

ISBN 978-92-9243-252-2
doi:10.2847/29995

© European Asylum Support Office, 2014

La l-EASO u lanqas kwalunkwe persuna li taġixxi f'ismu ma jistgħu jinżammu responsabbli għall-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab hawnhekk.

# Werrej

**Introduzzjoni** ........ **5**

L-EWWEL PARTI

**1. It-tħejjija tal-kuntest: l-iżviluppi rilevanti fl-2013** ........ **7**
**2. Il-prijoritajiet tal-EASO fl-2013** ........ **8**
**3. Il-kisbiet tal-EASO fl-2013** ........ **9**
3.1. It-taħriġ tal-EASO ........ 10
3.2. Il-kwalità tal-proċessi u d-deċiżjonijiet tal-asil ........ 11
3.3. L-Informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini ........ 12
3.4. Il-Lista tal-Lingwi Disponibbli tal-EASO ........ 14
3.5. Il-kooperazzjoni prattika tal-EASO ........ 14
3.6. Il-programmi speċifiċi tal-EASO ........ 14
3.6.1. Minorenni mhux akkumpanjati ........ 14
3.6.2. It-traffikar tal-bnedmin ........ 15
3.6.3. Il-kooperazzjoni mal-membri tal-qrati u tat-tribunali ........ 16
3.7. Appoġġ speċjali tal-EASO ........ 17
3.7.1. Appoġġ imfassal apposta u bini tal-kapaċità ........ 17
3.7.2. Rilokazzjoni ........ 19
3.7.3. Task Force għall-Mediterran ........ 19
3.8. Appoġġ ta' emerġenza tal-EASO ........ 20
3.8.1. Pjan operattiv għall-Greċja ........ 20
3.8.2. Pjan operattiv għall-Bulgarija ........ 21
3.8.3. Preparazzjoni għall-appoġġ ta' emerġenza ........ 21
3.9. Appoġġ ta' analiżi u informazzjoni tal-EASO ........ 22
3.9.1. Sistema ta' preparazzjoni u twissija bikrija ........ 22
3.9.2. Rapporti annwali dwar is-sitwazzjoni tal-asil fl-Unjoni Ewropea ........ 23
3.9.3. Appoġġ tal-EASO għal pajjiżi terzi ........ 23
3.9.4. Risistemazzjoni ........ 24
3.9.5. Id-dimensjoni esterna u l-bini tal-kapaċità f'pajjiżi terzi ........ 24
**4. Il-qafas u n-netwerk tal-EASO** ........ **26**
4.1. Il-Bord tat-Tmexxija ........ 26
4.2. Kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea ........ 27
4.3. Kooperazzjoni mal-UNHCR u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra ........ 28
4.4. Kooperazzjoni mal-pajjiżi assoċjati ........ 30
4.5. Kooperazzjoni mal-aġenziji tal-UE ........ 30
4.6. Forum Konsultattiv u kooperazzjoni ma' partijiet interessati oħra ........ 31
4.7. L-organizzazzjoni tal-EASO ........ 32
4.7.1. Evalwazzjoni interna u esterna tal-EASO ........ 34

IT-TIENI PARTI

**1. L-elementi bażiċi lejn dikjarazzjoni tal-assigurazzjoni** ........ **35**
1.1. Element bażiku 1: Valutazzjoni mill-maniġment ........ 35
1.2. Element bażiku 2: Ir-riżultati mill-verifiki tal-2013. ........ 35
1.2.1. Il-konklużjonijiet u s-segwitu tal-verifika interna ........ 35
1.2.2. Konklużjonijiet u segwitu tal-verifika interna ........ 38
1.3. Element bażiku 3: Is-segwitu tar-riżervi u l-pjanijiet ta' azzjoni għall-verifiki mis-snin preċedenti. ........ 39
1.4. Element bażiku 4: Assigurazzjoni riċevuta minn uffiċjali tal-awtorizzazzjoni oħrajn f'każijiet ta' sottodelegazzjoni maqsuma. ........ 39
**2. Dikjarazzjoni tal-assigurazzjoni mid-direttur eżekuttiv** ........ **39**

**3. Kontijiet finali u rapporti dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja tal-2013 .............................40**
3.1. Introduzzjoni. ........................................................................................ 40
3.1.1. Introduzzjoni qasira. ........................................................................ 40
3.1.2. Qafas legali ...................................................................................... 41
3.1.3. Il-prinċipji ta' kontabbiltà ................................................................. 42
3.1.4. Ċertifikat tal-uffiċjal tal-kontabbiltà ................................................. 43
3.2. Dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-2013 ...................................................... 44
3.2.1. Karta tal-bilanċ ................................................................................ 44
3.2.2. Kont tar-rendiment ekonomiku ........................................................ 45
3.2.3. Fluss tal-flus..................................................................................... 45
3.2.4. Dikjarazzjoni ta' bidliet fl-assi netti.................................................. 46
3.2.5. Kont tar-rendiment baġitarju ........................................................... 46
3.2.6. Rikonċiljazzjoni tal-kont tar-rendiment ekonomiku u l-kont tar-rendiment baġitarju ........................................................................ 47
3.3. Anness għad-dikjarazzjonijiet finanzjarji .............................................. 48
3.3.1. Noti mal-karta tal-bilanċ.................................................................. 48
3.3.2. Noti mal-kont tar-rendiment ekonomiku. ........................................ 52
3.3.3. Obbligazzjonijiet kontinġenti ........................................................... 52
3.3.4. Partijiet relatati................................................................................. 53
3.3.5. Divulgazzjonijiet sinifikanti oħra ..................................................... 53
3.3.6. Avvenimenti wara d-data tal-karta tal-bilanċ .................................. 54
3.4. Rapport dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-2013 .............................. 54
3.4.1. Prinċipji baġitarji ............................................................................. 54
3.4.2. Il-baġit tal-2013 — inizjali, emendat u trasferimenti ....................... 55
3.4.3. Baġit 2013— eżekuzzjoni ................................................................ 58
3.4.4. Eżekuzzjoni tal-baġit — trasferiment mill-2013 għall-2014............. 68
3.5. Rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja 2013 ........................... 73
3.5.1. Qafas legali ...................................................................................... 73
3.5.2. L-implimentazzjoni tal-baġit 2013 .................................................... 73
3.5.3. Trasferimenti approvati mill-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni.................. 74
3.5.4. Ġestjoni finanzjarja .......................................................................... 82
3.5.5. Annessi ............................................................................................. 82
**4. Ir-rapport tal-EASO dwar aċċess għad-dokumenti 2013 .......................................................94**
4.1. Il-proċedura tal-EASO dwar l-aċċess għad-dokumenti .......................... 95
4.2. L-iżviluppi ewlenin dwar aċċess għad-dokumenti fl-2013...................... 95
4.2.1. L-applikazzjonijiet inizjali dwar aċċess għad-dokumenti fl-2013. ..... 95
4.2.2. L-applikazzjonijiet konfermatorji dwar aċċess għad-dokumenti fl-2013 ....... 95
4.2.3. Ilmenti ppreżentati lill-Ombudsman Ewropew jew azzjonijiet imressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea....................................... 96
**5. Pubblikazzjonijiet tal-EASO fl-2013 .......................................................................96**

# Introduzzjoni

*Ir-rapport dwar l-attivitajiet annwali tal-EASO tal-2013* jirrifletti l-attivitajiet imwettqa mill-Aġenzija fl-2013 u r-riżorsi użati għal dan il-għan.

Ir-rapport dwar l-attivitajiet annwali huwa maqsum f'żewġ partijiet:

- L-Ewwel Parti tikkonsisti minn informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma tal-EASO matul l-2013;
- It-Tieni Parti tinkludi informazzjoni relatata mal-kontijiet, ir-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja, il-kontrolli interni żviluppati mill-Aġenzija u l-verifiki interni u esterni mwettqa matul is-sena ta' referenza, kif ukoll informazzjoni dwar l-aċċess għad-dokumenti u dwar il-pubblikazzjonijiet tal-EASO.

It-Tieni Parti tar-rapport tinkorpora wkoll dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni mid-direttur eżekuttiv, fejn jiddikjara li għandu assigurazzjoni raġonevoli li l-informazzjoni li tinsab fir-rapport tippreżenta stampa vera u ġusta ta' jekk ir-riżorsi assenjati għall-attivitajiet ġewx użati għall-iskop maħsub f'konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba u li l-kontrolli stabbiliti jagħtu l-garanziji meħtieġa fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti.

F'konformità mal-Artikolu 29(1)(c) tar-Regolament tal-EASO u l-Artikolu 47 tar-Regolament Finanzjarju tal-EASO, il-Bord tat-Tmexxija adotta l-ewwel parti tar-rapport dwar l-attivitajiet annwali tal-2013 fis-26 ta' Mejju 2014. Wara li waslu l-osservazzjonijiet preliminari mill-Qorti tal-Awdituri, ġew imfassla l-kontijiet finali biex il-Bord tat-Tmexxija jkun jista' jadotta t-Tieni Parti tar-rapport dwar l-attivitajiet annwali tal-2013 fis-26 ta' Ġunju 2014.

Ir-rapport dwar l-attività annwali jsegwi l-approċċ komuni dwar l-aġenziji deċentralizzati tal-UE u l-pjan direzzjonali tagħha li jitlob il-produzzjoni ta' rapport annwali uniku konsolidat.

Ir-rapport intbagħat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, lill-Kummissjoni Ewropea, inkluż is-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS), u lill-Qorti tal-Awdituri.

Ir-rapport għandu jiġi ppubblikat u tradott fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE.

# L-EWWEL PARTI

## 1. It-tħejjija tal-kuntest: l-iżviluppi rilevanti fl-2013

L-UE tikkostitwixxi żona unika fejn id-dritt għall-asil għandu jkun sostnut permezz ta' Sistema Ewropea Komuni tal-Asil (SEKA), bil-għan li jiġi offrut status xieraq lil kull ċittadin ta' pajjiż terz li għandu bżonn protezzjoni internazzjonali.

Fis-snin reċenti ttieħdu passi importanti 'l quddiem fl-iżvilupp tas-SEKA sabiex jiġu żviluppati l-istrumenti ta' appoġġ politiku, legali u finanzjarju fil-qasam tal-asil.

Kif enfasizzat *fir-Rapport annwali dwar is-sitwazzjoni tal-asil fl-Unjoni Ewropea tal-2013* tal-EASO, din is-sena mmarkat l-ogħla livell ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali rreġistrat fl-UE-28 mill-bidu tal-ġbir tad-dejta fl-2008 b'434 160 persuna rreġistrata. Is-sitwazzjoni fl-Afganistan, il-Pakistan, il-Federazzjoni Russa, is-Sirja u l-pajjiżi fil-Balkani tal-Punent, flimkien ma' sitwazzjonijiet oħra ta' kunflitt, ta' terroriżmu jew ta' persekuzzjoni ta' gruppi speċifiċi, fost raġunijiet oħra, wasslu biex individwi jitilqu minn pajjiżhom u jfittxu rifuġju fi Stat Membru tal-UE fl-2013. Minbarra l-għadd dejjem jikber ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali, ġew irreġistrati wkoll flussi migratorji dejjem jikbru lejn l-UE, b'mod partikolari, fil-fruntieri tan-Nofsinhar u tal-Lvant tal-Istati Membri tal-UE. L-avvenimenti traġiċi lil hinn mill-kosta ta' Lampedusa tat-3 ta' Ottubru 2013, fejn inqalbet dgħajsa li wasslet għall-mewt ta' aktar minn 300 persuna, talbu reazzjoni msaħħa mill-UE li wasslet għall-ħolqien tat-Task Force għall-Mediterran biex tiżdied is-solidarjetà u l-koordinazzjoni ta' azzjonijiet u appoġġ fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri, it-tfittxija u s-salvataġġ, il-migrazzjoni u l-asil.

Fl-istess waqt, l-adozzjoni tal-pakkett riformulat tal-asil tal-UE, li jikkonsisti mid-Direttiva dwar il-proċeduri riformulati tal-asil, id-Direttiva riformulata dwar l-akkoljenza, ir-Regolament ta' Dublin riformulat u r-Regolament tal-Eurodac riformulat kienet lesta f'Ġunju 2013. It-tieni fażi tal-istrumenti tipprovdi l-bażi legali għal aktar armonizzazzjoni u tistabbilixxi standards ta' kwalità ogħla, b'hekk tiżgura status uniformi, kondizzjonijiet komuni għoljin ta' protezzjoni u karatteristiċi komuni fil-proċeduri tal-asil għal dawk fil-bżonn tal-protezzjoni internazzjonali. Barra minn hekk, l-Artikolu 33 tar-Regolament riformulat ta' Dublin assenja kompitu ġdid importanti lill-EASO, jiġifieri li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu ta' twissija bikrija, l-istat ta' tħejjija u l-ġestjoni tal-kriżijiet. F'konformità ma' din id-dispożizzjoni, l-EASO għandu l-mandat li jipprovdi l-informazzjoni u l-analiżi tal-flussi ta' dawk li qegħdin ifittxu l-asil fl-UE u l-kapaċità tal-Istati Membri li jirrispondu għalihom.

Barra minn hekk, matul l-2013 intlaħaq ftehim dwar il-qafas finanzjarju pluriennali 2014-20, li stabbilixxa l-qafas ġenerali għan-negozjar tal-Fond il-ġdid għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni.

Dawn l-iżviluppi kellhom impatt dirett fuq il-ħidma tal-EASO, peress li l-Aġenzija għandha rwol ewlieni fil-kontribut għall-implimentazzjoni koerenti, komprensiva u konsistenti tal-pakkett riformulat tal-asil tal-UE, u għaldaqstant biex jiġi żgurat li tintlaħaq fil-prattika SEKA ġenwina. L-EASO wettaq id-doveri tiegħu li jappoġġja lill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE fil-kisba ta' dawn l-objettivi permezz ta' kooperazzjoni operattiva, miżuri avvanzati ta' kooperazzjoni prattika, taħriġ u kompetenza komuni, analiżi komuni, u input komuni ta' politika bbażata fuq l-informazzjoni u l-evidenza. Barra minn hekk, l-EASO żviluppa aktar l-attivitajiet tiegħu fid-dimensjoni esterna tas-SEKA billi kkopera ma' pajjiżi terzi fil-qasam tal-asil. L-EASO kompla saħħaħ in-netwerk ta' koperazzjoni tiegħu, b'mod partikolari mal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE, kif ukoll mal-membri tal-qrati u t-tribunali Ewropej u nazzjonali, l-akkademja, u l-organizzazzjonijiet internazzjonali, intergovernattivi u tas-soċjetà ċivili fil-qasam tal-asil u l-migrazzjoni.

Fl-2013 l-EASO ddefinixxa wkoll il-viżjoni u l-prijoritajiet tiegħu għall-perjodu 2014–16 bl-adozzjoni tal-ewwel programm ta' ħidma pluriennali tiegħu([1]).

([1]) *Il-programm ta' ħidma pluriennali 2014–16 tal-EASO* huwa disponibbli fuq: http://easo europa eu/wp-content/uploads/EASO-Multi-annual-work-programme-2014-2016 pdf

Fir-rigward tal-organizzazzjoni interna, l-2013 kienet l-ewwel sena operattiva sħiħa tal-EASO wara l-indipendenza finanzjarja tiegħu. Filwaqt li l-EASO kien għadu fil-fażi inizjali tiegħu, intlaqat minn limitazzjonijiet baġitarji li rriżultaw fi tnaqqis għar-riżorsi umani u baġitarji li kienu previsti fil-bidu. Fl-2013 l-EASO kellu 71 membru tal-persunal u l-baġit tiegħu ammonta għal EUR 12-il miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 10.5 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament.

# 2. Il-prijoritajiet tal-EASO fl-2013

Kif issemma qabel, il-missjoni tal-EASO hija li jikkontribbwixxi għall-implimentazzjoni u l-iżvilupp tas-SEKA billi jipprovdi appoġġ u jiffaċilita, jikkoordina u jsaħħaħ il-kooperazzjoni prattika fost l-Istati Membri bħala ċentru indipendenti ta' kompetenza dwar l-asil.

Fl-2013 il-kompiti tal-EASO kienu li:

- jipprovdi appoġġ prattiku u tekniku lill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE;
- jipprovdi appoġġ operattiv lill-Istati Membri li għandhom ħtiġijiet speċifiċi u lill-Istati Membri soġġetti għal pressjoni partikolari fuq is-sistemi tal-asil u l-akkoljenza tagħhom kkawżata minn sitwazzjonijiet għall-għarrieda u straordinarji ta' wasliet fit-territorju tagħhom;
- jipprovdi input xjentifiku għat-tfassil tal-politika u l-leġiżlazzjoni tal-UE fl-oqsma kollha li għandhom impatt dirett jew indirett fuq l-asil u l-migrazzjoni.

F'konformità mal-missjoni u l-kompiti tiegħu, *il-programm ta' ħidma tal-EASO għall-2013* stabbilixxa l-ħames prijoritajiet li ġejjin għas-sena ta' referenza:

- il-provvista ta' appoġġ operattiv f'każ ta' emerġenza għas-sistemi tal-asil fil-Greċja u l-Istati Membri l-oħra fil-bżonn;
- l-iżvilupp ta' sistema ta' preparazzjoni u twissija bikrija mfassla għall-UE (l-EPS dwar l-asil, u l-provvista ta' analiżi tax-xejriet tal-asil u tax-xenarji tar-riskju;
- aktar żvilupp ta' taħriġ komuni ta' kwalità għolja dwar l-asil fl-UE;
- il-provvista ta' livell komuni ta' informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini (is-COI fl-UE u r-rapporti regolari tas-COI;
- il-konsolidazzjoni tal-organizzazzjoni tal-EASO.

Minħabba n-natura tax-xogħol tal-EASO u l-ħtieġa li jkun hemm reazzjoni f'waqtha u b'mod proattiv għal xenarji, ċirkostanzi u prijoritajiet li jinbidlu, id-direttur eżekuttiv ingħata l-flessibbiltà li jwieġeb kif xieraq filwaqt li jimplimenta l-programm ta' ħidma tal-2013.

# 3. Il-kisbiet tal-EASO fl-2013

| **Iċ-ċifri prinċipali tal-EASO fl-2013** |
|---|
| *2 111-il uffiċjal tal-asil imħarrġa taħt il-programm ta' taħriġ tal-EASO.*<br>*154 sessjoni ta' taħriġ imwettqa.*<br>*Ġew aġġornati 6 moduli tat-taħriġ tal-EASO.*<br>*Ġew żviluppati 2 moduli tat-taħriġ u 2 manwali tat-taħriġ ġodda tal-EASO.*<br>*12-il rapport ta' kull xahar, 3 rapporti ta' kull 3 xhur u* r-Rapport Annwali dwar is-sitwazzjoni tal-asil fl-Unjoni Ewropea fl-2012.<br>*Saru disponibbli 2 108 dokument ġdid ta' COI fuq il-portal komuni Ewropew ta' COI.*<br>*Inħolqu 3 netwerks speċifiċi ta' COI dwar il-Pakistan, is-Somalja u s-Sirja.*<br>*Ġiet adottata analiżi komparattiva dwar il-Balkani tal-Punent.*<br>*Ġew organizzati 103 laqgħa (eż. il-kooperazzjoni prattika, speċifiċi għas-COI, tematiċi, operattivi).*<br>*1 512-il parteċipant fil-laqgħat tal-EASO.*<br>*Inħarġet pubblikazzjoni tal-EASO dwar il-valutazzjoni tal-età.*<br>*Inġabru u tqassmu 100 deċiżjoni Ewropea u nazzjonali dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 15(c) tad-Direttiva dwar il-Kwalifiki.*<br>*Ġew skjerati 74 espert f'35 tim ta' appoġġ għall-asil.*<br>*4 pjanijiet ta' appoġġ operattivi fil-Bulgarija, il-Greċja, l-Italja u l-Isvezja taħt implimentazzjoni.*<br>*Ġew allokati 8 azzjonijiet għall-EASO fi ħdan it-Task Force għall-Mediterran.*<br>*3 pajjiżi (il-Ġordan, il-Marokk u t-Tuneżija) ġew koperti minn proġett ta' Strument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (ENPI) tal-EASO.*<br>*Ġew inizjalati 4 arranġamenti mal-pajjiżi assoċjati (l-Islanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Isvizzera).*<br>*Ġew konklużi 2 arranġamenti ta' ħidma (mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) u l-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati (UNHCR)).*<br>*Ġew organizzati 24 konsultazzjoni mas-soċjetà ċivili.* |

F'konformità mal-prijoritajiet u l-objettivi stabbiliti fil-programm ta' ħidma tal-2013, l-EASO pprovda appoġġ operattiv f'waqtu u komprensiv għall-Istati Membri, b'attenzjoni partikolari lill-Bulgarija, il-Greċja, l-Italja u l-Isvezja. L-EASO beda jiżviluppa EPS li tipprovdi analiżi tax-xejriet u ġabar u wettaq skambju ta' informazzjoni u dokumentazzjoni dwar il-funzjonament tas-SEKA. Barra minn hekk l-EASO kompla saħħaħ ir-rwol tat-taħriġ komuni u l-iżvilupp professjonali fil-qasam tal-asil. L-Aġenzija appoġġjat it-titjib tal-kwalità tal-proċessi u d-deċiżjonijiet tal-asil. Barra minn hekk, l-EASO pprovda COI komuni. Matul l-2013, l-EASO beda l-ħidma tiegħu fuq id-dimensjoni esterna tas-SEKA, prinċipalment bl-adozzjoni tal-istrateġija ta' azzjoni esterna tiegħu u bl-involviment tiegħu fi proġett ENPI flimkien mal-Frontex. Barra minn hekk, l-EASO kompla żviluppa n-netwerk ta' kooperazzjoni tiegħu u stimula d-djalogu ġudizzjarju fil-qasam tal-asil. Fl-aħħar nett l-EASO kkonsolida l-organizzazzjoni interna tiegħu u l-kontrolli interni tiegħu.

L-EASO temm l-attivitajiet u kiseb ir-riżultati mniżżla hawn taħt.

## 3.1. It-taħriġ tal-EASO

| It-taħriġ tal-EASO f'ċifri fl-2013 |
|---|
| *2 111-il uffiċjal tal-asil imħarrġa taħt il-kurrikulu ta' taħriġ tal-EASO.*<br>*154 sessjoni ta' taħriġ.*<br>*13-il modulu tat-taħriġ tal-EASO.*<br>*Twettqu 13-il sessjoni ta' taħriġ għal min iħarreġ.*<br>*Ġew żviluppati jew sottożviluppati 3 moduli tat-taħriġ ġodda.*<br>*Ġew aġġornati 6 moduli tat-taħriġ (3 minnhom ġew konklużi).*<br>*Ġew żviluppati 2 manwali dwar 2 moduli tat-taħriġ.*<br>*It-'Training cockpit' taħt implimentazzjoni.*<br>*Ġiet żviluppata rotta ta' tagħlim (il-moduli ewlenin, avvanzati jew fakultattivi).*<br>*2 laqgħat ta' taħriġ tal-punti ta' kuntatt nazzjonali.*<br>*Seminar didattiku annwali tal-EASO.*<br>*Laqgħa annwali tal-grupp ta' referenza tal-EASO.* |

Kultura komuni ġenwina tal-UE fil-qasam tal-asil tista' tinbena biss fuq il-bażi ta' valuri komuni, standards etiċi u professjonali kondiviżi u l-fiduċja reċiproka bejn il-professjonisti kollha fil-qasam tal-asil fil-livell nazzjonali u tal-UE. Biex tinbena din il-kultura komuni tal-UE huma essenzjali l-iskambju ta' esperjenzi u ta' prattiki tajba kif ukoll it-taħriġ komuni għall-professjonisti fil-qasam tal-asil fl-UE.

Fil-qasam tat-taħriġ u l-iżvilupp professjonali, it-taħriġ komuni huwa l-pedament bażiku biex jinbena fehim komuni tas-SEKA. L-għadd ta' Stati Membri li jibbenefikaw mill-kurrikulu tat-taħriġ tal-EASO żdied f'dawn l-aħħar sentejn peress li dan għadda taħt l-EASO.

L-attivitajiet tat-taħriġ tal-EASO fl-2013 appoġġjaw lill-Istati Membri fl-iżvilupp u l-bini tal-ħiliet u l-kompetenzi tal-persunal tagħhom permezz tat-taħriġ komuni kwalitattiv. It-taħriġ tal-EASO kkontribwixxa għall-implimentazzjoni koerenti tas-SEKA billi appoġġja l-istabbiliment ta' livelli ta' kwalità komuni fl-UE. F'konformità mal-qafas maħluq mill-istrateġija tat-taħriġ adottata fl-2012, l-EASO segwa approċċ fuq żewġ binarji: min-naħa waħda l-EASO żviluppa materjali tat-taħrig rilevanti; u min-naħa l-oħra, l-EASO organizza taħriġ ibbażat fuq sistema ta' taħriġ għal min iħarreġ. Il-kurrikulu tat-taħriġ tal-EASO jkopri l-aspetti ewlenin tal-proċedura tal-asil permezz ta' 13-il modulu interattiv(2) li jsegwu metodoloġija ta' tagħlim imħallta, li tikkombina t-tagħlim elettroniku online u s-sessjonijiet wiċċ imb'wiċċ.

Matul l-2013, wara l-adozzjoni tal-pakkett riformulat tal-asil tal-UE u l-ġurisprudenza li qed tevolvi fil-livell Ewropew (kemm fil-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) u l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QtĠ-UE), sitt moduli eżistenti kienu soġġetti għal aġġornamenti fejn l-aġġornamenti ta' tlieta minn dawn il-moduli tlestew matul is-sena. Barra minn hekk, fl-2013 l-EASO żviluppa modulu ġdid dwar is-SEKA. B'reazzjoni għal aktar talbiet minn diversi Stati Membri, fl-2013 l-EASO beda wkoll l-iżvilupp ta' żewġ moduli oħra ġodda: modulu għall-maniġers li qed jaħdmu fil-qasam tal-asil u modulu dwar l-identità sesswali u l-orjentazzjoni sesswali. Fl-istess waqt, l-EASO beda l-iżvilupp ta' żewġ manwali għall-moduli tat-taħriġ dwar l-inklużjoni u dwar is-SEKA. L-għan ta' dawn il-manwali tat-taħriġ huwa li jservu bħala għodda ta' referenza għal dawk li diġà lestew is-sessjonijiet online u wiċċ imb'wiċċ tal-modulu tat-taħriġ partikolari. Il-manwali ser jakkumpanjaw il-prattikanti tal-asil fil-kors tal-ħidma tagħhom ta' kuljum billi jipprovdu sommarju tal-elementi ewlenin tal-materjal tat-taħriġ. Il-manwali se jservu wkoll bħala għodda biex jgħinu lill-istudenti jżommu l-għarfien u l-ħiliet miksuba permezz tat-taħriġ. Fil-ħidma tagħhom ta' kuljum se jkunu jistgħu jirriflettu aktar dwar l-għarfien u jiżviluppaw il-ħiliet u l-kompetenzi li kisbu waqt it-taħriġ. Il-materjali tat-taħriġ ġew żviluppati u aġġornati mill-EASO bl-għajnuna ta' timijiet ta' rappreżentanti mill-Istati Membri u pajjiżi assoċjati magħżula minn ġabra ta' aktar minn 180 espert. Barra minn hekk, fl-2013 l-EASO wettaq konsultazzjonijiet immirati ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u tas-soċjetà ċivili fir-rigward tal-materjali tat-taħriġ. Ta' importanza partikolari, f'dan is-sens, hija l-ħidma ta' grupp ta' referenza stabbilit mill-EASO li jikkonsisti minn rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropea, l-UNHCR, l-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Imħallfin tal-Liġi dwar ir-Refuġjati (IARLJ), in-Netwerk ta' Odissew u l-Kunsill Ewropew tar-Refuġjati u l-Eżiljati (ECRE), li għandu rwol importanti fil-proċess tal-iżvilupp tat-taħriġ. Pereżempju, fl-2013 il-modulu tal-EASO dwar

(2) Il-moduli tat-taħriġ attwali tal-EASO huma dawn li ġejjin: "Id-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Asil", "SEKA", "COI", "l-Abbozzar u t-Teħid tad-Deċiżjonijiet", "Ir-Regolament ta' Dublin", "It-Tmiem tal-Protezzjoni", "il-Valutazzjoni tal-Evidenza", "l-Esklużjoni", "L-Inklużjoni", "Il-Liġi Internazzjonali dwar ir-Refuġjati u d-Drittijiet tal-Bniedem", "L-Intervisti mat-Tfal", "Tekniki tal-Intervisti", u "L-Intervisti ma' Persuni Vulnerabbli". Żewġ moduli ġodda huma mistennija jissupplimentaw il-kurrikulu tat-taħrġ tal-EASO fl-2014: "Sess, Identità Sesswali u Orjentazzjoni sesswali" u "Il-Maniġers".

l-intervisti tat-tfal ġie rivedut u aġġornat minn grupp ta' kontenut ta' esperti tal-Istati Membri u minn grupp ta' referenza li jinkludi l-Kummissjoni, l-FRA, l-UNHCR, l-ECRE u l-IARLJ. L-aġġornament iffoka fuq l-iżgurar li l-modulu inkluda d-dispożizzjonijiet tad-direttivi riformulati, indirizza l-kunċett tal-aħjar interess tat-tfal u enfasizza d-dispożizzjonijiet speċifiċi tat-tfal rilevanti għat-twettiq ta' intervista. Il-modulu kien kondiviż ukoll bħala prattika tajba waqt konferenza organizzata mill-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL) u bħala parti mill-proġett CREDO tal-UNHCR. Barra minn hekk il-laqgħa annwali tal-grupp ta' referenza saret f'Ottubru 2013.

F'Marzu 2013, l-EASO stabbilixxa t-"training cockpit" tiegħu, bil-għan li jassisti kemm lill-Istati Membri fit-twaqqif u l-monitoraġġ ta' pjanijiet ta' taħriġ u ta' miri nazzjonali kif ukoll lill-EASO fl-iżvilupp ta' għodda ta' taħriġ u fl-appoġġ tal-attivitajiet tal-Istati Membri f'dan il-qasam u fl-iżvilupp tal-objettivi tal-UE. Abbażi tad-dejta pprovduta mill-Istati Membri dwar il-persunal u t-taħriġ, l-EASO żviluppa analiżi tal-attivitajiet tat-taħriġ fil-livell tal-UE u dak nazzjonali. F'dan ir-rigward, matul is-sena, 2 111-il uffiċjal tal-asil ġew imħarrġa taħt il-kurrikulu tat-taħriġ tal-EASO kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-kwartieri ġenerali tal-EASO. Ġew organizzati total ta' 154 sessjoni ta' taħriġ inklużi 13-il sessjoni ta' taħriġ għal min iħarreġ mogħtija fil-kwartieri ġenerali tal-EASO li fihom ipparteċipaw 160 ħarrieġa nazzjonali.

Matul l-2013 l-EASO fassal mill-ġdid ir-rotta ta' tagħlim bil-għan li jiġu adattati attivitajiet ta' taħriġ għall-ħtiġijiet u l-ispeċifiċitajiet ta' kull grupp potenzjali fil-mira. L-EASO identifika ħames gruppi ewlenin fil-mira: uffiċjali tal-każijiet dwar l-asil, maniġers ta' unitajiet tal-asil, uffiċjali legali, riċerkaturi ta' COI u uffiċjali tal-akkoljenza. Se tiġi żviluppata triq ta' tagħlim speċifika għal kull grupp. Kull triq ta' tagħlim tirrakkomanda sett ta' moduli ewlenin li huma importanti għall-prestazzjoni tal-ħidma bażika ta' rwol speċifiku u l-moduli avvanzati u fakultattivi. L-EASO ħeġġeġ lill-uffiċjali kollha fi ħdan il-grupp fil-mira jsegwu l-moduli ewlenin, sistema li se tkompli tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tas-SEKA permezz tal-armonizzazzjoni ta' taħriġ bażiku komuni fost l-uffiċjali tal-asil li jwettqu kompiti simili irrispettivament mill-kultura tat-taħriġ nazzjonali tagħhom.

Fl-2013 l-EASO beda billi ffoka fuq l-uffiċjali tal-każijiet tal-asil u ppropona triq ta' tagħlim għal dan il-grupp fil-mira. F'konformità mad-Direttiva riformulata dwar il-Proċeduri tal-Asil u abbażi tal-analiżi tad-dejta miksuba permezz tat-"training cockpit", l-EASO ppropona li l-uffiċjali tal-każijiet tal-asil fl-UE jsegwu l-moduli ewlenin "L-Inklużjoni", "Tekniki għall-Intervisti", u "Il-Valutazzjoni tal-Evidenza". Il-moduli avvanzati se jikkonsistu minn "L-Intervisti ma' Persuni Vulnerabbli", "L-Intervisti mat-Tfal", "L-Abbozzar u t-Teħid ta' Deċiżjonijiet", "L-Esklużjoni", "COI", "SEKA", "Sess, Identità Sesswali u Orjentazzjoni Sesswali" u "Il-Liġi Internazzjonali dwar ir-Refuġjati u d-Drittijiet tal-Bniedem". Il-moduli fakultattivi se jinkludu "It-Tmiem tal-Protezzjoni", "Id-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Asil", "Ir-Regolament ta' Dublin", "Id-Direttiva dwar il-Kondizzjonijiet tal-Akkoljenza" u "Il-Maniġers".

Barra minn hekk, il-laqgħat ta' taħriġ tal-punti ta' kuntatt nazzjonali twettqu f'Mejju u Ottubru 2013 filwaqt li s-seminar didattiku annwali ġie organizzat f'Ottubru 2013.

## 3.2. Il-kwalità tal-proċessi u d-deċiżjonijiet tal-asil

| Il-ħidma tal-EASO fir-rigward tal-kwalità tal-proċessi u d-deċiżjonijiet tal-asil f'ċifri |
|---|
| *L-iżvilupp tal-matriċi ta' kwalità tal-EASO.*<br>*4 laqgħat tematiċi dwar il-kooperazzjoni prattika.*<br>*Laqgħa tal-punti ta' kuntatt nazzjonali dwar il-kwalità.* |

Kif imsemmi fit-taqsima preċedenti, l-EASO jikkunsidra li l-iskambju ta' esperjenzi u prattiki tajba huwa essenzjali biex tinbena fiduċja komuni u kultura komuni tal-UE fil-qasam tal-asil. Għalhekk il-ħidma tal-EASO fil-qasam tal-kwalità għandha l-għan li tappoġġja l-istabbiliment progressiv ta' proċessi u proċeduri ta' kwalità fl-Istati Membri kollha kif ukoll it-titjib ulterjuri tal-kwalità tad-deċiżjonijiet tal-asil.

Fl-2013 bl-adozzjoni tal-pakkett riformulat ġdid tal-asil tal-UE, l-EASO wettaq l-attivitajiet tiegħu fuq il-kwalità biex jidentifika prattiki tajba u jappoġġja l-kooperazzjoni prattika fil-kondiviżjoni ta' dawn il-prattiki u l-għodod tajba bil-għan li tiżdied il-koerenza fl-implimentazzjoni tal-istrumenti legali ġodda tas-SEKA. L-attivitajiet twettqu b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni Ewropea u l-UNHCR.

Għalhekk matul l-2013 l-EASO ffaċilita dan l-iskambju permezz tal-matriċi ta' kwalità mnedija fl-2012. Din il-matriċi hija inizjattiva ta' appoġġ orjentata lejn ir-riżultati maħsuba biex tkopri b'mod komprensiv l-oqsma kollha tas-SEKA. Ir-riżultati tal-matriċi jintużaw biex jipproduċu rapporti dwar prattiki tajba, mekkaniżmi u għodod ta' kwalità

u anke biex jiżviluppaw għodod ta' kwalità tal-EASO. Il-matriċi ta' kwalità kkontribwixxiet ukoll għall-identifikazzjoni ta' ħtiġijiet tal-appoġġ operattiv possibbli biex l-Istati Membri jiġu assistiti fl-implimentazzjoni effettiva ta' standards ta' kwalità għolja fil-proċessi tal-asil tagħhom. Bħala parti mill-eżerċizzju ta' mmappjar tal-matriċi ta' kwalità, l-EASO żviluppa, aġġorna b'mod regolari u qassam lista ta' proġetti u inizjattivi fl-UE maħsuba biex isservi bħala database komprensiva u permanenti ta' proġetti u inizjattivi li għandhom l-għan komuni li jtejbu l-kwalità. Din tkopri aspetti differenti tas-SEKA u hija organizzata skont it-temi bħal pereżempju l-kwalità tal-proċeduri, il-minorenni, is-COI jew il-kondizzjonijiet ta' akkoljenza fost oħrajn.

Fl-2013 il-matriċi ta' kwalità ffokat fuq l-immappjar tal-aspetti ewlenin tal-istadju li jiddetermina l-proċeduri tal-asil jiġifieri l-intervisti personali, il-valutazzjoni tal-evidenza, l-eliġibbiltà u l-esklużjoni.

Għal dan il-għan l-EASO organizza erba' laqgħat tematiċi dwar il-kooperazzjoni prattika kif ukoll laqgħa mal-punti ta' kuntatt nazzjonali dwar il-kwalità. Din tal-aħħar iffokat fuq l-iżvilupp ta' għodod prattiċi relatati mal-kwalità mill-EASO bl-appoġġ tal-Istati Membri tal-UE.

## 3.3. L-Informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini

| Is-COI tal-EASO f'ċifri |
|---|
| *Saru disponibbli 2 108 dokumenti ġodda tas-COI fuq il-portal komuni Ewropew ta' COI.*<br>*Ġie adottat approċċ tan-netwerk ta' COI.*<br>*2 laqgħat tan-Netwerk Strateġiku ta' COI.*<br>*Inħolqu 3 netwerks speċifiċi ta' COI dwar il-Pakistan, is-Somalja u s-Sirja.*<br>*10 workshops u seminars speċifiċi għall-pajjiżi (l-Afganistan, il-Gana, il-Mali, in-Niġerja, il-Pakistan, il-Federazzjoni Russa, is-Senegal, is-Somalja, is-Sirja u l-Balkani tal-Punent).*<br>*Analiżi komparattiva dwar il-Balkani tal-Punent.*<br>*2 laqgħat tal-amministraturi tal-portal komuni nazzjonali.*<br>*Kors ta' taħriġ dwar il-portal ta' COI.* |

Id-disponibbiltà u l-użu ta' COI ta' kwalità għolja hija waħda mill-pedamenti għat-teħid ta' deċiżjonijiet ta' kwalità u armonizzat fil-każijiet tal-asil. Għalhekk appoġġ kontinwu fil-qasam tas-COI huwa għodda importanti fl-implimentazzjoni koerenti u konsistenti tas-SEKA. F'konformità mal-pakkett riformulat tal-asil tal-UE, fl-2013 l-EASO appoġġja l-iżvilupp ta' sistema komprensiva ta' COI tal-UE li tgħolli u tarmonizza l-istandards fuq is-COI u l-kontenut flimkien mal-Istati Membri u partijiet interessati ewlenin oħrajn (pereżempju qrati u tribunali, korpi ta' riċerka, organizzazzjonijiet internazzjonali). Għal dan il-għan minħabba l-kapaċità fil-produzzjoni ta' COI li diġà teżisti fl-UE u l-Istati Membri tagħha, il-ħolqien u l-ġbir ta' COI kienu progressivament razzjonalizzati u b'hekk l-approċċ tan-netwerk adottat mill-EASO beda l-immappjar preċiż tal-ħtiġijiet għal COI fil-livell tal-UE u konsegwentement għen biex jimtlew lakuni u jiġi evitat xogħol doppju.

F'dan ir-rigward, fl-2013, l-EASO kompla jipprovdi COI bl-iżvilupp kontinwu tal-portal komuni Ewropew ta' COI li ffaċilita l-konnessjoni ta' aktar databases. Il-portal ta' COI nbena biex jippermetti li l-uffiċjali tal-asil ikollhom aċċess għal firxa wiesgħa ta' COI minn punt tad-dħul waħdieni. Fl-2013 il-portal ta' COI kien parzjalment imfassal mill-ġdid u issa jippreżenta l-identità viżiva tal-EASO. Ippermetta l-konnessjoni tad-databases uffiċjali tas-COI fil-pussess tal-Istati Membri u pajjiżi assoċjati f'applikazzjoni tal-internet unika filwaqt li ppermetta li l-Istati Membri li ma għandhomx sistemi bbażati fuq l-internet itellgħu u jikkondividu dokumenti tas-COI f'żona dedikata lokali msejħa l-"Upload Area". Fl-2013 ġew konnessi ħames databases ta' COI nazzjonali (il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, in-Norveġja u l-Isvezja). Fl-2013 madwar 2 108 dokumenti relatati mas-COI saru disponibbli permezz tal-Portal Komuni Ewropew ta' COI li ġab in-numru totali ta' dokumenti aċċessibbli għal madwar 91 500. Fi Frar 2013 twaqqaf netwerk ta' amministraturi tal-portal komuni nazzjonali (NCPAs). L-NCPAs jaġixxu bħala punti ta' kuntatt bejn l-utenti nazzjonali tagħhom u l-EASO (għal reġistrazzjonijiet, mistoqsijiet mill-utenti, kwistjonijiet tekniċi, eċċ.). Huma jamministraw l-"upload area" rispettiva tagħhom filwaqt li jiżguraw il-konsistenza u l-kwalità ta' din iż-żona jew jissorveljaw il-konnessjoni tad-databases tas-COI nazzjonali tagħhom. Fl-aħħar nett jipprovdu taħriġ fuq il-portal ta' COI lill-utenti nazzjonali tagħhom meta jkun meħtieġ. Ġie organizzat kors ta' taħriġ tal-NCPA f'April u t-tieni laqgħa tal-NCPA saret f'Novembru 2013. Sabiex l-NCPAs jiġu appoġġjati fir-rwol tagħhom, ġiet żviluppata gwida tal-NCPA u gwida tal-utenti ġiet magħmula disponibbli sabiex tgħinhom fit-taħriġ ta' utenti ġodda. Fl-aħħar nett Grupp Konsultattiv magħmul minn rappreżentanti mill-Istati Membri, il-pajjiżi assoċjati u l-Kummissjoni Ewropea twaqqaf fl-2013 sabiex jaqsam l-esperjenzi dwar l-użu prattiku tal-portal u jiddiskuti direzzjonijiet ġenerali b'rabta mal-iżvilupp tiegħu sabiex jiġu żgurati funzjonalità sħiħa u titjib eventwali.

Fl-2013 tnieda l-approċċ ta' netwerk tas-COI tal-EASO. Dan l-approċċ ta' netwerk jgħaqqad l-attivitajiet differenti tal-EASO relatati mas-COI fi struttura waħda koerenti u jagħmel użu mir-riżorsi disponibbli bl-aktar mod effettiv. Iż-żewġ elementi ewlenin tal-istrateġija tan-netwerk tas-COI tal-EASO huma: min-naħa waħda in-netwerk strateġiku tas-COI magħmul mill-Kapijiet tat-Taqsimiet tas-COI jew inkella esperti responsabbli għas-COI mill-Istati Membri kollha, pajjiżi assoċjati, il-Kummissjoni Ewropea u l-UNHCR u min-naħa l-oħra serje ta' netwerks ta' esperti speċifiċi li jlaqqgħu flimkien esperti tas-COI mill-Istati Membri fir-rigward ta' pajjiż speċifiku. Filwaqt li tal-ewwel jiddiskuti kwistjonijiet fuq livell strateġiku, in-netwerks speċifiċi jiskambjaw informazzjoni u jarmonizzaw prattiki tas-COI fil-qasam tal-kompetenza speċifika tagħhom. L-ewwel laqgħa tan-netwerk strateġiku f'April 2013 immarkat il-bidu ta' dan il-proċess. Matul din il-laqgħa u abbażi ta' metodoloġija ta' determinazzjoni ta' pajjiż tal-EASO, ittieħdet deċiżjoni biex jinbdew tliet netwerks ta' speċjalisti tas-COI pilota dwar il-Pakistan, is-Somalja u s-Sirja. Għan-netwerk tas-Sirja, il-laqgħa tal-bidu nżammet f'Ġunju 2013, għas-Somalja u l-Pakistan il-laqgħat tal-bidu nżammu f'Settembru 2013. Wara konsultazzjoni tan-netwerk strateġiku l-EASO ddeċieda f'Novembru 2013 li jibda erba' netwerks tal-ispeċjalisti ġodda tas-COI fl-2014, jiġifieri dwar l-Afganistan, l-Iraq, l-Iran u l-Federazzjoni Russa. In-netwerks speċjalisti komplew jikkondividu informazzjoni anke wara l-laqgħat.

Il-kompiti tan-netwerks speċjalisti maħluqa jinkludu: l-immappjar tal-prodotti tas-COI attwali eżistenti u ppjanati fil-livell nazzjonali sabiex tiġi evitata duplikazzjoni ta' sforzi; skambju ta' informazzjoni dwar sorsi, biblijografiji, missjonijiet ta' ġbir ta' informazzjoni ppjanati, eċċ.; u l-valutazzjoni tal-ħtieġa għal COI fil-livell tal-UE, u l-produzzjoni tagħha, abbażi tal-metodoloġija tar-rapport tas-COI tal-EASO. L-informazzjoni kollha rilevanti ġġenerata minn dawn in-netwerks ittellgħet fuq il-portal komuni Ewropew ta' COI sabiex tkun disponibbli għall-esperti b'tali mod li tkun disponibbli għall-esperti tas-COI u għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-UE. In-netwerks servew ukoll bħala għodda importanti għall-bini tal-kapaċità ta' uffiċjali tas-COI li għadhom kif ġew impjegati li jibdew jittrattaw ma' pajjiż ta' oriġini speċifiku kif ukoll għal pajjiżi li attwalment qed jistabbilixxu l-kapaċità ta' COI tagħhom u huma interessati li jissieħbu ma' netwerks speċifiċi għall-pajjiż sabiex jibbenefikaw mill-kompetenza eżistenti. L-approċċ tan-netwerk ta' COI b'hekk ta valur lill-kompetenza tas-COI diġà preżenti fl-Istati Membri u għen biex din tinħoloq fejn ma kinitx teżisti. L-approċċ tan-netwerk b'hekk ippermetta l-ħolqien gradwali ta' corpus ta' COI komuni li jwieġeb għall-ħtiġijiet ta' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-Unjoni u wasslet pass pass biex jogħlew u jiġu armonizzati l-istandards f'din il-parti essenzjali tas-SEKA.

Matul l-2013 l-EASO organizza 10 seminars jew workshops dwar il-kooperazzjoni prattika speċifiċi għall-pajjiżi li jiffukaw fuq is-COI, fuq il-politika jew fuq taħlita tat-tnejn. Is-seminars u workshops iffukaw fuq is-Sirja (Marzu u Ġunju 2013), il-Balkani tal-Punent (Marzu 2013), il-Federazzjoni Russa (Lulju 2013), is-Somalja (Settembru 2013) u l-Pakistan (Settembru 2013). Barra minn hekk, f'Novembru 2013 l-EASO organizza seminar dwar is-COI u n-Niġerja għall-membri tal-qrati u t-tribunali Taljani fil-kuntest tal-pjan ta' appoġġ speċjali tal-EASO għall-Italja. Saru workshops f'Ruma għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-ewwel istanza dwar il-prinċipji ta' COI (Settembru 2013), dwar l-Afganistan u l-Pakistan (Novembru 2013) u dwar il-Gana, il-Mali, in-Niġerja u s-Senegal (Diċembru 2013). L-appoġġ operattiv tal-EASO fil-qasam tas-COI ingħata wkoll lill-Greċja. Minbarra l-għoti ta' skedi informattivi dwar il-pajjiżi ta' oriġini ewlenin, li beda diġà fis-sena preċedenti, l-appoġġ kien jinkludi wkoll analiżi tal-ħtiġijiet u pjan ta' azzjoni għal possibbiltà ta' database ta' COI tal-Greċja.




Dwar is-sitwazzjoni tal-asil fl-UE fir-rigward tal-pajjiżi Balkani tal-Punent, f'Novembru 2013 l-EASO pproduċa rapport bit-titolu ***Applikanti għall-Asil mill-Balkani tal-Punent — Analiżi komparattiva tax-xejriet, fatturi li joħolqu u li jiġbdu (push-pull) u reazzjonijiet***(3) L-analiżi komparattiva tipprovdi informazzjoni u analiżi komuni li jistgħu jikkumplimentaw l-attivitajiet fuq is-COI fi ħdan l-EASO u fil-livell nazzjonali kif ukoll miżuri prattiċi fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

Fl-aħħar nett fost l-attivitajiet msemmija taħt it-Taqsima 3.1, il-modulu tat-taħriġ tal-EASO fuq is-COI kien aġġornat ukoll fl-2013.

(3) L-analiżi komparattiva hija disponibbli online fuq: http://easo europa eu/wp-content/uploads/BZ 2137 8ENC pdf

## 3.4. Il-Lista tal-Lingwi Disponibbli tal-EASO

| Il-Lista tal-Lingwi Disponibbli tal-EASO f'ċifri fl-2013 |
|---|
| *264 lingwa ġew identifikati fil-lista* |

Fl-2012 l-EASO stabbilixxa lista ta' lingwi disponibbli bil-għan li jiġu identifikati l-lingwi ġeneralment disponibbli għat-traduzzjoni diretta fl-Istati Membri. Fl-2013, l-EASO żamm u aġġorna l-lista li tinkludi 264 lingwa. Għalhekk il-lista ta' lingwi disponibbli ġiet aġġornata u saret disponibbli għall-Istati Membri f'April 2013. Fl-aħħar tliet xhur tal-2013, l-EASO ffaċilita l-kuntatti għall-Greċja u ċ-Ċipru li kienu esprimew ħtieġa għal servizzi ta' interpretazzjoni fil-lingwi mhux disponibbli fl-amministrazzjonijiet tagħhom stess.

## 3.5. Il-kooperazzjoni prattika tal-EASO

| Il-kooperazzjoni prattika tal-EASO f'ċifri fl-2013 |
|---|
| *40 attività ta' kooperazzjoni prattika* |

Implimentazzjoni koerenti tas-SEKA timplika prattiki komuni. Il-promozzjoni tal-kooperazzjoni prattika u l-prattiki komuni tikkostitwixxi dover essenzjali għall-EASO. Għalhekk, matul l-2013, l-EASO kompla bl-implimentazzjoni ta' attivitajiet ta' kooperazzjoni prattika (speċifiċi għall-pajjiż, legali u tematiċi) u saħħaħ in-netwerks speċjalizzati tiegħu.

Fl-2013, l-EASO kkonsolida l-kunċett ta' kooperazzjoni prattika u l-bini ta' metodoloġija fuq il-ħidma żviluppata minn grupp ta' ħidma fl-ewwel sentejn tal-operazzjonijiet tal-EASO. Għalhekk l-attivitajiet kollha tal-EASO f'dan il-qasam ġew miġbura taħt l-intestatura ta' kooperazzjoni prattika u kienu allinjati mal-pakkett riformulat tal-asil tal-UE f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni Ewropea.

Fi ħdan dan il-qafas, l-EASO organizza 40 attività ta' kooperazzjoni prattika li huma msemmija fit-taqsimiet l-oħra tar-rapport.

## 3.6. Il-programmi speċifiċi tal-EASO

### 3.6.1. Minorenni mhux akkumpanjati

| L-attivitajiet tal-EASO dwar il-minorenni mhux akkumpanjati (UAM) f'ċifri fl-2013 |
|---|
| *Pubblikazzjoni tal-EASO dwar il-valutazzjoni tal-età.*<br>*4 laqgħat tal-esperti tal-kooperazzjoni prattika dwar ir-rintraċċar tal-familji.*<br>*Ir-riċerka tal-EASO dwar ir-rintraċċar tal-familji.*<br>*Ġiet organizzata konferenza annwali tal-kooperazzjoni prattika dwar minorenni mhux akkumpanjati.* |

Il-ħidma tal-EASO fir-rigward tal-minorenni mhux akkumpanjati twettqet fi ħdan il-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Minorenni Mhux Akkumpanjati 2010–14 li jitlob approċċ komuni tal-UE għall-indirizzar tal-isfidi relatati mal-wasla fl-UE ta' numri kbar ta' minorenni mhux akkumpanjati. Il-pjan ta' azzjoni huwa bbażat fuq il-prinċipju tal-aħjar interessi tat-tfal u jistabbilixxi t-tliet linji ta' azzjoni ewlenin: il-prevenzjoni, il-protezzjoni u soluzzjonijiet dejjiema.

Fl-2013 l-EASO kompla żviluppa l-ħidma tiegħu f'dan il-qasam b'mod partikolari billi indirizza kwistjonijiet tematiċi bħall-valutazzjoni tal-età u r-rintraċċar tal-familji.

Fir-rigward tal-valutazzjoni tal-età, l-EASO ffinalizza l-abbozzar tal-pubblikazzjoni tal-EASO intitolata *Il-prattika tal-EASO fir-rigward tal-valutazzjoni tal-età fl-Ewropa*([4]). Il-pubblikazzjoni tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-prattiki madwar l-UE fir-rigward tal-valutazzjoni tal-età bil-għan li l-uffiċjali tal-politika jiġu appoġġjati fl-iżvilupp ta' proċessi u proċeduri dwar il-valutazzjoni tal-età f'konformità mas-SEKA. Il-pubblikazzjoni ġiet żviluppata f'konsultazzjoni u kollaborazzjoni mal-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri kif ukoll ma' esperti rilevanti oħrajn li ngħataw l-opportunità li jirrevedu u jikkummentaw dwar il-kontenut, il-kamp ta' applikazzjoni u l-abbozz tal-verżjonijiet. Ir-rapport jipprovdi analiżi taċ-ċirkostanzi tal-valutazzjoni tal-età, il-mezzi proċedurali u s-salvagwardji, l-għodod u l-metodi għall-valutazzjoni tal-età, il-proċessi ta' teħid tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni ma' atturi oħrajn, filwaqt li jindika r-rakkomandazzjonijiet ewlenin f'dawn l-oqsma kollha.




Fir-rigward tar-rintraċċar tal-familji, l-EASO organizza tul l-2013 erba' laqgħat tal-esperti tal-kooperazzjoni prattika dwar ir-rintraċċar tal-familja li ppruvaw jindirizzaw il-kwistjonijiet ewlenin, l-isfidi u l-prattiki tajbin disponibbli. L-għan kien li jiġu ffaċilitati l-kondiviżjoni tal-informazzjoni u l-iskambju tal-prattiki. Flimkien mal-Istati Membri, ipparteċipaw fil-laqgħat ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropea, l-FRA, l-UNHCR, l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni (IOM), membri tal-qrati u tat-tribunali fl-Istati Membri, il-Kumitat Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar (KISA), l-ECRE u Save the Children. Barra minn hekk, fl-2013 l-EASO u l-Kummissjoni Ewropea ħarġu kwestjonarju konġunt lill-Istati Membri dwar il-politika u l-prattika attwali relatati ma' dan is-suġġett. Din ir-riċerka wasslet għal fehim aħjar ta' kif l-Istati Membri qed iwettqu r-rintraċċar tal-familji fil-prattika. Abbażi tar-riżultati tnediet konsultazzjoni usa' ma' esperti rilevanti minn organizzazzjonijiet internazzjonali, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, akkademiċi, tobba, membri tal-qrati u tribunali u aġenziji oħra tal-UE. Dawn l-attivitajiet se jkunu l-bażi għall-iżvilupp ta' ħarsa ġenerali komprensiva lejn il-prattika attwali fir-rintraċċar tal-familji.

Barra minn hekk, kif imsemmi fit-Taqsima 3.1, il-modulu tal-EASO "L-Intervisti mat-Tfal" kien ukoll rivedut u aġġornat. L-aġġornament ikkunsidra r-riformulazzjoni tal-pakkett tal-asil tal-UE u l-iżvilupp tas-SEKA. L-aħħar verżjoni tal-modulu tikkonċentra fuq kif titwettaq intervista bl-użu tal-metodu ta' komunikazzjoni dijaloġika żviluppat għall-għan speċifiku li jiġu intervistati t-tfal. It-teknika tippermetti li jiġi żviluppat rapport bejn l-intervistatur u l-minorenni fejn jinħoloq ambjent sikur ta' fiduċja u li l-minorenni jkunu jistgħu jagħtu rendikont liberu tal-esperjenzi tagħhom. Il-modulu jindirizza wkoll id-dispożizzjonijiet speċifiċi għat-tfal, bħar-rwol tar-rappreżentant, iċ-ċirkostanzi ta' UAM, il-vulnerabbiltà u l-indirizzar ta' sitwazzjonijiet diffiċli.

F'Diċembru 2013 l-EASO żamm l-ewwel konferenza annwali tiegħu relatata mal-attivitajiet tiegħu fir-rigward tat-tfal mhux akkumpanjati bil-parteċipazzjoni tal-Istati Membri tal-UE, il-Kummissjoni Ewropea, l-UNHCR, membri tas-soċjetà ċivili inklużi rappreżentanti mill-qrati u t-tribunali. Il-laqgħa ffokat fuq ir-reviżjoni u l-evalwazzjoni tal-attivitajiet tal-EASO mwettqa fil-qasam sa dik il-ġurnata.

## 3.6.2. It-traffikar tal-bnedmin

| L-attivitajiet tal-EASO dwar it-traffikar tal-bnedmin (THB) f'ċifri fl-2013 |
|---|
| *Parteċipazzjoni f'laqgħat mill-aġenziji tal-ġustizzja u l-affarijiet interni (ĠAI).*<br>*2 sessjonijiet ta' taħriġ fir-rigward tal-modulu dwar l-intervisti ma' persuni vulnerabbli.*<br>*Ir-reklutaġġ ta' uffiċjal iddedikat fir-rigward tat-THB u s-sess.* |

([4]) Il-pubblikazzjoni hija disponibbli online fuq: http://easo europa eu/wp-content/uploads/EASO-Age-assessment-practice-in-Europe pdf

Fl-2012 il-Kummissjoni Ewropea adottat l-istrateġija tal-UE lejn il-Qerda tat-Traffikar tal-Bnedmin 2012-16. Dan irriżulta fil-ħtieġa li jiġi indirizzat it-traffikar tal-bnedmin b'mod multidixxiplinari, koordinat u koerenti u li jiġu inklużi l-atturi rilevanti kollha li qed jaħdmu fl-oqsma differenti tat-traffikar tal-bnedmin. Dan huwa konformi mal-mandat tal-koordinatur kontra t-traffikar tal-UE li qed jissorvelja l-implimentazzjoni tal-istrateġija bil-ħsieb li jittejbu l-koordinazzjoni u l-koerenza bejn l-atturi kollha involuti fl-indirizzar tat-traffikar tal-bnedmin.

Barra minn hekk il-kapijiet tal-aġenziji rilevanti tal-ĠAI (is-CEPOL, l-EASO, l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE), l-Eurojust, l-Europol, l-FRA u l-Frontex) iffirmaw f'Ottubru 2011 dikjarazzjoni konġunta li fiha impenjaw ruħhom li jindirizzaw it-THB b'mod koordinat, koerenti u komprensiv.

F'dan il-kuntest l-EASO pparteċipa matul l-2013 f'diversi laqgħat tal-aġenziji ĠAI biex jiġu promossi l-iskambju ta' informazzjoni u l-koordinazzjoni ta' attivitajiet operattivi fil-kuntest tal-istrateġija tal-UE.

Fl-2013 l-EASO ffoka wkoll fuq il-persuni vulnerabbli fi ħdan flussi migratorji mħallta bħala parti mill-attivitajiet tiegħu biex jappoġġja l-implimentazzjoni koerenti u komprensiva tas-SEKA. Il-vittmi potenzjali ta' THB għandhom l-ispeċifiċitajiet bħala persuni vulnerabbli fil-proċess tal-asil. Biex jiġi żgurat li l-uffiċjali tal-asil ser ikollhom livell ogħla ta' għarfien biex jiskopru u jirreferu vittmi ta' THB, għodod u informazzjoni huma parti mis-sett ta' għodod tal-EASO b'mod partikolari fil-moduli tat-taħriġ u l-manwali inkluż il-modulu dwar l-intervisti ma' persuni vulnerabbli. F'April u Ottubru 2013 ġew organizzati żewġ sessjonijiet immirati ta' taħriġ għal min iħarreġ fir-rigward ta' dan il-modulu.

F'Diċembru 2013 l-EASO beda l-iżvilupp ta' modulu ġdid ta' taħriġ dwar "Sess, Identità Sesswali u Orjentazzjoni Sesswali" fejn se jiġi indirizzat il-fenomenu speċifiku għall-ġeneru tat-traffikar tal-bnedmin.

Fl-aħħar nett l-EASO kkuntratta uffiċjal iddedikat fir-rigward tat-THB u fir-rigward tas-sessi fl-2013 li se jikkoordina l-ħidma tal-EASO f'dan il-qasam, jintegra l-perspettiva tal-persuni vulnerabbli fl-oqsma kollha tal-ħidma tal-EASO u jappoġġja koerenza politika f'dan il-qasam.

## 3.6.3. Il-kooperazzjoni mal-membri tal-qrati u tat-tribunali

| Il-kooperazzjoni tal-EASO mal-membri tal-qrati u tat-tribunali f'ċifri fl-2013 |
|---|
| *4 laqgħat konsultattivi ma' assoċjazzjonijiet ġudizzjarji (dwar l-istrateġija, l-iżvilupp professjonali, il-ġbir u t-tixrid ta' ġurisprudenza u l-bini tal-kapaċità fil-kuntest tal-operazzjonijiet tal-EASO).*<br>*Ġie stabbilit qafas dwar il-kooperazzjoni mal-qrati u t-tribunali.*<br>*Ġie stabbilit netwerk ta' membri tal-qrati u tat-tribunali Ewropej u nazzjonali.*<br>*Workshop avvanzat dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 15(c) tad-Direttiva dwar il-Kwalifiki.*<br>*3 seminars għall-ġudikatura Taljana (is-COI fuq in-Niġerja, il-valutazzjoni tal-evidenza u l-kredibbiltà, u t-tekniki tal-intervisti).*<br>*Inġabru u tqassmu 100 deċiżjoni Ewropea u nazzjonali dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 15(c) tad-Direttiva dwar il-Kwalifiki.*<br>*Laqgħa annwali ta' ppjanar u koordinazzjoni.*<br>*Kontribuzzjoni esperta f'6 avvenimenti tal-bini tal-kapaċità esterni, inklużi 2 workshops TAIEX għall-Imħallfin tal-Liġi dwar ir-Refuġjati, il-konferenza finali tal-proġett CREDO, il-laqgħa tal-grupp ta' ħidma tal-Assoċjazzjoni tal-Imħallfin Amministrattivi Ewropej (AEAJ) u l-konferenza tal-kapitolu Ewropew tal-IARLJ.* |

Matul l-2013 l-EASO kompla l-konsultazzjoni miftuħa mibdija fl-2012 dwar l-appoġġ tal-Aġenzija u r-rwol li dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet tat-tieni istanza jista' jkollhom fl-implimentazzjoni tas-SEKA. Bħala parti mill-proċess ta' konsultazzjoni l-EASO organizza erba' laqgħat ta' gruppi ta' ħidma speċifiċi. Il-konsultazzjoni ispirat l-adozzjoni tal-qafas tal-EASO dwar il-kooperazzjoni mal-membri tal-qrati u t-tribunali li jiddeskrivi l-approċċ tiegħu u jiddefinixxi l-oqsma ewlenin ta' kooperazzjoni bħal din. Bl-adozzjoni ta' dan il-qafas l-EASO saħħaħ l-impenn tiegħu biex jiżgura li l-attivitajiet ta' kooperazzjoni prattika tiegħu jitwettqu b'rispett sħiħ għall-indipendenza tal-qrati u t-tribunali.

F'Awwissu 2013 l-EASO avviċina qrati u tribunali rilevanti fl-Istati Membri biex jippreżenta dan il-qafas li rriżulta fit-twaqqif ta' netwerk tal-EASO magħmul minn rappreżentanti tal-QtĠ-UE, il-QEDB, l-Istati Membri, in-Norveġja

u l-Isvizzera, li formalment innominaw persuna ta' kuntatt għall-kooperazzjoni tagħhom mal-EASO. L-EASO kkonsolida wkoll il-kooperazzjoni tajba tiegħu mal-IARLJ u l-AEAJ permezz ta' skambju formali ta' ittri u kompla l-kollaborazzjoni tiegħu mal-UNHCR, l-FRA, l-akkademiċi, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u msieħba rilevanti oħra bħan-Netwerk Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (EJTN).

F'Ġunju 2013 l-EASO kellu l-ewwel laqgħa bilaterali formali tiegħu mal-membri tal-QtĠ-UE u l-QEBD sabiex jippromwovi l-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet ta' asil u jrawwem l-involviment tiegħu fin-netwerk tal-EASO. Barra minn hekk l-EASO ppparteċipa fil-grupp ta' ħidma tal-asil u l-immigrazzjoni tal-AEAJ f'Settembru u fil-konferenza tal-Kapitolu Ewropew tal-IARLJ f'Ottubru. Fl-aħħar nett l-EASO pparteċipa f'seminar dwar il-liġi dwar l-asil tal-UE organizzat mis-sotto-grupp ta' ħidma tal-EJTN dwar il-liġi amministrattiva.

F'Diċembru 2013 l-EASO kellu l-laqgħa annwali tiegħu biex jevalwa l-progress u jimpenja membri tal-qorti u tat-tribunal fl-ippjanar tal-attivitajiet għall-2014.

Fir-rigward tal-iżvilupp professjonali, l-EASO organizza l-ewwel workshop avvanzat tiegħu f'Diċembru bil-għan li jistimula diskussjoni fost membri tal-qorti u tat-tribunal li għandhom l-esperjenza dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 15(c) tad-Direttiva dwar il-Kwalifiki. Barra minn hekk, l-EASO mexa 'l quddiem fit-tħejjija tal-metodoloġija tiegħu għall-iżvilupp ta' kurrikulu professjonali li se jiġi adottat fl-2014.

Fir-rigward tal-ġbir u l-iskambju tal-ġurisprudenza, l-EASO fil-kuntest ta' inizjattiva usa' dwar l-iżvilupp tas-sistema ta' informazzjoni u dokumentazzjoni tiegħu u ta' database tal-ġurisprudenza, ġabar ġurisprudenza inkluż madwar 100 deċiżjoni Ewropea u nazzjonali dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 15(c) tad-Direttiva dwar il-Kwalifiki li tqassmet permezz tan-netwerk tal-EASO. Il-ġabra tipprovdi ħarsa ġenerali utli ta' aktar minn 100 deċiżjoni Ewropea u nazzjonali rilevanti dwar is-suġġett.

Fi ħdan il-kuntest tal-pjan ta' appoġġ speċjali għall-Italja, l-EASO wettaq valutazzjoni tal-ħtiġijiet bir-reqqa bl-appoġġ tal-ġudikatura Taljana li wassal għall-iżvilupp ta' pjan professjonali. Il-pjan, żviluppat f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Iskola Taljana għall-Ġudikatura, kien jinkludi l-organizzazzjoni ta' tliet seminars pilota f'Malta dwar il-valutazzjoni u l-kredibbiltà tal-evidenza (Ottubru 2013), is-COI (Novembru 2013) u t-tekniki tal-intervisti (Diċembru 2013). Evalwazzjoni pożittiva ta' dawn is-seminars ikkonfermat il-kontinwazzjoni tal-appoġġ tal-EASO bl-organizzazzjoni ta' kors bħala parti mill-programm uffiċjali tal-iskola Taljana fl-2014.

Barra minn hekk l-EASO pparteċipa f'żewġ workshops tal-istrument għall-Assistenza Teknika u Skambju ta' Informazzjoni (TAIEX) fil-kuntest tal-politika tat-tkabbir tal-UE. F'April 2013 ġie organizzat workshop dwar il-kooperazzjoni reġjonali bejn l-imħallfin tal-liġi dwar ir-refuġjati ġewwa Skopje (dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja), filwaqt li t-tieni workshop ġie organizzat f'Sarajevo (il-Bosnja-Ħerzegovina) f'Mejju 2013 dwar l-aħjar prattiki fl-użu ta' COI fil-proċeduri tal-asil fost il-prattikanti mir-reġjun.

# 3.7. Appoġġ speċjali tal-EASO

## 3.7.1. Appoġġ imfassal apposta u bini tal-kapaċità

| Appoġġ imfassal apposta u bini tal-kapaċità tal-EASO f'ċifri fl-2013 |
|---|
| *2 pjanijiet speċjali ta' appoġġ taħt implimentazzjoni (l-Italja u l-Isvezja).*<br>*Taħriġ speċifiku mogħti fuq 2 moduli tal-EASO għall-Isvezja.*<br>*Ġew skjerati 25 espert f'10 tim ta' appoġġ għall-asil fl-Italja.*<br>*6 workshops tematiċi dwar ir-Regolament ta' Dublin u dwar is-COI għall-Italja.*<br>*L-immappjar ta' sistema u proċessi tal-akkoljenza fl-Italja.*<br>*3 seminars għall-imħallfin Taljani (valutazzjoni ta' evidenza u kredibbiltà, tekniki tal-intervisti u COI, b'enfasi partikolari fuq in-Niġerja).* |

Matul l-2013 l-EASO żviluppa aktar il-miżuri ta' appoġġ speċjali tiegħu fil-forma ta' miżuri mmirati għall-Istati Membri b'ċerti ħtiġijiet identifikati u speċifiċi relatati mal-implimentazzjoni tal-pakkett riformulat tal-asil tal-UE.

Bħala riżultat l-EASO pprovda assistenza mfassla apposta għall-Isvezja u l-Italja fil-kuntest ta' pjanijiet ta' appoġġ speċjali ffirmati f'Diċembru 2012 u Ġunju 2013 rispettivament. Dan l-appoġġ ingħata skont it-talba minn dawk l-Istati Membri u l-valutazzjoni mill-EASO bbażata fost oħrajn fuq l-analiżi tiegħu fi ħdan l-EPS.

Barra minn hekk, f'Ottubru 2013 ġie ffirmat pjan operatorju tal-EASO mal-Bulgarija li jinkludi kemm miżuri ta' emerġenza kif ukoll miżuri strutturali u mfassla apposta. Mingħajr preġudizzju għan-natura differenti tal-miżuri, l-attivitajiet kollha implimentati fl-2013 taħt dan il-pjan operatorju għall-Bulgarija huma rrappurtati fit-Taqsima 3.8 "Appoġġ ta' Emerġenza".

## Pjan ta' appoġġ speċjali għall-Isvezja

Wara talba mill-Isvezja, f'Diċembru 2012 ġie ffirmat pjan ta' appoġġ speċjali tal-EASO. Il-pjan kellu l-għan li jassisti l-Isvezja fit-tisħiħ tas-sistema tal-asil tagħha b'aktar persunal imħarreġ taħt il-programm tat-taħriġ tal-EASO. Għalhekk l-EASO pprovda appoġġ speċjali lill-Isvezja billi wettaq sessjonijiet ta' taħriġ għal min iħarreġ matul ix-xhur ta' Jannar u Frar 2013 dwar żewġ moduli tal-EASO: "L-Inklużjoni" u "Il-Liġi Internazzjonali dwar ir-Refuġjati u d-Drittijiet tal-Bniedem"

## Pjan ta' appoġġ speċjali għall-Italja

Fil-każ tal-Italja ġiet ippreżentata talba mill-awtoritajiet Taljani lill-EASO fis-7 ta' Diċembru 2012. L-EASO ddeċieda li jipprovdi appoġġ fit-13 ta' Diċembru sabiex isaħħaħ is-sistema Taljana tal-asil u l-akkoljenza f'konformità mal-pakkett riformulat tal-asil tal-UE u abbażi tal-ħtiġijiet identifikati u l-valutazzjoni tas-sitwazzjoni fis-sistema Taljana tal-asil u l-akkoljenza inkluża d-dejta disponibbli fl-EPS tal-EASO.



L-iffirmar tal-Pjan Operatorju mal-Italja, Malta, 4 ta' Ġunju 2013

Il-pjan ta' appoġġ speċjali tal-EASO għall-Italja kien iffirmat fl-4 ta' Ġunju 2013 u kien jinkludi 45 attività ta' appoġġ ta' natura teknika u operattiva biex jassisti fit-titjib tal-implimentazzjoni tal-Italja tal-istrumenti legali tas-SEKA riveduti. Emenda għall-pjan ġiet miftiehma f'Settembru 2013 biex tinkludi miżuri addizzjonali. Il-miżuri previsti fil-pjan huma mistennija li jiġu implimentati fil-perjodu Ġunju 2013 - Diċembru 2014.

Timijiet ta' appoġġ għall-asil magħmula minn esperti tal-Istati Membri u tal-EASO kienu stabbiliti fl-2013 bil-għan li jappoġġjaw lill-Italja fis-COI, fit-tisħiħ tal-kapaċitajiet analitiċi u tas-sistema ta' Dublin, fil-kundizzjonijiet tal-kwalità fiċ-ċentri tal-akkoljenza, fil-proċeduri operattivi għall-kapaċità ta' emerġenza u f'aktar appoġġ għall-każijiet ta' appell. Fl-2013 total ta' 25 espert ġew skjerati fl-Italja f'10 timijiet ta' appoġġ għall-asil sabiex jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-pjan ta' appoġġ speċjali.

It-timijiet ta' appoġġ tal-EASO bdew l-implimentazzjoni tal-attivitajiet f'Settembru 2013. Ingħata appoġġ fir-rigward tal-ġbir tad-dejta u l-kapaċità analitika Taljana. F'dan ir-rigward twettqet missjoni ta' ġbir ta' informazzjoni u saret laqgħa fil-bidu ta' Novembru 2013. Ingħata appoġġ dwar is-COI fi tliet workshops fl-għamla ta' vidjokonferenza għal persuni Taljani li jieħdu d-deċiżjonijiet dwar l-asil, b'enfasi partikolari fuq il-Mali, il-Gana, in-Niġerja u s-Senegal, kemm fil-livell territorjali kif ukoll ċentrali matul l-aħħar tliet xhur tal-2013. L-EASO appoġġja wkoll lill-Italja permezz ta' rapport tekniku dwar ir-rekwiżiti relatati ma' Dublin fir-rigward tal-infrastruttura, il-persunal u r-riżorsi fil-Ministeru tal-Intern, kif ukoll pjan ta' taħriġ fuq is-sistema DubliNet, il-proċeduri ta' Dublin u l-aħjar immaniġġjar tal-każijiet vulnerabbli. Tliet workshops tematiċi dwar il-ġestjoni u l-implimentazzjoni prattika tal-proċeduri tar-Regolament ta' Dublin ġew organizzati f'Novembru u Diċembru 2013.

Eżerċizzju ta' mmappjar fir-rigward tal-kondizzjonijiet ta' akkoljenza u l-ħtieġa li jiġu kkonsolidati standards ta' kwalità tas-sistema ta' akkoljenza twettaq f'Ottubru 2013. Fl-aħħar nett, kif issemma qabel taħt it-Taqsima 3.6.3, tliet seminars ta' żvilupp professjonali għall-imħallfin Taljani li jittrattaw każijiet relatati mal-asil kienu organizzati f'Malta fl-aħħar tliet xhur tal-2013. Is-seminar ittratta kwistjonijiet bħall-valutazzjoni ta' evidenza u kredibbiltà, tekniki tal-intervisti u COI, b'enfasi partikolari fuq in-Niġerja.

### 3.7.2. Rilokazzjoni

| L-attivitajiet tal-EASO dwar ir-rilokazzjoni f'ċifri fl-2013 |
|---|
| *2 laqgħat tal-esperti tal-kooperazzjoni prattika dwar ir-rilokazzjoni.Parteċipazzjoni fl-ewwel Forum Annwali dwar ir-Rilokazzjoni.* |

Abbażi tal-eżerċizzju tal-ġbir ta' informazzjoni dwar l-attivitajiet ta' rilokazzjoni minn Malta mwettaq mill-EASO fl-2012, l-EASO organizza żewġ laqgħat ta' esperti f'Ġunju u Novembru 2013 bil-parteċipazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea, l-Istati Membri, l-UNHCR u l-IOM. Id-diskussjonijiet iffokaw fuq l-aspetti prattiċi u leġiżlattivi ta' approċċ ta' rilokazzjoni komuni, l-iżvilupp ta' materjal ta' appoġġ dwar kif jiġi tradott l-użu tal-finanzjament tal-UE għar-rilokazzjoni u l-immappjar tal-aħjar prattiki ta' rilokazzjoni fl-Istati Membri inklużi sistemi ta' organizzazzjoni interna u kondizzjonijiet ta' akkoljenza u integrazzjoni. Ġew issuġġeriti għodod speċifiċi tal-EASO għar-rilokazzjoni bħall-iżvilupp ta' manwal prattiku u metodoloġija dwar ir-rilokazzjoni.

L-EASO pparteċipa fl-ewwel Forum Annwali għar-Rilokazzjoni organizzat mill-Kummissjoni Ewropea f'Settembru 2013 fejn l-EASO ddeskriva l-possibbiltà ta' approċċ ta' rilokazzjoni komuni. Il-laqgħa kienet maħsuba li tipprovdi opportunità biex l-Istati Membri jiġu megħjuna jifhmu l-ħtiġijiet tar-rilokazzjoni tagħhom fil-futur immedjat u biex l-Istati Membri jiġu megħjuna fit-tħejjija tal-wegħdiet tagħhom.

### 3.7.3. Task Force għall-Mediterran

| L-attivitajiet tal-EASO relatati mat-task Force għall-Mediterran f'ċifri fl-2013 |
|---|
| *8 azzjonijiet allokati għall-EASO fi ħdan it-Task Force għall-Mediterran* |

It-traġedja tat-3 ta' Ottubru 2013 lil hinn mill-kosta ta' Lampedusa, meta dgħajsa li kienet qed iġġorr diversi mijiet ta' migranti għerqet bir-riżultat li mietu aktar minn 300 persuna, wasslet għal sejħiet ta' reazzjoni mill-UE biex jiżdiedu s-solidarjetà u l-appoġġ reċiproku sabiex jiġu evitati mwiet ta' migranti fil-Mediterran. L-hekk imsejħa Task Force għall-Mediterran (TFM) twaqqfet b'mod immedjat wara l-avveniment sabiex tindirizza azzjonijiet konkreti li jistgħu jittieħdu fir-rigward ta' din il-problema. It-TFM ġabret esperti mill-Istati Membri kollha, il-Kummissjoni Ewropea, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), l-EASO, il-Frontex, l-Europol, l-FRA u l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA). Abbażi tad-diskussjonijiet il-Kummissjoni Ewropea adottat Komunikazzjoni (COM(2013) 869 finali) fl-4 ta' Diċembru 2013.

L-EASO kien involut bis-sħiħ fil-proċess permezz tal-parteċipazzjoni tiegħu fil-laqgħat tal-Kunsill u tal-Kummissjoni. Ġew żviluppati diversi linji ta' azzjoni mit-TFM inklużi tmien azzjonijiet allokati għall-EASO prinċipalment f'ħames oqsma: it-titjib tas-sorveljanza tal-fruntieri biex tgħin issalva l-ħajjiet; l-assistenza u s-solidarjetà f'termini ta' appoġġ finanzjarju għall-Istati Membri li qed jindirizzaw pressjoni migratorja għolja; it-tisħiħ tal-ġlieda kontra t-traffikar, il-kuntrabandu u l-kriminalità organizzata; it-titjib tal-protezzjoni reġjonali u r-risistemazzjoni; u metodi legali għall-aċċess tal-Ewropa u azzjonijiet b'kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi.

L-EASO kkontribwixxa għall-pjan ta' azzjoni koordinat mill-Kummissjoni Ewropea billi ppropona sett ta' miżuri li għandhom jiġu implimentati mill-EASO. Dawn il-miżuri jinkludu fost oħrajn inizjattivi implimentati mill-EASO f'konformità mal-istrateġija ta' azzjoni esterna tiegħu. Għalhekk l-EASO inkluda miżuri taħt l-umbrella tas-sħubiji ta' mobilità mal-Marokk u t-Tuneżija u d-djalogu tal-UE dwar il-mobilità tal-migrazzjoni u s-sigurtà mal-Ġordan, b'mod partikolari fi ħdan il-qafas tal-proġett EASO-Frontex ENPI (ara Taqsima 3.10.2). L-EASO wera r-rieda tiegħu li jipprovdi appoġġ lil-Libja fil-kuntest ta' sħubija ta' djalogu/mobbilità futura. F'konformità mal-istrateġija ta' azzjoni esterna tal-EASO, l-EASO seta' jipprovdi taħriġ u miżuri oħra ta' bini tal-kapaċità bħala parti mill-Programmi ta' Protezzjoni Reġjonali fil-Ġordan, fil-Libja u fit-Tuneżija u se jinvestiga l-fattibbiltà ta' skema pilota dwar l-ipproċessar appoġġjat filwaqt li jtejjeb l-għoti ta' dejta biex ikun hemm ippjanar ta' kontinġenza aħjar.

Wieħed mill-għanijiet prinċipali tat-TFM huwa li jiġu żviluppati miżuri li jipprevjenu jew ifixklu l-użu ta' modi operandi perikolużi minn kuntrabandisti jew traffikanti tal-bnedmin li jiffaċilitaw il-qsim irregolari tal-migranti għall-fruntieri esterni tal-UE.

## 3.8. Appoġġ ta' emerġenza tal-EASO

| L-appoġġ ta' emerġenza tal-EASO f'ċifri fl-2013 |
|---|
| *2 pjanijiet operattivi (il-Bulgarija u l-Greċja) taħt implimentazzjoni.*<br>*Ġew skjerati 49 espert f'25 tim ta' appoġġ għall-asil fil-Bulgarija u l-Greċja.*<br>*Proġett EASO–UNHCR għall-Greċja dwar l-ipproċessar ta' każijiet pendenti.*<br>*2 inizjattivi ta' taħriġ konġunt mill-EASO-Frontex dwar l-identifikazzjoni u l-istabbiliment ta' ċittadinanza għall-Greċja.*<br>*8 workshops ta' kooperazzjoni prattika (dwar is-COI, il-ġbir tal-istatistika u d-dejta, u t-teħid ta' deċiżjonijiet dwar l-asil) għall-Greċja.*<br>*3 laqgħat għall-punti ta' kuntatt nazzjonali tar-riżerva ta' intervent għall-asil.*<br>*Eżerċizzju ta' emerġenza flimkien mal-Frontex fuq il-fruntiera Ungeriża-Rumena.* |

Fl-2013 l-EASO kompla żviluppa l-attivitajiet tiegħu biex jappoġġja lill-Istati Membri taħt pressjoni partikolari fis-sistema tal-asil u l-akkoljenza tagħhom b'mod partikolari billi pprovda appoġġ lill-Bulgarija u l-Greċja u billi żviluppa l-kapaċità tal-EASO li jirreaġixxi b'mod f'waqtu u effettiv għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza.

### 3.8.1. Pjan operattiv għall-Greċja

Matul l-2013 l-EASO kompla l-attivitajiet ta' emerġenza tiegħu fil-Greċja f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-pjan operattiv iffirmat f'April 2011. Wara t-tlestija tal-ewwel fażi tal-pjan operattiv fl-aħħar ta' Marzu 2013, ġiet miftiehma t-tieni fażi sabiex il-miżuri ta' appoġġ tal-EASO jiġu estiżi sal-31 ta' Diċembru 2014.

L-ewwel fażi tal-pjan operattiv iffokat fuq l-indirizzar tax-xogħol b'lura, it-twaqqif ta' struttura sostenibbli u effiċjenti tal-asil u l-akkoljenza u l-garanzija tal-kwalità tal-proċess tal-asil u tal-akkoljenza. Din il-fażi, ġiet issupplimentata mill-ftehim ta' għotja bejn l-EASO u l-UNHCR (Novembru 2012-Marzu 2013), li kellha l-għan li tappoġġja lill-Greċja fl-ipproċessar ta' każijiet pendenti inkluż bl-identifikazzjoni ta' każijiet inattivi u l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet ta' "interruzzjoni" għal dawk l-appelli li kienu meqjusa bħala inattivi. Bl-appoġġ tal-proġett aktar minn 9 kadetti tal-pulizija ġew imħarrġa u ġie provdut l-appoġġ materjali.

Wara talba fil-bidu tal-2013 mill-Greċja, abbażi tar-riżultati tal-ewwel fażi u taħt l-umbrella ġenerali tal-pjan ta' azzjoni nazzjonali rivedut Grieg dwar il-migrazzjoni u l-asil, fis-7 ta' Marzu 2013 l-EASO ffirma t-tieni fażi tal-pjan operattiv (April 2013-Diċembru 2014). It-tieni fażi tkopri 15-il miżura ta' appoġġ b'mod partikolari fl-oqsma tat-taħriġ, il-promozzjoni ta' proċeduri sostenibbli u effiċjenti tal-asil u l-akkoljenza, u l-finanzjament tal-UE.

Minn Ġunju 2013 is-servizzi Griegi ġodda relatati mal-asil (is-Servizz tal-Asil, l-Ewwel Servizz ta' Akkoljenza u l-Awtorità tal-Appelli) saru kompletament operattivi. It-twaqqif ta' istituzzjonijiet ġodda kien jeħtieġ it-taħriġ ta' ħaddiema fuq il-każijiet ġodda u l-bini tal-kapaċità amministrattiva (eż. b'rabta mal-kwalità, l-istatistika, is-COI, eċċ). L-EASO, li kien appoġġja dan il-proċess mill-bidu tal-operazzjonijiet fl-2011, iddedika sforz partikolari lit-taħriġ tal-persunal tas-servizzi l-ġodda taħt il-programm ta' taħriġ tal-EASO.

Fl-2013 ingħatat attenzjoni partikolari għaż-żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar u t-twettiq ta' intervisti individwali ta' każijiet ta' appelli attivi. L-EASO appoġġja t-twaqqif sa April 2013 ta' 10 kumitati speċjali u tal-appelli addizzjonali li ssupplimentaw l-10 kumitati eżistenti.

Minbarra t-taħriġ ġew organizzati żewġ laqgħat ta' kooperazzjoni prattika f'Settembru u Novembru 2013 biex jassistu lill-Greċja fit-twaqqif ta' database ta' COI u fil-qasam tal-ġbir u l-analiżi ta' dejta statistika. Barra minn hekk ġew organizzati tliet workshops mill-EASO għall-membri tal-kumitati tax-xogħol b'lura dwar il-proċedura ta' determinazzjoni, it-teħid ta' deċiżjonijiet u l-użu ta' COI fl-ewwel u fit-tieni istanza. Żewġ workshops addizzjonali mfassla apposta ffokaw fuq ir-relaturi esperti tal-awtorità tal-appell filwaqt li workshop avvanzat indirizza l-membri tal-kumitati tal-appell.

Pjan strateġiku biex jiżviluppa skema pilota dwar il-valutazzjoni tar-reġistrazzjoni u t-traskrizzjoni ta' intervisti sar disponibbli għas-servizz tal-asil u l-awtorità tal-appell.

L-EASO pprovda wkoll appoġġ fir-rigward tal-finanzjament tal-UE sabiex itejjeb il-kapaċità tal-assorbiment u l-ottimizzazzjoni tal-fondi tal-UE b'mod partikolari l-Fond Ewropew għar-Refuġjati. Barra minn hekk l-EASO pprovda l-kompetenzi tiegħu fil-preparazzjoni tal-Fond tal-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni l-ġdid (AMIF) fid-dawl tal-qafas finanzjarju pluriennali l-ġdid.

Fl-aħħar nett f'konformità mal-arranġament ta' ħidma bejn l-EASO u l-Frontex, iż-żewġ aġenziji pprovdew, f'April u Novembru 2013, l-ewwel korsijiet pilota konġunti ta' taħriġ dwar l-istabbiliment taċ-ċittadinanza. Dawn il-korsijiet ta' taħriġ konġunti ikkontribwew għat-tisħiħ tal-aċċess għall-proċedura tal-asil għall-migranti kollha li joqogħdu fil-Greċja (inkluż fiż-żoni tal-fruntieri).

Meta l-attivitajiet kollha jinġabru flimkien, ġew skjerati total ta' 34 espert fi 18-il tim ta' appoġġ għall-asil fi ħdan il-qafas tal-pjan operattiv għall-Greċja matul l-2013.

### 3.8.2. Pjan operattiv għall-Bulgarija

Minħabba ż-żieda għolja fl-influss ta' persuni li jfittxu l-asil, b'mod partikolari fin-numru ta' dawk li jfittxu l-asil mis-Sirja, il-Bulgarija talbet l-appoġġ mill-EASO fl-14 ta' Ottubru 2013. Il-pjan operattiv tal-EASO għall-Bulgarija kien iffirmat fis-17 ta' Ottubru 2013, bil-għan li tiġi pprovduta assistenza teknika u operattiva lill-Bulgarija sal-aħħar ta' Settembru 2014. Il-pjan għandu l-għan li jgħin lill-Bulgarija tlaħħaq maż-żieda fl-influss filwaqt li fl-istess ħin itejjeb u jsaħħaħ is-sistema Bulgara tal-asil u tal-akkoljenza fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-istrumenti tas-SEKA.

Il-miżuri tal-EASO biex jappoġġjaw lill-Bulgarija huma maqsuma fi tliet kategoriji, jiġifieri appoġġ operattiv, appoġġ istituzzjonali u appoġġ orizzontali. Timijiet ta' appoġġ għall-asil u timijiet ta' esperti konġunti magħmula minn esperti tal-EASO, esperti mill-Istati Membri u uffiċjali Bulgari ġew stabbiliti fl-2013, u se jibqgħu jiġu stabbiliti matul l-2014. L-appoġġ tagħhom jinkludi: l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni minn qabel tal-flussi ta' migrazzjoni mħallta, ir-reġistrazzjoni minn qabel ta' dawk li jfittxu l-asil u r-referenza ta' minorenni mhux akkumpanjati u ta' persuni vulnerabbli għall-proċedura tal-asil xierqa, kif ukoll l-appoġġ għall-proċess tad-deċiżjoni dwar l-asil. Skont il-pjan operattiv, l-EASO jipprovdi wkoll taħriġ għall-uffiċjali Bulgari u l-bini tal-kapaċità dwar is-COI, jorganizza workshops tematiċi u jipprovdi pariri tekniċi. Dan jinkludi l-iżvilupp ta' strateġija biex tiżdied il-kapaċità tal-faċilitajiet ta' akkoljenza u biex isir użu aħjar mill-kapaċitajiet ta' akkoljenza eżistenti. Barra minn hekk, tiġi offruta wkoll il-kompetenza fir-rigward tal-assorbiment ta' appoġġ finanzjarju ta' emerġenza għall-Bulgarija taħt il-fondi tal-UE. Il-laqgħa tal-bidu għall-implimentazzjoni tal-pjan operattiv tal-EASO għall-Bulgarija seħħet fil-5 ta' Novembru 2013 ġewwa Sofia.

Fl-2013 l-attivitajiet ta' appoġġ immedjat iffokaw fuq l-immappjar tal-proċess tal-asil u s-suġġeriment ta' soluzzjonijiet pass pass b'rabta mal-proċeduri Bulgari ta' reġistrazzjoni tal-asil u ta' akkoljenza u l-provvista ta' appoġġ għar-reġistrazzjoni minn qabel ta' dawk li jfittxu l-asil f'ċentri differenti ta' akkoljenza. F'dan ir-rigward ġie żviluppat manwal dwar il-proċess ta' reġistrazzjoni.

Meta l-attivitajiet kollha jinġabru flimkien, ġew skjerati total ta' 15-il espert fis-seba' timijiet ta' appoġġ għall-asil fi ħdan il-qafas tal-pjan operattiv għall-Bulgarija matul l-2013.



L-iffirmar tal-pjan operattiv mal-Bulgarija, Bukarest, 17 ta' Ottubru 2013.

### 3.8.3. Preparazzjoni għall-appoġġ ta' emerġenza

Matul l-2013 l-EASO kompla żviluppa l-kapaċità tiegħu li jirreaġixxi b'mod f'waqtu għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza u għal talbiet ta' appoġġ.

L-ewwel nett, l-EASO organizza tliet laqgħat tal-punti ta' kuntatt nazzjonali tar-riżerva ta' intervent għall-asil sabiex jiġu diskussi l-profili tiegħu u l-aktar mod effiċjenti biex iwieġeb għal talbiet għal appoġġ operattiv u jiskjera b'mod effettiv esperti tal-Istati Membri biex jikkontribwixxu għall-appoġġ operattiv tal-EASO.

It-tieni, matul l-2013 l-EASO żviluppa tliet manwali għall-użu intern tal-EASO b'rabta mal-proċessi amministrattivi, l-iskjerament operattiv u r-rimborż ta' esperti skjerati fi ħdan it-timijiet ta' appoġġ għall-asil.

Fl-aħħar nett, l-EASO wettaq eżerċizzju ta' appoġġ ta' emerġenza matul is-sajf tal-2013. L-eżerċizzju seħħ b'rabta ma' eżerċizzju operattiv tal-Frontex (REX2013) fiż-żoni tal-fruntiera tal-Ungerija u r-Rumanija mas-Serbja. Dan l-eżerċizzju konġunt ittestja l-kapaċità u l-proċeduri tal-EASO għall-iskjerament ta' timijiet ta' appoġġ għall-asil f'sitwazzjonijiet ta' pressjoni partikolari f'ċerti Stati Membri, kif ukoll is-solidarjetà tal-UE fil-qasam tal-asil u l-kooperazzjoni prattika bejn l-EASO, il-Frontex u l-Istati Membri tal-UE. L-eżerċizzju ta' emerġenza kellu l-għan jissimula sitwazzjoni ta' pressjoni partikolari fit-territorju tal-Ungerija u r-Rumanija, b'mod aktar preċiż fir-reġjun ġar taż-żoni tal-fruntiera tal-Ungerija u r-Rumanija mas-Serbja, fejn kien previst influss kbir ta' migranti u benefiċjarji potenzjali tal-protezzjoni internazzjonali. L-EASO skjera timijiet ta' appoġġ għall-asil magħmula minn esperti dwar ir-reġistrazzjoni u t-tgħarbil għall-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-protezzjoni internazzjonali fi flussi migratorji mħallta u esperti dwar l-applikanti bi bżonnijiet speċjali.

## 3.9. Appoġġ ta' analiżi u informazzjoni tal-EASO

| **Appoġġ ta' analiżi u informazzjoni tal-EASO f'ċifri fl-2013** |
|---|
| *Inbeda t-Tieni Stadju tal-EPS.*<br>*Ħarsa ġenerali lejn il-prattika tal-istatistika fl-Ewropa.*<br>*Rapport annwali dwar is-sitwazzjoni tal-asil fl-UE 2012.*<br>*3 rapporti ta' kull tliet xhur dwar l-asil.*<br>*12-il rapport ta' kull xahar dwar l-asil (ristretti għall-UE).* |

### 3.9.1. Sistema ta' preparazzjoni u twissija bikrija

Fl-2013 l-EASO kompla żviluppa l-EPS tiegħu f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni Ewropea (DĠ Affarijiet Interni u l-Eurostat), il-Frontex, l-UNHCR u msieħba oħra, filwaqt li żgura l-operat tiegħu f'sinerġija mal-ġbir tad-dejta relatata mal-asil eżistenti. Fi Frar l-EASO stabbilixxa tliet passi prinċipali fil-proċess tal-EPS: it-twettiq ta' mmappjar ta' kif jaħdmu s-sistemi tal-asil tal-Istati Membri u kif tiġi rapportata lill-Eurostat id-dejta statistika dwar l-asil; id-deċiżjoni dwar l-aktar indikaturi importanti u effettivi li jistgħu jipprovdu ħarsa ġenerali komprensiva (mill-aċċess għall-proċedura għar-ritorn u l-integrazzjoni) tal-funzjonament prattiku tas-SEKA fuq skali taż-żmien utli; u t-twaqqif ta' Grupp għall-Provvista tal-Istatistika (GPS) magħmul minn rappreżentanti nnominati mill-Istati Membri sabiex ikunu l-punti uniċi ta' kuntatt tagħhom responsabbli għall-kwalità u l-puntwalità tal-istatistika dwar l-asil.

F'April 2013 l-EASO organizza l-ewwel laqgħa tal-GPS, li fiha ġiet diskussa proposta għal sett komprensiv ta' 22 indikatur. L-indikaturi kellhom l-għan jipprovdu dejta dwar il-funzjonament prattiku tal-aspetti ewlenin kollha tas-SEKA. Ġie żviluppat kwestjonarju mill-EASO fis-sajf 2013 f'kooperazzjoni mill-qrib ma' korpi Ewropej oħra li jittratta d-dejta dwar l-asil (jiġifieri DĠ Affarijiet Interni, il-Eurostat, il-Frontex) biex jiġi żgurat approċċ komuni tal-UE. F'dan is-sens, il-pajjiżi ġew mitluba jipprovdu informazzjoni mid-diversi partijiet interessati organizzattivi bl-istess mod. Abbażi tal-kwestjonarju, l-EASO abbozza rapport intitolat *EPS - Ħarsa ġenerali lejn il-prattika tal-istatistika fl-Ewropa*. Peress li din kienet l-ewwel ħarsa ġenerali komprensiva tal-prattika attwali fir-rigward tal-ġbir ta' dejta statistika dwar l-asil fl-Istati Membri tal-UE u l-pajjiżi assoċjati, ġie konkluż li jeżistu diverġenzi kbar fil-ġbir tad-dejta u r-rapportar madwar l-UE. Ir-raġunijiet għal dawn id-diverġenzi kienu relatati kemm mal-interpretazzjonijiet varji *tal-acquis* tal-UE dwar l-asil u r-regolament dwar l-istatistika tal-migrazzjoni, kif ukoll mal-ispeċifiċitajiet organizzattivi tas-sistemi nazzjonali tal-asil u l-prattiki tar-rapportar. Linji gwida ġodda tal-Eurostat ġew ippubblikati f'Diċembru 2013.

Skont l-approċċ pass pass, f'Novembru l-EASO nieda t-Tieni Stadju tal-EPS, jiġifieri l-pass li jmiss fl-implimentazzjoni tal-ħidma tal-analiżi statistika tal-EASO, il-bini fuq l-attivitajiet ta' ġbir tad-dejta attwali għall-prodotti analitiċi tal-EASO (ta' kull xahar u ta' kull tliet xhur). It-Tieni Stadju jiffoka fuq l-ewwel istanza u jipprevedi l-ġbir ta' dejta skont erba' indikaturi (applikazzjonijiet, irtirar, deċiżjonijiet u każijiet pendenti). Gwida għall-interpretazzjoni ta' definizzjonijiet ta' indikaturi ġiet żviluppata u mibgħuta lill-Istati Membri, u nżammu kors ta' taħriġ u laqgħa ta' diskussjoni mal-membri tal-GPS sabiex jiġi mrawwem fehim komuni. Il-ġbir tad-dejta ta' kull xahar beda fl-1 ta' April 2014).

Minbarra *r-Rapport Annwali tal-EASO dwar is-Sitwazzjoni tal-Asil fl-Unjoni Ewropea 2012* spjegat fit-taqsima li jmiss, l-EASO beda fl-2013, il-produzzjoni tar-rapporti ta' kull tliet xhur u ta' kull xahar tiegħu dwar l-asil, li ppermettiet analiżi regolari tax-xejriet ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali tal-pajjiżi ta' oriġini ewlenin, tal-profil tal-applikanti u tal-pajjiżi fejn l-applikazzjonijiet ġew depożitati, kif ukoll biex ikollu analiżi ffokata fuq l-għadd ta' każijiet li jistħoqqilhom attenzjoni partikolari, bħall-Eritrea, ir-Russja, is-Sirja jew il-Balkani tal-Punent. Fl-2013 l-EASO pproduċa tliet rapporti ta' kull tliet xhur[5] u 12-il rapport ta' kull xahar (ristretti għall-UE) dwar l-asil. Inxtara softwer tal-istatistika u tal-immappjar avvanzat u l-persunal kien imħarreġ fl-użu tiegħu sabiex tiġi mtejba l-kapaċità tal-analiżi u l-viżwalizzazzjoni tad-dejta.

## 3.9.2. Rapporti annwali dwar is-sitwazzjoni tal-asil fl-Unjoni Ewropea

F'Ġunju 2013 l-EASO pproduċa t-tieni rapport annwali tiegħu dwar is-sitwazzjoni tal-asil fl-UE għas-sena 2012[6].




*Ir-Rapport Annwali dwar is-Sitwazzjoni tal-Asil fl-Unjoni Ewropea 2012* ipprovda ħarsa ġenerali komprensiva tas-sitwazzjoni tal-asil fl-UE billi ħares lejn il-flussi ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali fl-UE, billi analizza dejta ta' applikazzjonijiet u deċiżjonijiet u billi ffoka fuq xi wħud mill-pajjiżi ta' oriġini l-aktar importanti ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali fl-2012.

Ir-rapport annwali tal-EASO serva wkoll bħala għodda utli għall-persuni li jfasslu l-politika nazzjonali u tal-UE billi għen biex jiġu identifikati l-oqsma fejn it-titjib huwa l-aktar meħtieġ (u b'hekk fejn l-EASO u l-partijiet interessati ewlenin l-oħra għandhom jiffokaw l-isforzi tagħhom fil-ġejjieni), f'konformità mal-għan iddikjarat tiegħu li jtejjeb il-kwalità, il-konsistenza u l-effikaċja tas-SEKA.

Fir-rigward tal-metodoloġija tiegħu, l-EASO adotta, fi Frar 2013, approċċ ġdid ibbażat fuq il-lezzjonijiet meħuda mill-ewwel esperjenza tar-rapport annwali tal-EASO dwar is-sitwazzjoni tal-asil fl-UE tal-2011. Il-metodoloġija l-ġdida kienet tinkludi dikjarazzjoni ta' prinċipji u werrej standard, kif ukoll il-passi għall-ġbir u l-ipproċessar tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri, il-Kummissjoni Ewropea u s-soċjetà ċivili, il-ħin u l-proċedura ta' konsultazzjoni.

## 3.9.3. Appoġġ tal-EASO għal pajjiżi terzi

| **L-appoġġ tal-EASO għal pajjiżi terzi f'ċifri fl-2013** |
|---|
| *3 pajjiżi (il-Ġordan, il-Marokk u t-Tuneżija) koperti minn proġett ta' Strument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija tal-EASO.*<br>*Ġiet adottata strateġija ta' azzjoni esterna tal-EASO.*<br>*2 laqgħat dwar il-kooperazzjoni prattika (id-dimensjoni esterna tas-SEKA u r-risistemazzjoni).*<br>*Parteċipazzjoni fi 3 laqgħat tas-Sħubija tal-Mobilità tal-UE mal-Marokk u mat-Tuneżija u tad-djalogu bejn l-UE u l-Ġordan dwar il-migrazzjoni, il-mobilità u s-sigurtà.*<br>*Parteċipazzjoni fil-Proċess ta' Praga.*<br>*Kontribuzzjoni esperta f'2 workshops tat-TAIEX għall-imħallfin tal-liġi dwar ir-refuġjati.* |

Id-dimensjonijiet interni u esterni fil-qasam tal-migrazzjoni u l-asil huma interkonnessi mill-qrib. Il-migrazzjoni u l-asil ma jistgħux jiġu indirizzati b'mod effettiv mingħajr ma tiġi kkunsidrata l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi.

[5] Ir-rapporti ta' kull tliet xhur dwar l-asil huma disponibbli online fuq: http://easo europa eu/asylum-trends-analysis/quarterly-report
[6] Ir-rapport huwa disponibbli online fuq: http://easo europa eu/asylum-documentation/easo-publication-and-documentation

F'Novembru 2013 l-EASO adotta l-istrateġija ta' azzjoni esterna tiegħu([7]) fejn irrikonoxxa r-rwol importanti li l-Aġenzija hija mistennija li jkollha fid-dimensjoni esterna tas-SEKA. Madankollu, matul l-ewwel sentejn tal-operat tiegħu, l-EASO għażel li jiffoka fuq l-appoġġ għall-implimentazzjoni tas-SEKA fi ħdan l-UE permezz tal-iżvilupp ta' għodod ta' kooperazzjoni prattika. L-istrateġija tad-dimensjoni esterna ddefiniet l-approċċ u l-qafas ġenerali li fih l-EASO se jiżviluppa l-ħidma tiegħu b'rabta mad-dimensjoni esterna tas-SEKA. Barra minn hekk, ġew speċifikati r-rwol tal-EASO fid-dimensjoni esterna tas-SEKA, il-prinċipji sottostanti tiegħu, il-metodoloġija għall-implimentazzjoni u l-prijoritajiet ġeografiċi, kif ukoll il-forom ta' azzjoni esterna tal-EASO. L-għan predominanti tal-EASO għall-azzjoni esterna tiegħu jista' jiġi definit bħala t-tisħiħ tal-kapaċità tal-asil u l-akkoljenza fil-pajjiżi terzi sabiex jiġu protetti aħjar dawk li jfittxu l-asil, biex tiġi ffaċilitata r-risistemazzjoni mill-Istati Membri ta' refuġjati minn pajjiżi terzi lejn l-UE u biex ikun hemm kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fi kwistjonijiet konnessi mad-doveri u l-attivitajiet tal-EASO. L-azzjoni esterna tal-EASO hija konformi mal-politiki u l-prijoritajiet globali tar-relazzjonijiet esterni tal-UE, b'mod speċjali mal-approċċ globali għall-migrazzjoni u l-mobilità (GAMM), il-politika Ewropea tal-viċinat (PEV) u l-istrateġija tat-tkabbir tal-UE u għandha tiġi implimentata fil-qafas tar-Regolament tal-EASO. L-azzjoni esterna tal-EASO tista' tieħu forma waħda jew aktar minn dawn li ġejjin: l-appoġġ tal-implimentazzjoni ta' programmi ta' protezzjoni reġjonali u ta' azzjonijiet oħra rilevanti għal soluzzjonijiet dejjiema fil-pajjiżi terzi; il-provvista ta' taħriġ tal-EASO lill-awtoritajiet kompetenti f'pajjiżi terzi; l-eżerċizzju tar-rwol ta' koordinazzjoni billi jiġu żviluppati azzjonijiet ta' kooperazzjoni prattika, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea u l-imsieħba rilevanti fir-rigward ta' attivitajiet ta' risistemazzjoni mwettqa minn Stati Membri; l-appoġġ għall-bini tal-kapaċità fis-sistemi tal-asil u tal-akkoljenza ta' pajjiżi terzi; u l-għoti ta' input u pariri relatati mal-politika għall-Istati Membri, il-Kummissjoni Ewropea u s-SEAE dwar is-sitwazzjoni tal-asil u l-ħtiġijiet fil-pajjiżi terzi.

F'konformità ma' din l-istrateġija ta' azzjoni esterna, l-EASO żviluppa attivitajiet fil-qasam tar-risistemazzjoni u l-bini tal-kapaċità fil-pajjiżi terzi.

## 3.9.4. Risistemazzjoni

Abbażi tal-ewwel Seminar dwar il-Politika tar-Risistemazzjoni tal-UE li sar fl-2012, l-EASO organizza laqgħa dwar il-kooperazzjoni prattika fir-rigward tar-risistemazzjoni f'Novembru 2013. Il-laqgħa offriet opportunità biex jiġu diskussi pjanijiet ta' rahan għall-finanzjament tal-UE fil-ġejjieni taħt l-AMIF, kif ukoll il-possibbiltà ta' missjonijiet ta' għażla konġunti. L-EASO ppropona t-twaqqif ta' netwerk ta' speċjalisti ta' risistemazzjoni bir-rappreżentanti tal-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati, il-Kummissjoni Ewropea, l-UNHCR, l-IOM u l-organizzazzjonijiet ewlenin tas-soċjetà ċivili li jaħdmu f'dan il-qasam.

Barra minn hekk l-EASO kien involut b'mod attiv fil-Konsultazzjonijiet Annwali bejn Tliet Partijiet dwar ir-Risistemazzjoni (ATCR) organizzati mill-UNHCR, li saru f'Lulju 2013. Is-suġġetti ewlenin diskussi kienu l-ħarsa ġenerali u l-prijoritajiet globali tar-risistemazzjoni, u l-miri tar-risistemazzjoni għal 2014, kif ukoll l-impenji fuq ammont ta' snin.

## 3.9.5. Id-dimensjoni esterna u l-bini tal-kapaċità f'pajjiżi terzi

L-EASO kompla żviluppa l-attivitajiet tiegħu fid-dimensjoni esterna billi kkoordina l-iskambju ta' informazzjoni u azzjonijiet dwar kwistjonijiet li jirriżultaw mid-dimensjoni esterna tas-SEKA. L-EASO fittex kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi fi kwistjonijiet tekniċi, bi ftehim mal-Kummissjoni Ewropea u fil-qafas tal-GAMM.

F'Ottubru 2013 l-EASO organizza workshop dwar il-kooperazzjoni prattika fir-rigward tar-rwol tal-EASO fid-dimensjoni esterna tas-SEKA.

Fir-rigward tal-bini tal-kapaċità fil-pajjiżi terzi, l-EASO ppparteċipa fid-djalogu bejn l-UE u l-Ġordan fir-rigward tal-migrazzjoni, il-mobilità u s-sigurtà fi Frar 2013, kif ukoll f'laqgħa taħt il-qafas tas-sħubija tal-mobilità bejn l-UE u l-Marokk f'Settembru 2013. Barra minn hekk, laqgħa taħt is-sħubija tal-mobilità bejn l-UE u t-Tuneżija seħħet f'Novembru 2013.

([7]) L-istrateġija hija disponibbli online fuq: http://easo europa eu/wp-content/uploads/EASO-External-Action-Strategy pdf

F'Diċembru 2013 l-EASO ffirma wkoll ftehim ta' għotja mal-Kummissjoni Ewropea (DĠ Żvilupp u Kooperazzjoni — EuropeAid) taħt l-ENPI għal proġett konġunt mal-Frontex bil-għan li jipprovdi appoġġ għall-bini tal-kapaċità lill-awtoritajiet rilevanti fil-Ġordan, il-Marokk u t-Tuneżija. F'konformità mal-arranġament ta' ħidma bejn l-EASO u l-Frontex, u wara approċċ komprensiv dwar il-migrazzjoni, l-asil u l-ġestjoni tal-fruntieri, Frontex qabel li jipparteċipa fl-implimentazzjoni tal-proġett intitolat "Il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tal-Ġordan fil-ħidma tal-EASO kif ukoll il-parteċipazzjoni tat-Tuneżija u l-Marokk fil-ħidma tal-EASO u l-Frontex", il-proġett ġie approvat għal perjodu ta' implimentazzjoni ta' 18-il xahar b'baġit allokat ta' madwar EUR 1 miljun.

Fl-aħħar nett, mill-2012 l-EASO kien ukoll involut fil-proġett "Il-kwalità u t-taħriġ fil-proċessi tal-asil", li huwa implimentat fi ħdan il-qafas tal-inizjattiva mmirata tal-Proċess ta' Praga. Fl-2013 l-Aġenzija żammet l-azzjonijiet tagħha għall-implimentazzjoni tal-programm ta' taħriġ tal-kurrikulu tat-taħriġ tal-EASO fil-pajjiżi ġirien tal-Lvant tal-UE, kif ukoll fit-Turkija.

Barra minn hekk, l-EASO ddeċieda fl-2013 li jappoġġja l-proġett tal-UNHCR "L-inizjattiva dwar il-kwalità tas-sistemi tal-asil fil-Lvant tal-Ewropa u fil-Kawkażu tan-Nofsinhar" bil-provvediment ta' taħriġ għall-pajjiżi tar-reġjun taħt il-kurrikulu ta' taħriġ tal-EASO, inkluż l-awtorizzazzjoni tiegħu biex jittraduċi moduli konkreti fil-lingwa Russa.

Barra minn hekk kif imsemmi fit-Taqsima 3.6.3, l-EASO pparteċipa f'żewġ workshops tal-istrument TAIEX fil-kuntest tal-politika tat-tkabbir tal-UE. F'April 2013 ġie organizzat workshop dwar il-kooperazzjoni reġjonali bejn l-imħallfin tal-liġi dwar ir-refuġjati ġewwa Skopje (dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja), filwaqt li t-tieni workshop ġie organizzat f'Sarajevo (il-Bosnja-Ħerzegovina) f'Mejju 2013 dwar l-aħjar prattiki fl-użu ta' COI fil-proċeduri tal-asil fost il-prattikanti mir-reġjun.

# 4. Il-qafas u n-netwerk tal-EASO




## 4.1. Il-Bord tat-Tmexxija

| Il-Bord tat-Tmexxija tal-EASO f'ċifri fl-2013 |
|---|
| *31 membru u osservatur.*<br>*4 laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija.*<br>*Ġew adottati 4 dokumenti ta' programmazzjoni (il-programm ta' ħidma pluriennali 2014-16, il-programm ta' ħidma 2014, il-pjan pluriennali ta' politika tal-persunal 2014-16 u l-baġit 2014).*<br>*Ġew adottati 2 rapporti (*Ir-rapport annwali dwar is-sitwazzjoni tal-asil fl-Unjoni Ewropea 2012 *u* r-rapport dwar l-attivitajiet annwali tal-EASO 2012*).*<br>• *Ġew adottati 3 deċiżjonijiet tal-Bord tat-Tmexxija.*<br>• *Ġie adottat arranġament ta' ħidma bejn l-EASO u l-UNHCR.* |

Il-Bord tat-Tmexxija huwa l-korp governattiv u tal-ippjanar tal-EASO. Fl-2013 kien magħmul minn 31 membru u osservatur (membru wieħed minn kull Stat Membru, ħlief għad-Danimarka, li hija mistiedna tattendi bħala

osservatur, żewġ membri tal-Kummissjoni Ewropea u membru wieħed mingħajr dritt tal-vot tal-UNHCR). Fl-2013 il-Bord tat-Tmexxija eleġġa l-president u l-viċi president ġdid tiegħu. Barra minn hekk, ir-rappreżentanti tal-pajjiżi assoċjati (l-Islanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Isvizzera) kienu mistiedna jattendu għal-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija bħala osservaturi. Il-Frontex ukoll ġiet mistiedna tipparteċipa fil-punti rilevanti tal-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija, b'mod speċjali fir-rigward tas-sitwazzjoni tal-asil fl-UE, l-EPS u s-sitwazzjoni fil-Greċja.

Matul l-2013, il-Bord tat-Tmexxija seta' jwettaq b'mod effettiv id-doveri tiegħu, inkluża l-adozzjoni formali tad-dokumenti u d-deċiżjonijiet li ġejjin:



L-Għaxar Bord tat-Tmexxija tal-EASO, Malta, l-4 u l-5 ta' Frar 2013.

- il-programm ta' ħidma pluriennali 2014-16;
- il-programm ta' ħidma 2014;
- il-pjan pluriennali ta' politika tal-persunal 2014-16 (soġġett għall-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea);
- il-baġit tal-EASO għall-2014;
- l-arranġament ta' ħidma bejn l-EASO u l-UNHCR;
- Id-Deċiżjoni Nru 18 tat-13 ta' Ġunju 2013 tal-Bord tat-Tmexxija li tadotta opinjoni dwar il-kontijiet finali tal-EASO għall-2012;
- Id-Deċiżjoni Nru 19 tas-16 ta' Settembru 2013 tal-Bord tat-Tmexxija dwar il-karta tal-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-EASO;
- Id-Deċiżjoni Nru 20 tas-27 ta' Diċembru 2013 dwar ir-regolament finanzjarju tal-EASO.

Barra minn hekk, il-Bord tat-Tmexxija wettaq b'mod regolari skambju ta' opinjonijiet dwar is-sitwazzjoni tal-asil fl-UE, b'enfasi partikolari fuq is-Sirja, il-Mediterran, il-Federazzjoni Russa u l-Balkani tal-Punent. Wettaq ukoll skambju ta' opinjonijiet dwar l-implimentazzjoni operattiva tal-pakkett il-ġdid tal-asil u dwar il-programm pluriennali li jmiss tal-ĠAI wara li jiġi fi tmiemu l-programm ta' Stokkolma fl-2014. Il-Bord tat-Tmexxija ddiskuta l-progress relatat mal-implimentazzjoni tal-miżuri ta' appoġġ tal-EASO għall-Bulgarija, il-Greċja, l-Italja u l-Isvezja. Ingħatat ukoll attenzjoni partikolari għat-taħriġ u l-iżvilupp professjonali, inkluż ir-rotta l-ġdida tat-taħriġ, għall-proċessi ta' kwalità u s-COI u għall-iżvilupp ta' approċċ ta' netwerk ta' COI. Fir-rigward tal-EPS, il-Bord tat-Tmexxija qabel fuq it-tieni stadju tal-proċess u rċieva r-rapporti ta' kull xahar u ta' kull tliet xhur dwar l-asil. Il-Bord tat-Tmexxija approva wkoll l-istrateġija ta' azzjoni esterna tal-EASO. Fir-rigward tal-attivitajiet ta' verifika interna, il-Bord tat-Tmexxija qabel mal-pjan għall-attivitajiet tal-IAS fl-2013 u approva l-pjan strateġiku ta' verifika interna 2014-16.

## 4.2. Kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea

| Kooperazzjoni tal-EASO mal-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea f'ċifri fl-2013 |
|---|
| *Laqgħat bilaterali regolari mal-Kummissjoni.*<br>*Evalwazzjoni interna mill-Kummissjoni.*<br>*5 avvenimenti mal-Parlament.*<br>*Parteċipazzjoni fi 13-il laqgħa mal-Kunsill.* |

Bħala aġenzija indipendenti tal-UE, l-EASO jaġixxi fi ħdan il-politiki u l-qafas istituzzjonali tal-UE. Għalhekk, l-Aġenzija hija mitluba li tirrapporta lill-Parlament, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni dwar il-ħidma tagħha u dwar l-użu tar-riżorsi disponibbli tagħha, kif ukoll biex tipprovdi kontribut ibbażat fuq l-evidenza għall-iżvilupp tas-SEKA. Fl-2013 l-EASO ppreżenta lill-Parlament, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, fost oħrajn, il-programm ta' ħidma annwali tiegħu, ir-rapport annwali tiegħu dwar is-sitwazzjoni tal-asil fl-UE, ir-rapport ta' attività annwali tiegħu u l-kontijiet finali tiegħu.

Fir-rigward tal-Kummissjoni Ewropea, ġew organizzati laqgħat bilaterali regolari bejn l-EASO u l-Kummissjoni f'livelli differenti. Il-kooperazzjoni strutturata kompliet bil-Kummissjoni fil-kapaċità tagħha bħala membru formali tal-Bord tat-Tmexxija tal-EASO.

Bħala direttorat ġenerali msieħeb, ir-relazzjonijiet bejn l-EASO u d-DĠ Affarijiet Interni kienu permanenti. L-EASO ħadem mill-qrib mad-DĠ Affarijiet Interni dwar l-amministrazzjoni u dwar il-kwistjonijiet ta' politika u dawk

operattivi. Fir-rigward ta' dan tal-aħħar, ingħatat attenzjoni partikolari għall-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu tal-Artikolu 33 tar-Regolament riformulat ta' Dublin, għar-rilokazzjoni fi ħdan l-UE, inkluż il-parteċipazzjoni tal-EASO fil-Forum Annwali dwar ir-Rilokazzjoni, għat-Task Force għall-Mediterran, għall-proċessi ta' taħriġ u ta' kwalità, għall-minorenni mhux akkumpanjati, għas-COI, għall-appoġġ operattiv għall-Bulgarija, il-Greċja u l-Italja u għad-dimensjoni esterna tas-SEKA. Barra minn hekk, l-EASO attenda bħala osservatur għal-laqgħat tad-diversi kumitati tal-kuntatt fuq it-traspożizzjoni u l-applikazzjoni tal-istrumenti legali riformulati tal-UE dwar l-asil. Barra minn hekk, l-EASO kkoordina mal-Kummissjoni Ewropea u n-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni (EMN) fir-rigward tal-proċessi għall-abbozzar tar-rapporti annwali rispettivi dwar l-asil. Fl-2013 l-EASO pparteċipa fil-laqgħat tal-EMN rilevanti.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni Ewropea wettqet evalwazzjoni tal-impatt tal-EASO fuq il-kooperazzjoni prattika dwar l-asil u fuq is-SEKA fl-2013, bħala parti mill-attivitajiet inklużi fil-komunikazzjoni tagħha dwar is-solidarjetà msaħħa fi ħdan l-UE fil-qasam tal-asil. L-evalwazzjoni interna ġiet finalizzata f'Diċembru 2013 u l-konklużjonijiet ġew ipprovduti fl-2014.

Fl-2013 l-EASO saħħaħ ukoll il-kooperazzjoni tiegħu ma' direttorati ġenerali u servizzi oħra tal-Kummissjoni, bħad-DĠ Żvilupp u Kooperazzjoni — EuropeAid fir-rigward tal-proġett ENPI msemmi fit-Taqsima 3.10.2 u l-Eurostat fir-rigward tal-ġbir tad-dejta dwar l-asil. Kooperazzjoni amministrattiva regolari fuq l-aspetti baġitarji u finanzjarji, kif ukoll fuq ir-riżorsi umani, kienet promossa fl-2013 mad-DĠ Baġit u mad-DĠ Riżorsi Umani u Sigurtà, rispettivament. Barra minn hekk, l-EASO żamm ir-relazzjonijiet mas-SEAE għall-iżvilupp tal-istrateġija ta' azzjoni esterna tal-EASO u l-preparazzjoni tal-implimentazzjoni tal-proġett ENPI mal-Ġordan, il-Marokk u t-Tuneżija.

Fir-rigward tal-Parlament Ewropew, f'Marzu 2013 l-Aġenzija pparteċipat f'seduta ta' smigħ intitolata "Diskussjoni sensibbli dwar l-immigrazzjoni u l-migrazzjoni fl-UE". F'Lulju L-EASO ppreżenta lekċer dwar ir-rilokazzjoni fi ħdan l-UE. Barra minn hekk, f'Settembru 2013 l-EASO ppreżenta *Ir-rapport annwali dwar is-sitwazzjoni tal-asil fl-Unjoni Ewropea 2012* u *Ir-rapport dwar l-attivitajiet annwali tal-EASO 2012* fil-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE). Barra minn hekk, l-EASO organizza żjara ta' delegazzjoni tal-kumitat LIBE fil-bini tiegħu f'Ottubru 2013. Fl-aħħar nett, bħala parti mill-attivitajiet fin-Netwerk tal-Aġenziji tal-ĠAI, l-EASO ħa sehem ukoll fid-diskussjoni dwar l-iskema ta' taħriġ fl-infurzar tal-liġi organizzat mis-CEPOL u mill-Parlament Ewropew.



Delegazzjoni tal-Parlament Ewropew iżżur l-EASO, Malta, id-29 u t-30 ta' Ottubru 2013.

Fir-rigward tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, l-EASO pparteċipa fi 13-il laqgħa tal-Kunsill taħt il-Presidenza Irlandiża u dik Litwana. Fost oħrajn, l-EASO pparteċipa fil-laqgħat tal-Kunsill tal-Ministri tal-ĠAI u tal-Kumitat Strateġiku dwar l-Immigrazzjoni, il-Fruntieri u l-Asil (SCIFA). L-EASO kkontribwixxa b'mod partikolari għad-diskussjonijiet dwar is-sitwazzjoni tal-asil fl-UE (b'enfasi partikolari fuq is-Sirja u l-Mediterran), dwar il-pjan ta' azzjoni tal-UE fir-rigward tal-pressjonijiet migratorji, dwar l-ipproċessar konġunt ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali u dwar l-azzjonijiet fi ħdan il-Task Force għall-Mediterran.

## 4.3. Kooperazzjoni mal-UNHCR u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra

| Il-kooperazzjoni tal-EASO mal-UNHCR u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra f'ċifri fl-2013 |
|---|
| *Ġie ffirmat arranġament ta' ħidma bejn l-EASO u l-UNHCR.*<br>*30+ laqgħa bilaterali mal-UNCHR.*<br>*Laqgħat bilaterali mal-Kunsill tal-Ewropa u l-IOM.*<br>*Ġie formalizzat skambju ta' ittri mal-Konsultazzjonijiet Intergovernattivi dwar il-Migrazzjoni, l-Asil u r-Rifuġjati (IGC).*<br>*Parteċipazzjoni f'2 laqgħat tal-IGC u f'4 laqgħat tal-Konferenza tad-Diretturi Ġenerali dwar is-Servizzi tal-Immigrazzjoni (GDISC).* |

Fl-2013 l-EASO aġixxa b'kooperazzjoni mill-qrib mal-UNHCR u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u intergovernattivi rilevanti bħall-Kunsill tal-Ewropa, l-IOM, l-IGC u l-GDISC.

Abbażi tal-kooperazzjoni kontinwa, l-EASO u l-UNHCR ikkonkludew arranġament ta' ħidma li ġie ffirmat f'Diċembru 2013. L-arranġament ta' ħidma għandu l-għan li jistabbilixxi qafas ta' kooperazzjoni aktar strutturata fuq oqsma rilevanti ta' ħidma komuni biex jinħolqu sinerġiji u titrawwem il-koerenza bejn l-azzjonijiet differenti segwiti mill-EASO u l-UNHCR. L-oqsma ewlenin ta' kooperazzjoni jinkludu: it-taħriġ u l-iżvilupp professjonali; l-iskambju tal-aħjar prattiki u l-kompetenza esperta fir-rigward tal-inizjattivi ta' kwalità u l-kwistjonijiet tas-sessi; is-COI; il-ġbir u l-analiżi ta' dejta u ta' informazzjoni; l-identifikazzjoni ta' persuni vulnerabbli; l-appoġġ speċjali u ta' emerġenza; l-attivitajiet tad-dimensjoni esterna u r-risistemazzjoni; u l-attivitajiet ta' rilokazzjoni.


L-iffirmar tal-arranġament ta' ħidma bejn l-EASO u l-UNHCR, Ġinevra, 13 ta' Diċembru 2013

L-aġenzija kkooperat mill-qrib mal-UNHCR fl-oqsma kollha tal-mandat tal-EASO. Matul is-sena tal-2013, l-EASO kompla saħħaħ il-kooperazzjoni mal-UNCHR, li pparteċipat fil-maġġoranza kbira tal-laqgħat tal-EASO. Barra minn hekk, l-EASO pparteċipa fl-ATCR organizzat mill-UNHCR f'Lulju 2013.

Kompliet il-kooperazzjoni strutturata, b'mod partikolari, fir-rigward tal-parteċipazzjoni tal-UNHCR fil-Bord tat-Tmexxija tal-EASO bħala membru mingħajr dritt tal-vot, kif ukoll fil-Forum Konsultattiv tal-EASO u f'attivitajiet ta' konsultazzjoni oħra. Barra minn hekk, l-UNHCR saħħaħ l-uffiċċju ta' kollegament permanenti għall-EASO bbażat f'Malta, inkluż it-tixrid ta' informazzjoni rilevanti dwar kwistjonijiet ta' interess reċiproku.

Barra minn hekk, l-EASO u l-UNHCR ikkoordinaw l-attivitajiet tagħhom biex jappoġġjaw is-sistema tal-asil Griega, b'mod partikolari, abbażi tal-ftehim ta' kontribuzzjoni ffirmat bejn iż-żewġ organizzazzjonijiet f'Novembru 2012, u s-sistema tal-asil Bulgara.

Il-konsultazzjonijiet tal-maniġment superjuri annwali seħħew f'Lulju 2013, filwaqt li ġew organizzati aktar minn 30 laqgħa bilaterali f'livelli differenti matul is-sena.

Saru skambji ta' informazzjoni bejn l-EASO u l-UNHCR, b'enfasi partikolari fuq is-sitwazzjoni fis-Sirja u fil-Mediterran.

Kif imsemmi fit-Taqsima 3.10.2 tar-rapport, l-EASO ddeċieda fl-2013 li jappoġġja l-proġett tal-UNHCR "L-inizjattiva dwar il-kwalità tas-sistemi tal-asil fil-Lvant tal-Ewropa u fil-Kawkażu tan-Nofsinhar" bil-provvista ta' taħriġ għall-pajjiżi tar-reġjun taħt il-kurrikulu ta' taħriġ tal-EASO, inkluż l-awtorizzazzjoni tiegħu biex jittraduċi moduli konkreti fil-lingwa Russa. Barra minn hekk, l-EASO pparteċipa fil-proġett immexxi mill-UNHCR "Reazzjoni għall-vulnerabbiltà fl-asil" li ffoka fuq l-identifikazzjoni ta' dawk il-persuni vulnerabbli li qed ifittxu l-asil, fuq l-indirizzar għall-appoġġ u l-ħtiġijiet proċedurali ta' dawk il-persuni vulnerabbli li qed ifittxu l-asil u fuq it-taħriġ.

L-EASO wettaq l-attivitajiet tiegħu f'kuntatt mill-qrib ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u intergovernattivi rilevanti oħra li jaħdmu f'oqsma relatati mal-qasam tal-attività tal-EASO. Ġew organizzati laqgħat bilaterali mal-IOM f'April u mal-Kunsill tal-Ewropa f'Ġunju, inkluża laqgħa mal-QEDB. Barra minn hekk, l-EASO pparteċipa f'erba' laqgħat tal-GDISC, li ffokaw fuq is-sitwazzjoni tal-asil fl-UE, il-pronjożi, is-sistemi ta' twissija bikrija u l-ġestjoni tax-xogħol b'lura. Fir-rigward tal-kooperazzjoni mal-IGC, l-EASO fformalizza skambju ta' ittri f'Jannar 2013. L-iskambju ta' ittri ħoloq il-qafas għal kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-programmazzjoni u l-ippjanar, il-kooperazzjoni teknika u l-iskambju ta' informazzjoni. Barra minn hekk, l-EASO attenda żewġ laqgħat tal-IGC matul l-2013.


L-Ambaxxatur Swing, Direttur Ġenerali tal-IOM iżur l-EASO, Malta, 4 ta' Novembru 2013.

# 4.4. Kooperazzjoni mal-pajjiżi assoċjati

| Il-kooperazzjoni tal-EASO mal-pajjiżi assoċjati f'ċifri fl-2013 |
|---|
| *Ġew inizjalati 4 arranġamenti (l-Islanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Isvizzera)* |

Fi Frar 2013, ġiet organizzata l-aħħar sessjoni ta' negozjati tal-arranġamenti mal-pajjiżi assoċjati (l-Islanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Isvizzera). L-EASO ppparteċipa fil-proċess sħiħ bħala osservatur. Twettqu erba' sessjonijiet ta' negozjati, u l-aħħar waħda saret fi Frar 2013. It-test ġie inizjalat mill-pajjiżi assoċjati f'Ġunju 2013 u l-Kunsill iddeċieda li jikkonkludi l-arranġamenti fl-2014.

L-arranġamenti ta' ħidma se jippermettu lill-pajjiżi assoċjati jipparteċipaw fil-ħidma tal-EASO u jkunu intitolati jirċievu azzjonijiet ta' appoġġ mill-EASO. Barra minn hekk, iċ-ċittadini tal-pajjiżi assoċjati jistgħu jiddaħħlu jaħdmu b'kuntratt mal-EASO.

# 4.5. Kooperazzjoni mal-aġenziji tal-UE

| Il-kooperazzjoni tal-EASO mal-aġenziji tal-UE f'ċifri fl-2013 |
|---|
| *Ġie ffirmat arranġament ta' ħidma bejn l-EASO u l-UNHCR.*<br>*Parteċipazzjoni f'4 laqgħat man-Netwerk tal-Aġenziji tal-ĠAI.*<br>*2 inizjattivi ta' taħriġ konġunt mill-EASO-Frontex dwar l-identifikazzjoni u l-istabbiliment ta' ċittadinanza għall-Greċja.*<br>*Eżerċizzju ta' emerġenza flimkien mal-Frontex fuq il-fruntiera Ungeriża-Rumena.* |

`L-EASO kkoopera b'mod qawwi ma' aġenziji oħra tal-UE fl-2013 kemm b'mod multilaterali kif ukoll b'mod bilaterali, b'mod partikolari fil-qasam tal-ĠAI.

Bħala membru tal-koordinazzjoni ġenerali tal-aġenziji tal-UE, l-EASO ppparteċipa b'mod regolari fil-laqgħat tal-kapijiet tal-aġenziji u l-kapijiet tal-amministrazzjoni, kif ukoll fil-gruppi ta' ħidma stabbiliti, bħan-netwerk tal-prestazzjoni jew in-Netwerk Ġuridiku tal-Interaġenziji (IALN).

Fil-kuntest tan-Netwerk tal-Aġenziji tal-ĠAI, l-EASO ppparteċipa fi tliet laqgħat tal-Grupp ta' Kuntatt tal-Aġenziji tal-ĠAI u fil-Laqgħa tal-Kapijiet tal-Aġenziji tal-ĠAI ppreseduta mis-CEPOL fl-2013. L-Aġenzija ppreparat il-ħidma biex tieħu l-presidenza tan-netwerk fl-2014. In-Netwerk tal-Aġenziji tal-ĠAI kien magħmul fl-2013 mis-CEPOL, l-EASO, l-EIGE, iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA), l-Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), il-Frontex u l-FRA. Il-Kummissjoni Ewropea, inkluż l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF), u s-SEAE ppparteċipaw fin-netwerk matul l-2013. Is-suġġetti prinċipali diskussi matul l-2013 kienu relatati mal-koordinazzjoni tat-taħriġ, il-mobilità tar-riżorsi umani u r-relazzjonijiet esterni.

Fuq livell bilaterali, l-EASO u l-Frontex komplew l-implimentazzjoni tal-arranġament ta' ħidma ffirmat miż-żewġ aġenziji fl-2012. Kienet iddedikata attenzjoni partikolari għall-koordinazzjoni tal-kooperazzjoni operattiva fil-Greċja, kif ukoll għall-koordinazzjoni ta' attivitajiet ta' taħriġ, inkluż l-għoti ta' kors ta' taħriġ konġunt dwar l-istabbiliment taċ-ċittadinanza. L-iskambju ta' dejta u analiżi dwar ix-xejriet tal-migrazzjoni u l-asil ġie msaħħaħ matul l-2013. Kif imsemmi fit-Taqsima 3.8, tul is-sajf tal-2013, l-EASO wettaq eżerċizzju ta' appoġġ ta' emerġenza, li sar b'konnessjoni mal-eżerċizzju operattiv tal-Frontex (REX2013) fiż-żoni tal-fruntiera tal-Ungerija u r-Rumanija mas-Serbja. L-EASO ppparteċipa bħala membru fit-tliet laqgħat tal-Forum Konsultattiv tal-Frontex fl-2013, filwaqt li l-Frontex attendiet għal-laqgħa plenarja tal-Forum Konsultattiv tal-EASO. Fir-rigward tad-dimensjoni esterna, l-EASO u l-Frontex qablu li jipparteċipaw fi proġett tal-ENPI fil-Ġordan, il-Marokk u t-Tuneżija. Fl-aħħar nett, il-Frontex ġiet mistiedna tipparteċipa f'ċerti punti tal-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija tal-EASO.

Fir-rigward tal-kooperazzjoni mal-FRA, iż-żewġ aġenziji kkonkludew arranġament ta' ħidma([8]),f'Ġunju 2013, li abbażi tal-kooperazzjoni eżistenti, kopra l-oqsma tat-taħriġ, l-appoġġ ta' kwalità, il-kooperazzjoni operattiva, ir-riċerka, l-informazzjoni u l-analiżi, kif ukoll il-kooperazzjoni orizzontali. Barra minn hekk, l-FRA ħadet sehem f'at-

([8]) The working arrangement between EASO and FRA is online at: http://easo.europa.eu/wp-content/uploads/20130606-EASO-FRA-working-arrangement-FINAL.pdf

tivitajiet tal-EASO, b'mod partikolari fil-qasam tal-għodod tat-taħriġ u tal-kwalità, filwaqt li l-EASO pprovda kompetenza u pparteċipa fit-tnedija tal-*Manwal dwar il-liġi Ewropea fir-rigward tal-asil, il-fruntieri u l-migrazzjoni.*

Fl-2013 l-EASO u l-Europol bnew fuq il-kooperazzjoni kontinwa tagħhom, l-aktar fil-qasam tal-EPS, filwaqt li s-CEPOL u l-EASO żviluppaw aktar il-kooperazzjoni tagħhom fir-rigward tal-iskambju ta' metodoloġiji ta' taħriġ. Fl-2013 l-EASO u eu-LISA bdew jesploraw il-possibbiltajiet ta' kooperazzjoni bilaterali tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tal-Eurodac fil-kuntest tal-istrumenti riformulati tal-asil tal-UE.

## 4.6. Forum Konsultattiv u kooperazzjoni ma' partijiet interessati oħra

| Il-Forum Konsultattiv u l-kooperazzjoni ma' partijiet interessati oħra f'ċifri fl-2013 |
|---|
| *4 kalendarji ta' konsultazzjoni ta' kull tliet xhur.* |
| *24 attività ta' konsultazzjoni.* |
| *4 laqgħat (laqgħa plenarja tal-Forum Konsultattiv u 3 laqgħat tal-Grupp Konsultattiv)* |

Minbarra l-kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE u l-organizzazzjonijiet internazzjonali u intergovernattivi, l-EASO jżomm relazzjoni mill-qrib ma' partijiet interessati rilevanti oħra, bħall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-akkademja u l-assoċjazzjonijiet tal-membri tal-qrati u t-tribunali. Fir-rigward ta' dan tal-aħħar, it-Taqsima 3.6.3 ta' dan ir-rapport jiddeskrivi l-attivitajiet imwettqa fl-2013 fir-rigward tal-kooperazzjoni mal-qrati u t-tribunali dwar l-asil.



It-tielet Forum Konsultattiv, Malta, is-27 u t-28 ta' Novembru 2013.

Barra minn hekk, il-Forum Konsultattiv jikkostitwixxi mekkaniżmu għall-iskambju ta' informazzjoni u l-ġbir ta' għarfien bejn l-EASO u l-partijiet interessati rilevanti. Abbażi tal-lezzjonijiet meħuda mill-esperjenzi tiegħu fl-2011 u l-2012, l-EASO ressaq il-Forum Konsultattiv pass 'il quddiem fl-2013. F'konformità mal-pjan operattiv tal-Forum Konsultattiv tal-EASO adottat fl-2012, l-EASO ppubblika l-kalendarju ta' konsultazzjonijiet tiegħu fuq bażi ta' kull tliet xhur u organizza 24 attività ta' konsultazzjoni, inkluż dwar il-*Programm ta' Ħidma tal-EASO għall-2014*, dwar ir-*Rapport annwali dwar is-sitwazzjoni tal-asil fl-Unjoni Ewropea 2012* u dwar ir-*Rapport dwar l-Attività jiet Annwali tal-EASO tal-2012*. Fl-2013 l-EASO stieden ukoll lill-membri tal-Forum Konsultattiv biex jipprovdu informazzjoni dwar l-aspetti ewlenin tal-funzjonament tas-SEKA u ppubblika sejħa miftuħa għal kontribut fejn għamel stedina biex tiġi pprovduta informazzjoni dwar l-attivitajiet u l-proġetti tagħhom b'impatt partikolari fuq l-implimentazzjoni tas-SEKA fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali jew Ewropew.

Fl-2013 ingħatat attenzjoni partikolari għall-ħidma fir-rigward tal-minorenni mhux akkumpanjati, fejn il-membri tal-Forum Konsultattiv kienu involuti fl-iżvilupp ta' ħarsa ġenerali lejn is-sitwazzjoni fir-rigward tal-valutazzjoni tal-età u r-rintraċċar tal-familja.

Fir-rigward tal-attivitajiet ta' taħriġ, il-membri magħżula tal-Forum Konsultattiv kienu mistiedna jipparteċipaw fil-grupp ta' referenza tat-taħriġ skont it-tema. Matul l-2013, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili ġew ikkonsultati tal-anqas f'okkażjoni waħda għall-iżvilupp ta' ċerti moduli ta' taħriġ tal-EASO dwar is-"SEKA", dwar il-"Maniġers", dwar is-"Sess, identità sesswali u orjentazzjoni sesswali", dwar id-"Direttiva dwar il-proċeduri tal-asil", dwar ir-"Regolament ta' Dublin", dwar l-"Intervisti mat-tfal", dwar l-"Intervisti ma' persuni vulnerabbli" u dwar il-"Liġi internazzjonali dwar ir-refuġjati u d-drittijiet tal-bniedem".

Barra minn hekk, fl-2013 l-EASO għamel sejħa miftuħa għall-espressjonijiet ta' interess għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex ikunu involuti fi tliet oqsma ewlenin iffokati tal-ħidma tal-EASO: il-minorenni mhux akkumpanjati (valutazzjoni tal-età u rintraċċar tal-familja), il-kurrikulu ta' taħriġ tal-EASO (permezz tal-grupp ta' referenza) u l-EPS tal-EASO.

Matul l-2013 l-EASO żviluppa l-pjattaforma ta' konsultazzjoni elettronika tiegħu permezz tal-websajt tal-EASO.

Fl-2013 l-EASO kompla l-kooperazzjoni tiegħu mad-dinja akkademika, li kienet involuta fil-ħidma tal-EASO permezz ta' fora differenti, pereżempju permezz ta' attivitajiet ta' żvilupp ta' taħriġ u l-Forum Konsultattiv innifsu. L-EASO pparteċipa f'konferenzi u lekċers organizzati mid-dinja akkademika fil-qasam tal-asil u s-SEKA.

F'Novembru 2013 l-EASO organizza t-tielet laqgħa plenarja tal-Forum Konsultattiv tal-EASO. Ġew diskussi firxa wiesgħa ta' suġġetti, inklużi l-EPS tal-EASO, il-ħidma tal-EASO fil-Greċja, il-proċessi ta' kwalità, l-istudju tal-każ tal-EASO dwar il-Balkani tal-Punent, ir-rwol tal-EASO fir-rigward tad-dimensjoni esterna tas-SEKA, is-COI komuni dwar il-prodotti magħmula mill-EASO u r-rwol tal-EASO f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza. Il-laqgħa ntemmet bid-diskussjoni tal-bord dwar l-implimentazzjoni tas-SEKA u l-perspettivi għall-programm post-Stokkolma. Sabiex jiffamiljarizzaw ruħhom mal-ħidma tal-EASO u l-persunal tiegħu, il-membri tal-Forum Konsultattiv żaru wkoll il-kwartieri ġenerali tal-EASO u attendew sensiela ta' preżentazzjonijiet mill-persunal tal-EASO fuq l-oqsma differenti tal-ħidma tal-EASO.

Il-Grupp Konsultattiv inħoloq sabiex jappoġġja t-twaqqif u l-istadji inizjali tal-Forum Konsultattiv, iltaqa' tliet darbiet fl-2013. Matul is-sena kien magħmul minn ħames esperti anzjani nominati mill-Kummissjoni Ewropea, l-UNHCR, l-ECRE, in-Netwerk ta' Odissew u l-IARLJ.

## 4.7. L-organizzazzjoni tal-EASO

| L-organizzazzjoni tal-EASO f'ċifri fl-2013 |
|---|
| *71 membru tal-persunal (tlestew 15-il proċedura ta' reklutaġġ ġodda).*<br>*EUR 12-il miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 10.5 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament. Ġew stabbiliti 156 kuntratt u 9 kuntratti ta' qafas pluriennali. 600 abbonat ġdid mal-bullettin, 14-il stqarrija għall-istampa, 9 edizzjonijiet tal-bullettin, 15-il intervista mal-membri tal-istampa u ġew organizzati 4 konferenzi tal-istampa.*<br>*Evalwazzjonijiet interni u esterni tal-EASO.* |



Fl-2013 l-istruttura organizzattiva interna tal-EASO kienet immexxija mid-direttur eżekuttiv tiegħu, li wettaq id-doveri tiegħu bħala rappreżentant legali tal-EASO, u kien responsabbli, fost oħrajn, għall-ġestjoni amministrattiva tal-EASO u għall-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma u d-deċiżjonijiet tal-Bord tat-Tmexxija.

Fl-2013 id-direttur eżekuttiv kien appoġġjat b'mod dirett minn uffiċċju eżekuttiv u permezz ta' erba' kapijiet tat-taqsimiet/taċ-ċentri li ġejjin, kif ukoll mill-uffiċjal tal-kontabbiltà:

- it-Taqsima għall-Affarijiet Ġenerali u l-Amministrazzjoni (il-GAAU),
- iċ-Ċentru għall-Informazzjoni, id-Dokumentazzjoni u l-Analiżi (is-CIDA),
- iċ-Ċentru għall-Appoġġ Operattiv (is-COS),
- iċ-Ċentru għat-Taħriġ, il-Kwalità u l-Kompetenza (is-CTQE).

Matul l-2013 id-direttur eżekuttiv u l-erba' kapijiet tat-taqsimiet/taċ-ċentri sejħu laqgħa ta' kull ġimgħa tat-tim tal-maniġment biex jiġi mmonitorat il-progress tal-attivitajiet u l-organizzazzjoni tal-EASO u jiġu diskussi l-attivitajiet li jmiss.

Mingħajr preġudizzju għall-informazzjoni ddettaljata pprovduta fit-Tieni Parti ta' dan ir-rapport dwar l-attivitajiet annwali, il-ħarsa ġenerali lejn il-baġit tal-persunal u l-akkwist fl-2013 kienet kif ġej.

L-EASO kellu 71 membru tal-persunal fl-aħħar tal-2013, inklużi 31 Amministratur, 13-il Assistent, 15-il aġent kuntrattwali u 12-il espert nazzjonali ssekondati. Għoxrin nazzjonalità tal-Istati Membri tal-UE kienu diġà rappreżentati fl-EASO fl-aħħar tal-2013. L-EASO lesta 15-il proċedura ta' reklutaġġ, filwaqt li diversi kompetizzjonijiet fir-rigward tal-pjan tal-istabbiliment kienu ffinalizzati biss fil-bidu tas-sena ta' wara. Il-bilanċ tas-sessi fl-EASO rriżulta f'41 membru tal-persunal nisa (58 %) u 30 membru tal-persunal irġiel (42 %). Barra minn hekk, l-ewwel Kumitat tal-Persunal tal-EASO ġie elett f'Settembru 2013. Matul din is-sena l-EASO adotta wkoll il-ktieb tiegħu tad-deskrizzjonijiet tal-impjieg u kkonsolida programm ta' induzzjoni għall-utenti ġodda.

Fir-rigward tal-baġit u l-implimentazzjoni tiegħu, il-baġit tal-EASO fl-2013 inizjalment kien jammonta għal EUR 12-il miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 9 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament. Emenda fil-baġit żiedet l-approprjazzjonijiet ta' pagament għal EUR 10.5 miljun. F'Diċembru 2013 l-EASO adotta r-regolament finanzjarju ġdid tiegħu.

Fir-rigward tal-akkwist tal-2013, l-EASO kompla kkonsolida l-ippjanar, il-monitoraġġ u r-rappurtar fir-rigward tal-proċessi akkwist u tal-ikkuntrattar. Implimenta b'suċċess il-pjan ta' akkwist tal-2013, fejn appoġġja t-twettiq ta' disa' proċeduri ta' akkwist miftuħin u 43 proċedura ta' akkwist nnegozjati. Dawn irriżultaw f'disa kuntratti ta' qafas pluriennali u qed jiġu stabbiliti 156 kuntratt.

Fir-rigward tal-istampa u tal-komunikazzjonijiet, l-EASO aġġorna l-websajt tiegħu biex jagħmilha aktar interattiva, trasparenti u faċli għall-utent. Barra minn hekk, l-EASO żviluppa wkoll relazzjoni mill-qrib mal-membri strateġiċi ta' organizzazzjonijiet tal-midja rilevanti. Fl-2013 l-EASO ħareġ 14-il stqarrija għall-istampa u disa' edizzjonijiet tal-bullettin tiegħu. L-EASO rreġistra 600 abbonat ġdid għall-bullettin. L-aġenzija wettqet 15-il intervista mal-membri tal-istampa u organizzat erba' konferenzi għall-istampa. Twettqu estratti tal-istampa ta' kuljum u l-monitoraġġ tal-istampa ta' kuljum. Fl-2013 l-EASO adotta l-identità viżiva tiegħu. L-EASO ġġestixxa b'mod effettiv il-kaxxa postali elettronika tal-EASO, fejn irċieva aktar minn 500 talba permezz ta' posta elettronika u saħħaħ l-attivitajiet ta' komunikazzjoni interni tiegħu. Lista ta' pubblikazzjonijiet tal-EASO tista' tinstab fit-Taqsima 5 tat-Tieni Parti ta' dan ir-rapport dwar l-attivitajiet annwali.

Fil-qasam tat-teknoloġija tal-informatika u tal-komunikazzjoni (ICT), l-EASO bena fuq l-infrastruttura tal-ICT żviluppata fl-2012. L-infrastruttura tal-ICT kienet imsaħħa sabiex tappoġġja attivitajiet operattivi, b'mod partikolari fil-qasam tal-EPS u tal-portal komuni ta' COI. Fl-2013 l-EASO ffoka fuq it-tqegħid tal-pedamenti għall-implimentazzjoni ta' direttorju attiv u infrastruttura ta' sistema ta' posta elettronika fi ħdan ambjent virtwalizzat. Il-ġestjoni ta' sistemi u servizzi ġiet issimplifikata biex tippermetti l-flessibbiltà fl-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' rkupru minn diżastru fil-futur. L-EASO stabbilixxa sett ta' infrastruttura raggruppata b'disponibbiltà għolja għall-hosting tas-sistemi ta' ġestjoni tad-database tiegħu. Ġiet installata infrastruttura ta' vidjokonferenzi u ġew żviluppati servizzi ta' terminal biex jakkomodaw l-aċċess remot għas-sistemi tal-EASO. Ġiet introdotta politika tal-ICT dwar l-użu aċċettabbli ta' riżorsi.

Fir-rigward tal-loġistika, l-EASO ddedika attenzjoni partikolari għall-konsolidazzjoni tat-twaqqif u l-attezzar b'tagħmir tal-bini l-ġdid tiegħu wara t-tlestija tat-trasferiment fl-2012. L-EASO kompla żviluppa l-inventarju tal-assi fiżiċi tiegħu.

Fir-rigward tal-ġestjoni tad-dokumenti u l-protezzjoni tad-dejta, l-EASO kkonsolida fl-2013 ir-"Reġistru tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar" u żviluppa inventarju tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar biex juża dejta personali. Verifiki preċedenti kienu ppreżentati lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD) dwar il-ġestjoni tal-liv, l-akkwist u r-Riżerva ta' Intervent għall-Asil. Kienu abbozzati dikjarazzjonijiet ta' privatezza kienu abbozzati għal diversi operazzjonijiet tal-EASO. Il-karta tal-uffiċjal għall-protezzjoni tad-dejta kienet abbozzata wkoll u ġie żviluppat ktieb ta' politiki u proċeduri fl-2013.

B'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-IAS u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri, l-EASO implimenta u kompla żviluppa l-kontrolli interni tiegħu f'konformità mal-istandards ta' kontroll intern adottati f'Novembru 2012. Referenzi għad-attivitajiet f'dan ir-rigward huma inklużi fit-Taqsima 1 tat-Tieni Parti ta' dan ir-rapport dwar l-attivitajiet annwali.

### 4.7.1. Evalwazzjoni interna u esterna tal-EASO

Matul l-2013 il-Kummissjoni Ewropea wettqet evalwazzjoni fuq l-impatt tal-EASO fuq il-kooperazzjoni prattika dwar l-asil u fuq is-SEKA bħala parti mill-attivitajiet inklużi fil-komunikazzjoni tagħha dwar is-solidarjetà msaħħa fi ħdan l-UE fil-qasam tal-asil. L-evalwazzjoni interna ġiet finalizzata f'Diċembru 2013 u l-konklużjonijiet ġew adottati fl-2014.

Min-naħa l-oħra, it-termini ta' referenza għall-ewwel evalwazzjoni indipendenti tal-EASO kienu adottati mill-Bord tat-Tmexxija. Din l-evalwazzjoni esterna li għandha titwettaq fl-2014 għandha tivvaluta l-impatt tal-Aġenzija fuq il-kooperazzjoni prattika fil-qasam tal-asil u fuq is-SEKA b'mod ġenerali. L-evalwazzjoni għandha tikkunsidra b'mod xieraq il-progress magħmul fil-mandat tal-EASO, inkluż il-valutazzjoni dwar jekk humiex meħtieġa miżuri addizzjonali biex jiġu żgurati s-solidarjetà effettiva u l-kondiviżjoni tar-responsabbiltajiet mal-Istati Membri soġġetti għal pressjoni partikolari. L-evalwazzjoni għandha, b'mod partikolari, tindirizza l-ħtieġa possibbli li jiġi mmodifikat il-mandat tal-EASO, inklużi l-implikazzjonijiet finanzjarji ta' kwalunkwe modifika bħal din, u għandha teżamina wkoll jekk l-istruttura tal-ġestjoni hijiex xierqa għat-twettiq tad-doveri tal-EASO.

L-attivitajiet tal-EASO għandhom jiġu evalwati billi jiġu kkunsidrati l-objettivi speċifiċi li ġejjin, li huma wkoll il-kriterji ewlenin tal-valutazzjoni: il-valur miżjud tal-UE, l-impatt, l-effiċjenza, l-effikaċja u l-prattiki tal-ħidma tal-EASO. L-evalwazzjoni indipendenti ser tkopri l-perjodu bejn Ġunju 2011-Ġunju 2014 u se tiġi implimentata minn kuntrattur estern wara proċedura tal-offerti.

# IT-TIENI PARTI

# 1. L-elementi bażiċi lejn dikjarazzjoni tal-assigurazzjoni

## 1.1. Element bażiku 1: Valutazzjoni mill-maniġment

Bil-għan li jiġu appoġġjati l-legalità u r-regolarità, ġew adottati l-istandards ta' kontroll intern (ICS) għal ġestjoni effettiva fl-2012 u dawn ġew implimentati matul l-2013 permezz tal-adozzjoni ta' proċeduri għall-proċessi finanzjarji kollha. Il-membri tal-persunal statutorji kollha assenjati biex iwettqu d-doveri tal-atturi finanzjarji rċevew it-taħriġ meħtieġ fuq dawn il-proċeduri, kif ukoll ir-regoli relatati.

Filwaqt li l-ġestjoni finanzjarja tajba hija promossa bħala prinċipju gwida għall-implimentazzjoni tal-baġit, il-livell tal-ekonomija, tal-effiċjenza u tal-effikaċja miksub fir-rigward tat-tranżazzjonijiet finanzjarji huwa proporzjonat għad-disponibbiltà tal-membri tal-persunal assenjati għal dawn il-kompiti fil-kuntest tal-bidu ta' organizzazzjoni mill-kisba tal-indipendenza finanzjarja fl-20 ta' Settembru 2012 'il quddiem.

L-Aġenzija kompliet żviluppat il-kultura tal-ġestjoni finanzjarja tagħha permezz tal-implimentazzjoni tal-ICS u r-rakkomandazzjonijiet tal-entitajiet ta' verifika. Hija pprovdiet ukoll, u għadha tipprovdi, taħriġ rilevanti għall-persunal tagħha.

F'Marzu tal-2013 l-EASO wettaq awtovalutazzjoni dwar l-istatus tal-implimentazzjoni tal-ICS, fejn wera determinazzjoni fil-fehim u t-twaqqif ta' ambjent ta' kontroll intern validu.

## 1.2. Element bażiku 2: Ir-riżultati mill-verifiki tal-2013.

### 1.2.1. Il-konklużjonijiet u s-segwitu tal-verifika interna

Is-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS) għamel żjara fl-EASO mill-11 ta' April sad-19 ta' April 2013 għal valutazzjoni tar-riskju sħiħa u analiżi limitata fuq l-ICS.

Matul il-valutazzjoni tar-riskju sħiħa tal-2013, l-IAS analizza l-proċessi kbar tal-EASO, kemm operattivi (relatati mal-missjoni tiegħu) kif ukoll amministrattivi (appoġġ għall-kompiti operattivi). Abbażi ta' din il-valutazzjoni tar-riskju, l-IAS żviluppa pjan strateġiku intern ta' verifika (SIAP) għall-perjodu 2014-16, li identifika l-oqsma li fihom l-EASO għandu jieħdu azzjonijiet immirati, kif ukoll it-tliet suġġetti li ġejjin għal verifiki futuri: l-implimentazzjoni ta' pjanijiet operatorji fi ħdan il-qafas ta' appoġġ ta' emerġenza tal-EASO; il-ġestjoni tat-taħriġ; l-eżekuzzjoni tal-baġit u l-implimentazzjoni tal-pjan ta' akkwist.

Fir-rigward tal-analiżi limitata, l-IAS kellu l-għan li jipprovdi lid-direttur eżekuttiv u l-Bord tat-Tmexxija b'valutazzjoni indipendenti tal-adegwatezza tad-disinn u l-effikaċja tal-implimentazzjoni tal-ICS. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-analiżi kopra s-16-il ICS adottati mill-Bord tat-Tmexxija f'Novembru 2012, li huma ekwivalenti għal dawk applikati mill-Kummissjoni Ewropea lid-dipartimenti u s-servizzi tagħha stess.

Abbażi tar-riżultati tal-analiżi limitata, l-IAS ħareġ 18-il rakkomandazzjoni, sitta kklassifikati bħala "importanti ħafna" u 12 "importanti". Ma nħarġet l-ebda rakkomandazzjoni kritika.

L-IAS innota li, b'mod ġenerali, l-analiżi wriet li l-EASO kien għamel sforzi fl-implimentazzjoni tal-ICS, kif muri mill-eżempji ta' prattiki u proċeduri diġà fis-seħħ u qed jippjana aktar titjib tal-ambjent ta' kontroll. L-IAS irrakkomanda li dawn il-prattiki u l-proċeduri jkunu formalizzati.

Barra minn hekk, l-IAS enfasizza bħala prattika tajba li EASO diġà wettaq awtovalutazzjoni dwar l-istatus tal-implimentazzjoni tal-ICS f'Marzu tal-2013. L-IAS enfasizza li dan wera d-determinazzjoni tal-EASO li jifhem u jistabbilixxi

ambjent ta' kontroll intern validu. L-IAS ikkunsidra li dawn l-isforzi kien jixirqilhom apprezzament pożittiv, minħabba l-fażi tal-bidu tal-Aġenzija u l-fatt li EASO sar finanzjarjament indipendenti biss f'Settembru tal-2012.

Wara l-verifika f'April tal-2013 l-EASO pprepara l-pjan ta' azzjoni li ġej flimkien ma' miżuri li għandhom jiġu implimentati matul l-2013 u 2014.

| PRIJORITÀ | PJAN TA' AZZJONI |
|---|---|
| Importanti | Jiġu adottati d-dikjarazzjonijiet tal-missjoni tat-taqsimiet f'konformità mal-missjoni tal-EASO u dawn jiġu kkomunikati lill-persunal. |
| Importanti ħafna | Jiġi żgurat li l-persunal kollu tal-EASO jipparteċipa f'sessjoni ta' taħriġ/informazzjoni dwar l-etika u li hija pprovduta f'intervalli regolari. |
| Importanti ħafna | Tiġi adottata proċedura għar-rapportar sistematiku tal-irregolaritajiet jew tal-azzjonijiet illeċiti inkluża l-proċedura ta' "żvelar ta' informazzjoni protetta". |
| Importanti ħafna | Jinħarġu linji gwida/regoli interni dwar il-prevenzjoni tal-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività legali oħra li tkun detrimentali għall-interessi tal-Unjoni.<br>Jiġu adottati regoli ta' implimentazzjoni għal deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija dwar l-OLAF. |
| Importanti ħafna | Jinħarġu regoli dwar il-ġestjoni ta' kunflitti ta' interess għall-membri tal-Bord tat-Tmexxija. |
| Importanti ħafna | Jiġi introdott, għall-persunal tal-EASO/impjegati ġodda, konferma formali tar-rċevuta u l-konferma tal-qafas etiku fl-EASO fl-okkażjoni tas-sessjoni rispettiva ta' taħriġ. |
| Mixtieqa | Jiġu introdotti elementi bażiċi tal-ippjanar ibbażat fuq l-attivitajiet u l-ibbaġitjar sabiex jiġu appoġġjati l-proċess tal-ippjanar annwali u l-monitoraġġ tal-prestazzjoni attwali tar-riżorsi umani. |
| Importanti | Firma mill-membri kollha tal-kumitat ta' għażla tad-dikjarazzjonijiet ta' nuqqas ta' kunflitt ta' interess u ta' kunfidenzjalità qabel ma jinbeda l-proċess tal-għażla. |
| Importanti | Jiġi dokumentat b'mod adegwat il-proċess tar-reklutaġġ u tal-għażla, inklużi l-passi għas-sorveljanza u l-kontroll tal-ġestjoni — dan japplika speċjalment għall-ħidma u d-deċiżjonijiet tal-kumitat tal-għażla li jeħtieġ li jiġu ddokumentati f'dettall suffiċjenti. |
| Importanti | Tinżamm evidenza tal-approvazzjoni minn qabel tan-notifika tal-post vakanti kif ukoll tad-dokumenti kollha li jikkonċernaw ir-reklutaġġ, f'fajl ta' reklutaġġ ċentrali wieħed. |
| Importanti | Jitlestew u jiġu formalizzati deskrizzjonijiet ta' impjieg u objettivi għall-membri tal-persunal kollha. Id-dokumenti għandhom ikunu ddatati u ffirmati mill-persuna impjegata rispettiva. |
| Importanti | Jitlestew u jiġu adottati regoli ta' implimentazzjoni nieqsa tar-regolamenti tal-persunal, kif previst fl-Artikolu 110. |
| Importanti ħafna | Jiġu stabbiliti objettivi (SMART) annwali individwali, allinjati mal-objettivi tal-EASO għall-membri kollha tal-persunal, li jiffurmaw il-bażi għall-evalwazzjoni tal-prestazzjoni annwali. |
| Importanti ħafna | Jiġu adottati regoli interni dwar il-promozzjoni u r-riklassifikazzjoni tal-persunal. |
| Importanti ħafna | Tiġi adottata politika ta' taħriġ u żvilupp tal-persunal inklużi linji gwida għall-implimentazzjoni. |
| Importanti ħafna | Jiġi definit pjan ta' ġestjoni annwali għall-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma. |
| Importanti ħafna | Jiġu adottati indikaturi tal-prestazzjoni sabiex jiġi appoġġjat l-ippjanar annwali, kif ukoll għall-monitoraġġ u s-segwitu tal-implimentazzjoni tal-pjan. L-indikaturi għandhom, safejn possibbli, jissodisfaw il-kriterji RACER. |
| Importanti ħafna | Jiġu adottati objettivi tat-taqsima/dipartiment. |
| Importanti ħafna | Jiġu formalizzati sistemi ta' rapportar intern u proċeduri relatati biex jiġi appoġġjat il-monitoraġġ tal-progress miksub fl-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma. |
| Importanti ħafna | Jitwettaq eżerċizzju annwali tal-valutazzjoni tar-riskju u jinkludi r-riżultati fiċ-ċiklu tal-ippjanar annwali. |
| Importanti ħafna | Jiġu stabbiliti pjanijiet ta' azzjoni dwar il-ġestjoni tar-riskju, billi jiġi kkunsidrati aspetti ta' spejjeż, benefiċċju, u jiġu riveduti b'mod regolari biex jiġi żgurat li l-azzjonijiet implimentati jibqgħu jkunu rilevanti. |
| Importanti ħafna | Jiġi stabbilit reġistru tar-riskju li jinkludi riskji identifikati, azzjonijiet u responsabbiltajiet. |
| Importanti | Tiġi adottata proċedura għall-analiżi regolari/perjodika tad-drittijiet ta' aċċess tal-ABAC f'konformità mal-atti/nominazzjonijiet ta' delega. |
| Importanti | Tiġi żviluppata politika dwar funzjonijiet sensittivi inkluża l-identifikazzjoni ta' dawn il-postijiet kollha li għandhom jkunu riflessi fid-deskrizzjonijiet tal-impjieg. L-Aġenzija għandha tiżviluppa wkoll kontrolli mitiganti (gwida tal-Kummissjoni dwar funzjonijiet sensittivi (SEC(2008 77)). |

| PRIJORITÀ | PJAN TA' AZZJONI |
|---|---|
| Importanti | Jiġi implimentat l-ippjanar tal-akkwist li għandu jiġi msaħħaħ permezz ta' distribuzzjoni ċara tar-rwoli u r-responsabbiltajiet (inkluż l-abbozzar ta' speċifikazzjoni teknika - rwoli, responsabbiltajiet u skedi) u l-iżgurar ta' sorveljanza speċifika. |
| Importanti ħafna | Tiġi stabbilita struttura ta' governanza proporzjonata tal-IT (pereżempju kumitat ta' tmexxija tal-IT jew bord ta' governanza tal-IT) biex jiġu ssorveljati u mmonitorjati proġetti importanti. tal-IT tal-EASO. |
| Importanti ħafna | Jiġu adottati strateġija u politiki tal-IT adegwati biex jappoġġjaw l-attivitajiet operattivi li jiddependu. fuq l-IT. |
| Importanti ħafna | Jiġu rinforzati r-riżorsi tal-IT u l-kapaċità tat-tim. |
| Importanti ħafna | Jiġi adottat qafas ta' ġestjoni ta' proġett tal-IT. |
| Importanti | Jiġu mmappjati proċessi u proċeduri bil-għan li jiġi żgurat li dawn huma kompleti, aġġornati u li ma teżisti l-ebda lakuna/trikkib. |
| Importanti | Jiġu approvati b'mod formali l-proċeduri kollha li ġew stabbiliti. |
| Importanti | L-użu tar-reġistru tal-eċċezzjonijiet bħala strument *ex ante* (u b'mod eċċezzjonali bħala rekord *ex post* ta' żbalji), biex tiġi ġġustifikata, approvata u rraportata kwalunkwe devjazzjoni minn proċessi jew proċeduri stabbiliti, fl-oqsma kollha tal-attività. |
| Importanti | Jiġu finalizzati l-proċeduri tal-protezzjoni tad-dejta (inventarju ta' proċessi) u jiġi pprovdut taħriġ lill-persunal f'dan il-qasam. |
| Importanti | Jiġu formalizzati politiki u proċeduri tal-IT rilevanti fil-qasam tas-sigurtà, ir-rimi, il-klassifikazzjoni tad-dejta u s-sjieda. |
| Importanti ħafna | Jiġi adottat qafas ta' kontinwità tan-negozju inkluż qafas tal-IT, sabiex jiġi evitat tfixkil tal-attivitajiet ewlenin. |
| Importanti ħafna | Jiġu implimentati arranġamenti li jippermettu li kopji ta' riserva tal-IT jinżammu barra mill-bini tal-EASO. |
| Importanti | Regoli u linji gwida kompleti li jkopru l-oqsma kollha tal-ġestjoni tad-dokumenti skont ir-regoli fis-seħħ (skema ta' klassifikazzjoni għad-dokumenti u l-pjan għaż-żamma tagħhom, l-immaniġġjar ta' informazzjoni sensittiva, eċċ). |
| Importanti | Tiġi adottata strateġija ta' komunikazzjoni f'każ ta' kriżi. |
| Importanti | Jiġu stabbiliti kanali ta' komunikazzjoni ċari biex jiġu kkomunikati dgħufijiet fil-kontroll intern. |
| Importanti | Tiġi adottata proċedura għall-immaniġġjar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (drittijiet tal-awtur). |
| Importanti | Tiġi adottata proċedura għall-ġestjoni ta' kontenut tal-websajt (l-approvazzjoni, l-uploading u l-aġġornament) u verifiki/analiżi regolari tal-websajt. |
| Importanti | Tiġi validata s-sistema ta' kontabbiltà b'konformità mal-Artikolu 43.1(e) tar-regolament finanzjarju tal-EASO. |
| Importanti | Jiġu formalizzati u implimentati l-proċeduri finanzjarji tal-EASO. |
| Importanti | Tiġi żgurata l-assenjazzjoni ċara tar-rwoli u r-responsabbiltajiet fid-dominju tal-baġit, tal-finanzi u tal-kuntratti f'konformità mal-istruttura organizzattiva. |
| Importanti | Jiġi komplut il-programm ta' ħidma tal-EASO b'sommarju qasir tal-azzjonijiet ippjanati fir-rigward tal-kontroll intern, b'mod speċjali pjanijiet biex jitjiebu l-kontrolli eżistenti. |
| Importanti | Tiġi inkorporata fir-rapport dwar l-attivitajiet annwali tal-EASO deskrizzjoni ta' kif taħdem is-sistema ta' kontroll intern, l-għodod ta' monitoraġġ disponibbli għall-ġestjoni (pereżempju r-rapportar regolari tal-maniġment bħar-rapport dwar l-istatus amministrattiv u operattiv, laqgħat dwar il-politika ta' ġestjoni, kontrolli ewlenin dwar l-implimentazzjoni tal-baġit (kemm *ex ante* kif ukoll *ex post*), il-ġestjoni tar-riskju u r-riżultati tal-verifiki (kemm il-QEA kif ukoll l-IAS). |

Sal-31 ta' Diċembru 2013 ma kien hemm l-ebda rakkomandazzjoni kritika miftuħa. Ir-rakkomandazzjonijiet kollha kienu implimentati jew qed jiġu implimentati. L-IAS indika li żewġ rakkomandazzjonijiet importanti ħafna (li għandhom x'jaqsmu mal-evalwazzjoni u l-iżvilupp tal-persunal u l-pjan ta' ġestjoni annwali) ġew postposti b'anqas minn 6 xhur fir-rigward tal-iskadenzi definiti mill-pjan ta' azzjoni tal-EASO.

## 1.2.2. Konklużjonijiet u segwitu tal-verifika interna

Kull sena l-Qorti Ewropea tal-Awdituri tagħti opinjoni dwar l-affidabbiltà tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji (kontijiet annwali) tal-Aġenzija u opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawn il-kontijiet.

Matul l-2013, il-Qorti tal-Awdituri għamlet żjara lill-EASO mill-20 sal-24 ta' Mejju 2013 biex twettaq il-verifika annwali għas-sena finanzjarja 2012.

Il-kummenti prinċipali magħmula wara din il-verifika huma mniżżla hawn taħt flimkien mas-segwitu mogħti mill-EASO.

| KUMMENTI | STATUS |
|---|---|
| Is-sistema tal-kontabbiltà tal-Uffiċċju għadha ma ġietx ivvalidata mill-uffiċjal tal-kontabbiltà. | Rapport dwar il-validazzjoni tas-sistema tal-kontabbiltà tal-EASO kien abbozzat f'Mejju tal-2013.<br>Ir-rapport finali ġie ffirmat fid-29 ta' Mejju 2013 (ibbażat fuq l-ewwel xhur wara l-indipendenza finanzjarja tal-EASO). |
| Il-ħtiġijiet baġitarji għall-2012 kienu stmati żżejjed b'mod konsiderevoli: ġew impenjati biss EUR 4.8 miljun mis-EUR 7 miljuni trasferiti meta ġiet irċevuta l-awtonomija finanzjarja.<br>Ġew trasferiti approprjazzjonijiet ta' impenn ta' EUR 3.2 miljun, li jirrappreżentaw 65.13 % tal-approprjazzjonijiet ta' impenn totali għall-perjodu ta' awtonomija finanzjarja. [...] Dawn huma l-aktar relatati mal-fatturi li għadhom ma waslux u/jew li ma tħallsux fi tmiem is-sena u mar-rimborżi pendenti ta' spejjeż relatati mal-esperti. Barra minn hekk, xi EUR 0.8 miljun jikkonċernaw xogħol ta' arranġament mill-ġdid imwettaq fil-bini tal-Uffiċċju fl-2012, li għalih il-pagamenti ser isiru wara l-aċċettazzjoni finali. Tali livell għoli ta' trasferimenti jmur, madankollu, kontra l-prinċipju baġitarju ta' annwalità. | Attwalment l-EASO kontinwament jissorvelja l-konsum tal-impenji baġitarji.<br>Rapport ta' kull xahar dwar l-eżekuzzjoni tal-baġit huwa maħruġ, analizzat u segwit.<br>Ġie stabbilit eżerċizzju ta' analiżi tal-baġit f'nofs is-sena għall-valutazzjoni tal-ħtieġa possibbli għal emendi fil-baġit u/jew trasferimenti fi ħdan il-baġit.<br>Fl-2013 l-EASO impenja 87 % tal-baġit tiegħu.<br>Trasferimenti ta' approprjazzjonijiet ammontaw għal 24 % tal-approprjazzjonijiet ta' impenn totali, l-aktar relatati ma' fatturi li għadhom ma waslux u/jew li ma tħallsux fi tmiem is-sena jew meta s-servizzi inkwistjoni ma kinux ġew mogħtija. |
| Ma twettaq l-ebda inventarju fiżiku biex jiġi żgurat li t-tagħmir kollu mixtri sabiex jitwaqqaf l-Uffiċċju huwa inkluż fir-reġistru. | L-EASO wettaq inventarju fiżiku komprensiv fl-aħħar tal-2013. |
| Ħamsin pagament, li jirrappreżentaw madwar 20 % tal-ammont totali ta' pagamenti, saru wara l-iskadenzi stabbiliti mir-regolament finanzjarju. | Ir-rata annwali ta' ħlas tardiv hija ta' 18 % u se tkompli titnaqqas fl-2014. |
| Għaxra mis-16-il standard ta' kontroll intern għadhom ma ġewx implimentati bis-sħiħ. | Matul l-2013, l-IAS wettaq analiżi limitata tal-implimentazzjoni tal-ICS mill-EASO.<br>L-IAS indika li r-rakkomandazzjonijiet kollha huma implimentati jew qed jiġu implimentati, fejn ta spjegazzjoni li:<br>żewġ rakkomandazzjonijiet importanti ħafna ġew posposti b'anqas minn 6 xhur (evalwazzjoni u l-iżvilupp tal-persunal; objettivi u indikaturi);<br>erba' rakkomandazzjonijiet importanti ħafna se jiġu implimentati (qafas etiku; ġestjoni tar-riskju; il-governanza/l-istruttura tiegħu; qafas ta' kontinwità tan-negozju). |
| Hemm lok li tiġi mtejba t-trasparenza tal-proċeduri ta' reklutaġġ: ma kien hemm l-ebda evidenza li l-ippeżar u l-partituri tal-limitu biex tkun mistieden għall-intervista u biex titqiegħed fuq il-lista tar-riżervi ġew stabbiliti qabel l-eżaminazzjoni tal-applikazzjonijiet, jew li mistoqsijiet għall-intervisti u t-testijiet bil-miktub kienu stabbiliti qabel l-eżaminazzjoni tal-applikazzjonijiet. | It-trasparenza fil-proċeduri ta' reklutaġġ tjiebet. Mal-indipendenza amministrattiva u finanzjarja tal-EASO, ġew introdotti prattiki ġodda ta' għażla/reklutaġġ.<br>Dawn il-prattiki ġew iddikjarati wkoll fil-politika ta' reklutaġġ tal-EASO. |

Il-Qorti tal-Awdituri għamel żjara wkoll lill-EASO mill-21 sal-25 ta' Ottubru 2013, bħala l-1 missjoni tal-verifika annwali għas-sena finanzjarja 2013. It-2 missjoni (missjoni finali) saret mit-12 sas-16 ta' Mejju 2014 u l-osservazzjonijiet preliminari saru disponibbli f'Ġunju 2014.

Fl-osservazzjonijiet preliminari tagħha l-Qorti tqis li l-evidenza tal-verifika miksuba hija biżżejjed u xierqa biex tipprovdi bażi għad-dikjarazzjoni tal-assigurazzjoni tagħha. Hija esprimiet l-opinjoni li l-kontijiet annwali tal-EASO jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tiegħu fil-31 ta' Diċembru 2013 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tiegħu u l-flussi tal-flus tiegħu għas-sena li ntemmet, skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament finanzjarju tiegħu u r-regoli tal-kontabbiltà adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, fl-osservazzjonijiet preliminari hija tagħti l-opinjoni li t-tranżazzjonijiet abbażi ta' dawn il-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2013 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

## 1.3. Element bażiku 3: Is-segwitu tar-riżervi u l-pjanijiet ta' azzjoni għall-verifiki mis-snin preċedenti.

Ma kien hemm l-ebda riżerva elenkata fir-rapporti dwar l-attivitajiet annwali tas-snin preċedenti.

## 1.4. Element bażiku 4: Assigurazzjoni riċevuta minn uffiċjali tal-awtorizzazzjoni oħrajn f'każijiet ta' sottodelegazzjoni maqsuma.

Mhux applikabbli.

# 2. Dikjarazzjoni tal-assigurazzjoni mid-direttur eżekuttiv

Jien, hawn taħt iffirmat,

Id-Direttur Eżekuttiv tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil,

Fil-kapaċità tiegħi bħala uffiċjal tal-awtorizzazzjoni,

Għall-azzjonijiet u l-impenji tal-EASO fl-2013,

Niddikjara li l-informazzjoni inkluża f'dan ir-rapport tagħti ħarsa vera u ġusta.

Niddikjara li għandi assigurazzjoni raġonevoli li r-riżorsi assenjati għall-attivitajiet deskritti f'dan ir-rapport intużaw għall-iskop intiż tagħhom u f'konformità mal-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll li l-proċeduri ta' kontroll fis-seħħ jagħtu l-garanziji meħtieġa f'dak li għandu x'jaqsam mal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti.

Din l-assigurazzjoni raġonevoli hija bbażata fuq il-ġudizzju tiegħi stess u fuq l-informazzjoni għad-dispożizzjoni tiegħi, bħar-riżultati tal-awtovalutazzjoni, il-kontrolli *ex-post*, l-osservazzjonijiet tas-Servizz tal-Awditjar Intern u l-lezzjonijiet meħuda mir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri għas-snin qabel is-sena ta' din id-dikjarazzjoni.

Nikkonferma li ma naf b'xejn li mhuwiex irrapportat hawnhekk li jista' jkun ta' dannu għall-interessi tal-EASO u tal-istituzzjonijiet b'mod ġenerali.

Magħmul fil-Port tal-Belt Valletta fl-10 ta' Ġunju 2014

*IFFIRMAT 10.6.2014.*

Dr Robert K. Visser
Direttur Eżekuttiv

# 3. Kontijiet finali u rapporti dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja tal-2013

## 3.1. Introduzzjoni.

### 3.1.1. Introduzzjoni qasira.

L-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil (imsemmi "EASO") inħoloq fi ħdan ir-Regolament (UE Nru 439/2012([9]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil (msemmi bħala r-"Regolament tal-EASO").

L-EASO jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' Sistema Ewropea Komuni tal-Asil (SEKA). L-iskop tal-EASO huwa li jiffaċilita, jikkoordina u jsaħħaħ il-kooperazzjoni prattika fost l-Istati Membri fir-rigward tal-ħafna aspetti tal-asil, bħal: li jiġi pprovdut appoġġ prattiku u operattiv lill-Istati Membri; li jiġi pprovdut appoġġ operattiv lill-Istati Membri soġġetti għal pressjoni partikolari fuq is-sistemi tal-asil tagħhom, inkluż il-koordinazzjoni ta' timijiet ta' appoġġ għall-asil magħmula minn esperti nazzjonali tal-asil; u li tiġi pprovduta assistenza xjentifika u teknika għat-tfassil tal-politika u l-leġiżlazzjoni tal-UE fl-oqsma kollha li għandhom impatt dirett jew indirett fuq l-asil.

Il-kompiti tal-EASO huma kif ġej.

- Appoġġ permanenti: appoġġ u stimulazzjoni tal-kwalità komuni tal-proċess tal-asil permezz ta' taħriġ komuni, kurrikulu komuni tal-asil, kwalità komuni u COI komuni.
- Appoġġ speċjali: assistenza mfassla apposta, bini ta' kapaċità, rilokazzjoni, appoġġ speċifiku u proċessi speċjali ta' kontroll tal-kwalità.
- Appoġġ ta' emerġenza: l-organizzazzjoni ta' solidarjetà għall-Istati Membri kkonfrontati bi pressjonijiet partikolari billi jipprovdu appoġġ temporanju u assistenza biex jirranġaw jew jibnu mill-ġdid is-sistema tal-asil.
- Appoġġ ta' analiżi u informazzjoni: kondiviżjoni u amalgamazzjoni ta' informazzjoni u dejta, analiżi u evalwazzjoni — mhux biss paragun u skambju ta' informazzjoni, iżda wkoll analiżi ta' xejriet u valutazzjoni komuni.
- Appoġġ għal pajjiżi terzi: appoġġ tad-dimensjoni esterna, appoġġ ta' sħubiji ma' pajjiżi terzi biex jintlaħqu soluzzjonijiet komuni, pereżempju bil-programmi ta' bini tal-kapaċità u ta' protezzjoni reġjonali, u l-koordinazzjoni tal-azzjonijiet tal-Istati Membri dwar ir-risistemazzjoni.

Wara applikazzjoni mill-gvern tar-Repubblika ta' Malta biex jospita s-sede tal-EASO, fil-25 ta' Frar 2010 ir-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri tal-UE ħadu d-deċiżjoni biex jistabbilixxu l-EASO fil-Port tal-Belt Valletta([10]).

L-EASO huwa magħmul minn Bord tat-Tmexxija u direttur eżekuttiv megħjun minn membri tal-persunal.

Il-Bord tat-Tmexxija tal-EASO huwa magħmul minn membru wieħed minn kull Stat Membru, minbarra d-Danimarka, żewġ membri mill-Kummissjoni Ewropea u membru wieħed tal-UNHCR mingħajr dritt tal-vot. Id-Danimarka hija mistiedna sabiex tattendi bħala osservatriċi għal-laqgħat kollha tal-Bord tat-Tmexxija u għal laqgħat rilevanti oħrajn.

Il-funzjonijiet ewlenin tal-Bord tat-Tmexxija bħala l-korp tat-tmexxija u l-ippjanar tal-EASO huma deskritti fl-Artikolu 29 tar-Regolament tal-EASO u jinkludu l-ħatra tad-direttur eżekuttiv u l-adozzjoni tal-programmi ta' ħidma, ir-rapporti annwali u l-baġit, u għandu wkoll ir-responsabbiltà ġenerali li jiżgura li l-EASO jwettaq id-doveri tiegħu b'mod effettiv.

Id-direttur eżekuttiv, li għandu jkun indipendenti fit-twettiq tal-kompiti tiegħu, huwa r-rappreżentant legali tal-EASO u huwa responsabbli, fost l-oħrajn, mill-ġestjoni amministrattiva u mill-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma u d-deċiżjonijiet tal-Bord tat-Tmexxija. Id-Direttur Eżekuttiv, Dr Robert K Visser ħa l-ħatra tiegħu fl-1 ta' Frar 2011. Huwa jservi l-mandat tiegħu ta' 5 snin li jiġġedded darba għal 3 snin.

([9]) ĠU L 13 9 5 2012 p. 11
([10]) ĠU L 3 4 9 1 2012 p. 47

L-uffiċjal tal-kontabbiltà huwa maħtur mill-Bord tat-Tmexxija. Is-Sur Isaac Jiménez Carvajal beda bil-ħidma tiegħu fis-16 ta' Awwissu 2012.

Il-funzjoni tal-verifika interna titwettaq mis-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea.

Il-verifika esterna hija mwettqa mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

L-awtorità tal-kwittanza hija l-Parlament Ewropew li qed jaġixxi fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

Kull sena l-EASO għandu jippubblika rapport dwar l-attivitajiet annwali fir-rigward tal-attivitajiet tiegħu flimkien mad-dikjarazzjonijiet finanzjarji tiegħu (kontijiet annwali u implimentazzjoni tal-baġit).

## 3.1.2. Qafas legali

Dan ir-rapport tħejja skont ir-Regolament finanzjarju tal-EASO adottat mill-Bord tat-Tmexxija tiegħu.

Wara li rċieva l-osservazzjonijiet preliminari mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, l-uffiċjal tal-kontabbiltà fassal il-kontijiet finali.

Dawn il-kontijiet annwali finali jintbagħtu lill-Bord tat-Tmexxija, li għandu jagħti opinjoni dwarhom.

Il-kontijiet annwali finali jintbagħtu, flimkien mal-opinjoni tal-Bord tat-Tmexxija, lill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni, il-Qorti tal-Awdituri, il-Parlament u l-Kunsill qabel l-1 ta' Lulju 2014.

Il-kontijiet annwali finali għandhom jiġu ppubblikati fuq il-websajt tal-EASO (http://www.Easo.Europa.eu u *fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-objettivi tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji huma li tiġi pprovduta informazzjoni dwar il-pożizzjoni finanzjarja, il-prestazzjoni u l-fluss tal-flus tal-EASO.

Id-dikjarazzjonijiet finanzjarji tħejjew skont ir-regoli tal-kontabbiltà adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni Ewropea, skont il-prinċipji ta' kontabbiltà bbażata fuq id-dovuti fejn huma kkonċernati r-rendiment ekonomiku, il-bilanċ u l-flussi tal-flus.

Il-kontijiet ġenerali huma kontijiet ibbażati fuq id-dovuti, li jfisser li l-effetti tat-tranżazzjonijiet u avvenimenti oħra huma rikonoxxuti meta jseħħu dawk it-tranżazzjonijiet jew l-avvenimenti (u mhux biss meta l-flus jew l-ekwivalenti tagħhom huma riċevuti jew imħallsa). Huma bbażati fuq l-IPSAS (Standards Internazzjonali tal-Kontabbiltà tas-Settur Pubbliku). Il-kontijiet ġenerali jippermettu l-preparazzjoni tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji għax dawn juru dħul u l-ispejjeż kollha għas-sena finanzjarja u huma mfassla biex jistabbilixxu l-pożizzjoni finanzjarja fil-forma ta' karta tal-bilanċ fil-31 ta' Diċembru.

L-eżekuzzjoni tal-baġit hija ppreparata abbażi tal-kontabbiltà tal-ħlasijiet modifikata. F'sistemi tal-kontabbiltà abbażi tal-ħlasijiet, pagamenti magħmula u d-dħul riċevut huma rreġistrati. Il-kontabbiltà abbażi tal-ħlasijiet modifikata tippermetti reġistrazzjoni wkoll ta' trasferimenti ta' approprjazzjonijiet ta' pagamenti. Dawn jintużaw biex jipproduċu l-kont tar-rendiment baġitarju u rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit.

Dawn id-dispożizzjonijiet wasslu għal diskrepanzi bejn il-kontijiet ġenerali u l-kontijiet tal-baġit.

Il-politiki tal-kontabbiltà ġew applikati b'mod konsistenti matul il-perjodu.

### 3.1.3. Il-prinċipji ta’ kontabbiltà

Abbażi tar-regolament finanzjarju tal-EASO, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji jitfasslu skont il-prinċipji tal-kontabbiltà ġeneralment aċċettati speċifikati fir-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-regolament finanzjarju ġenerali, jiġifieri dan li ġej.

#### (a) Prinċipju fuq il-bażi ta’ negozju attiv

Il-prinċipju fuq il-bażi ta’ negozju attiv jfisser li, għall-finijiet ta’ tħejjija tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji, l-EASO jitqies li ġie stabbilit għal żmien indeterminat.

#### (b) Prinċipju ta’ prudenza

Il-prinċipju ta’ prudenza jfisser li l-assi u d-dħul ma ġewx esaġerati u l-obbligazzjonijiet u l-ispejjeż ma ġewx sottovalutati. Ma ġiet maħluqa l-ebda riżerva moħbija jew dispożizzjoni mingħajr bżonn.

#### (c) Prinċipju ta’ metodi tal-kontabbiltà konsistenti.

Il-prinċipju ta’ metodi tal-kontabbiltà konsistenti jfisser li l-istruttura tal-komponenti tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji u l-metodi tal-kontabbiltà u r-regoli tal-valutazzjoni ma nbidlitx minn sena għal oħra.

#### (d) Prinċipju ta’ komparabilità ta’ informazzjoni

Il-prinċipju ta’ komparabilità ta’ informazzjoni jfisser li għal kull partita d-dikjarazzjonijiet finanzjarji juru wkoll l-ammont tal-partita korrispondenti tas-sena preċedenti.

Meta, skont il-paragrafu preċedenti, il-preżentazzjoni jew il-klassifikazzjoni ta’ wieħed mill-komponenti tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji jinbidel, l-ammonti korrispondenti għas-sena preċedenti jkunu saru komparabbli u klassifikati mill-ġdid. Fejn kien impossibbli li dawn il-partiti jiġu kklassifikati mill-ġdid, dan għandu jiġi spjegat fl-anness.

#### (e) Prinċipju ta’ materjalità

Il-prinċipju ta’ materjalità jfisser li l-operazzjonijiet kollha li huma ta’ sinifikat għall-informazzjoni mfittxija ġew ikkunsidrati fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji. Il-materjalità ġiet ivvalutata b’mod partikolari b’referenza għan-natura tat-tranżazzjoni jew tal-ammont.

It-tranżazzjonijiet jistgħu jiġu aggregati meta:

- it-tranżazzjonijiet huma identiċi fin-natura anke jekk l-ammonti huma kbar ;
- l-ammonti huma negliġibbli ;
- l-aggregazzjoni tippermetti ċ-ċarezza fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji .

#### (f) Prinċipju ta’ nuqqas ta’ netting

Il-prinċipju ta’ nuqqas ta’ netting ifisser li r-riċevibbli u d-djun ma jistgħux jaqtgħu lil xulxin, u lanqas l-ispejjeż u d-dħul, ħlief fejn l-imposti u d-dħul ikunu ġejjin mill-istess tranżazzjoni, minn tranżazzjonijiet simili jew minn operazzjonijiet ta’ ħheġġjar, u sakemm mhumiex individwalment materjali.

### (g) Prinċipju ta' realtà qabel l-apparenza

Il-prinċipju ta' realtà qabel l-apparenza jfisser li l-avvenimenti tal-kontabbiltà rreġistrati fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji ġew ippreżentati b'referenza għan-natura ekonomika tagħhom.

### (h) Prinċipju ta' kontabbiltà bbażata fuq id-dovuti

Il-prinċipju ta' kontabbiltà bbażata fuq id-dovuti jfisser li t-tranżazzjonijiet u l-avvenimenti jkunu ġew irreġistrati fil-kontijiet meta jseħħu u mhux meta l-ammonti jkunu fil-fatt ġew imħallsa jew irkuprati. Jitniżżlu taħt is-snin finanzjarji li magħhom huma relatati.

### (i) Munita

Id-dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-EASO huma ppreżentati f'euro.

### (j) Tranżazzjonijiet f'muniti barranin

Tranżazzjonijiet ekonomiċi f'muniti mhux euro ġew ikkonvertiti f'euro abbażi tar-rata uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea.

Numru limitat ħafna ta' tranżazzjonijiet matul il-perjodu ta' rapportar seħħ f'muniti barranin.

### (k) Indipendenza finanzjarja

L-EASO sar finanzjarjament indipendenti fl-20 ta' Settembru 2012.

Għalhekk, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji attwali għall-2013 jirreferu għall-ewwel sena sħiħa ta' attività u d-dejta għall-2012 tkopri biss il-perjodu mill-20 ta' Settembru sal-31 ta' Diċembru.

## 3.1.4. Ċertifikat tal-uffiċjal tal-kontabbiltà

Dawn il-kontijiet annwali finali tal-EASO għas-sena finanzjarja 2013 tħejjew skont it-Titolu IX tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea, ir-Regolament Finanzjarju tal-EASO u r-regoli tal-kontabbiltà adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni, bħalma għandhom jiġu applikati mill-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-impriżi konġunti kollha.

Jien nirrikonoxxi r-responsabbiltà tiegħi għall-preparazzjoni u l-preżentazzjoni tal-kontijiet annwali tal-EASO skont ir-Regolament Finanzjarju tal-EASO.

Jiena ksibt mill-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni, li ggarantixxa l-affidabbiltà tagħha, l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-produzzjoni tal-kontijiet li juru l-assi u l-obbligazzjonijiet tal-EASO u l-implimentazzjoni baġitarja..

Jien hawnhekk niċċertifika li abbażi ta' din l-informazzjoni, u wara l-verifiki li dehrli li kienu meħtieġa biex niffirma l-kontijiet, għandi assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja, ir-riżultati tal-operazzjonijiet u l-fluss tal-flus tal-EASO.

*IFFIRMAT 10.6.2014*.

Isaac Jimenez Carvajal
Uffiċjal tal-Kontabbiltà

# 3.2. Dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-2013

## 3.2.1. Karta tal-bilanċ

| Karta tal-bilanċ — Assi | Nota | 2013 | 2012 | Varjazzjonijiet |
|---|---|---|---|---|
| **ASSI** | | | | |
| ASSI MHUX KURRENTI | 3.3.1.1 | | | |
| ASSI INTANĠIBBLI | 3.3.1.1.1 | **107 353.00** | **4 800.00** | **102 553.00** |
| *Softwer tal-kompjuter* | | *107 353.00* | *4 800.00* | *102 553.00* |
| ASSI TANĠIBBLI | 3.3. 1.1.2 | **377 053.83** | **50 523.97** | **326 529.86** |
| *Impjant u tagħmir* | | *0 00* | *2 011.97* | *– 2 011.97* |
| *Ħardwer tal-kompjuter* | | *294 643.27* | *5 216.00* | *289 427.27* |
| *Għamara u vetturi* | | *12 626.56* | *0.00* | *12 626.56* |
| *Tagħmir u armar ieħor* | | *69 784.00* | *43 296.00* | *26 488.00* |
| **ASSI MHUX KURRENTI TOTALI** | | **484 406.83** | **55 323.97** | **429 082.86** |
| ASSI KURRENTI | 3.3.1.2 | | | |
| PREFINANZJAMENT TA' TERMINU QASIR | 3.3.1.2.1 | **0.00** | **324 965.40** | **– 324 965.40** |
| *PF — Akkwisti u għotjiet* | | *0.00* | *324 965.40* | *– 324 965.40* |
| RIĊEVIBBLI TA' TERMINU QASIR | 3.3.1.2.2 | **288 598.67** | **16 427.53** | **272 171.14** |
| *Riċevibbli kurrenti* | | *91 502.10* | *15 025.40* | *76 476.70* |
| *Riċevibbli kurrenti ma' entitajiet tal-UE konsolidati* | | *0.00* | *1 384.94* | *– 1 384.94* |
| *Riċevibbli ta' terminu qasir oħra* | | *7 803.84* | *17.19* | *7 786.65* |
| *Imposti differiti* | | *189 292.73* | | *189 292.73* |
| FLUS U EKWIVALENTI TA' FLUS | 3.3.1.2.3 | **553 156.87** | **1 754 013.02** | **– 1 200 856.15** |
| **ASSI KURRENTI TOTALI** | | **841 755.54** | **2 095 405.95** | **– 1 253 650.41** |
| **TOTAL** | | **1 326 162.37** | **2 150 729.92** | **– 824.567.55** |

| Karta tal-bilanċ — Obbligazzjonijiet | Nota | 2013 | 2012 | Varjazzjonijiet |
|---|---|---|---|---|
| **OBBLIGAZZJONIJIET** | | | | |
| | | | | |
| KAPITAL | | | | |
| **RIŻULTAT AKKUMULAT MIS-SNIN PREĊEDENTI** | | **– 778 448.81** | | **– 778 448.81** |
| **IR-RIŻULTAT EKONOMIKU TAS-SENA** | | **1 171 666.07** | **– 778 448.81** | **1 950 114.88** |
| | | | | |
| OBBLIGAZZJONIJIET KURRENTI | 3.3.1.3 | | | |
| Dispożizzjonijiet fuq terminu qasir | 3.3.1.3.1 | **65 313.98** | **66 790.09** | **- 1 476.11** |
| Kontijiet pagabbli | 3.3.1.3.2 | **867 631.13** | **2 862 388.64** | **- 1 994 757.51** |
| *Ammonti pagabbli kurrenti* | | *75 065.40* | *72 191.44* | *2 873.96* |
| *Kontijiet oħra pagabbli kontra entitajiet tal-UE konsolidati* | | *0.00* | *396 513.90* | *– 396 513.90* |
| *Ammonti pagabbli tal-obbligazzjonijiet dovuti* | | *680 635.11* | *2 220 369.81* | *– 1 539 734.70* |
| *Imposti dovuti mal-entitajiet tal-UE konsolidati* | | *105 205.46* | *34 769.71* | *70 435.75* |
| *Prefinanzjament irċevut minn entitjaiet tal-UE konsolidati* | | *0.00* | *138 543.78* | *– 138 543.78* |
| *Kontijiet pagabbli oħra* | | *6 725.16* | | *6 725.16* |
| **OBBLIGAZZJONIJIET KURRENTI TOTALI** | | **932 945.11** | **2 929 178.73** | **– 1 996 233.62** |
| **TOTAL** | | **1 326 162.37** | **2 150 729.92** | **– 824 567.55** |

## 3.2.2. Kont tar-rendiment ekonomiku

| | Nota Nru | 2013 | 2012 | Varjazzjoni |
|---|---|---|---|---|
| DĦUL OPERATTIV — MIXXELLANJU | | 35 361.28 | 54 832. 47 | 19 471 19 |
| SUSSIDJU TAL-UE (KUMMISSJONI) | | 9 500 000 00 | 7 108 936.29 | 2 391 063.71 |
| **DĦUL OPERATTIV TOTALI** | 3.3.2.1 | **9 535 361.28** | **7 163 768.76** | **2 371 592.52** |
| Spejjeż amministrattivi | | 6 599 167 88 | 6 258 542 79 | 340 625 09 |
| *Spejjeż tal-persunal kollu* | | *– 4 002 363.18* | *– 989 514.88* | *– 3 012 848.30* |
| *Spejjeż relatati mal-assi fissi* | | *– 79 663.19* | *– 1 662.02* | *– 78 001.17* |
| *Spejjeż amministrattivi oħra* | | *– 2 517 141.51* | *– 5 267 365.89* | *2 750 224.38* |
| Spejjeż operattivi | | 1 764 625 05 | 1 683 506 59 | 81 118 46 |
| **SPEJJEŻ OPERATTIVI TOTALI** | 3.3.2.2 | **– 8 363 792.93** | **– 7 942 049.38** | **– 421 743.55** |
| **BILANĊ FAVOREVOLI (DEFIĊIT MINN ATTIVITAJIET OPERATTIVI** | | **1 171 568.35** | **– 778 280.62** | **1 949 848.97** |
| Dħul finanzjarju | | | | |
| Spejjeż finanzjarji | | 97.72 | 168 19 | 65 91 |
| **BILANĊ FAVOREVOLI (DEFIĊIT MINN ATTIVITAJIET MHUX OPERATTIVI** | | **97.72** | **– 168.19** | **265.91** |
| | | | | |
| **BILANĊ FAVOREVOLI (DEFIĊIT MINN ATTIVITAJIET ORDINARJI** | | **1 171 666.07** | **– 778 448.81** | **1 950 114.88** |
| Qligħ straordinarju (+) | | | | |
| | | | | |
| Telf straordinarju (-) | | | | |
| **BILANĊ FAVOREVOLI/(DEFIĊIT MINN PARTITI STRAORDINARJI** | | **0.00** | **0.00** | **0.00** |
| | | | | |
| **IR-RIŻULTAT EKONOMIKU GĦAS-SENA** | | **1 171 666.07** | **– 778 448.81** | **1 950 114.88** |

## 3.2.3. Fluss tal-flus

(Metodu indirett)

| | 2013 | 2012 |
|---|---|---|
| **Fluss tal-flus minn attivitajiet ordinarji** | | |
| **Bilanċ favorevoli (deficit minn attivitajiet ordinarji** | **1 171 666.07** | **– 778 448.81** |
| **Attivitajiet ta' operat** | | |
| Aġġustamenti | | |
| Ammortizzament (assi fissi intanġibbli) + | 10 466.20 | 1 263 75 |
| Deprezzament (assi fissi tanġibbli) - | 70 496.72 | 14 5 3 34 |
| (Żieda fid-dispożizzjonijiet għar-riskju u l-obbligazzjonijiet) | 1 476 11 | 66 790.09 |
| | | |
| (Żieda) fil-prefinanzjament fuq terminu qasir | 324 965 40 | -324 965 40 |
| (Żieda) fir-riċevibbli fuq terminu qasir | 273 563 86 | -15 042.59 |
| (Żieda) fir-riċevibbli relatati mal-entitajiet tal-UE konsolidati | 1 392.72 | -1 384 94 |
| | | |
| Żieda fil-kontijiet pagabbli | -1 530135 58 | 2 327 330.96 |
| Żieda fl-obbligazzjonijiet relatati mal-entitajiet tal-UE konsolidati | -464 621 93 | 535 057 68 |

| | 2013 | 2012 |
|---|---|---|
| | | |
| ***Fluss tal-flus nett minn attivitajiet ta' operat*** | **– 690 810.37** | **1 825 104.08** |
| | | |
| **Flussi tal-flus minn attivitajiet ta' investiment** | | |
| | | |
| Żieda fl-assi fissi tanġibbli u intanġibbli (–) | -510 045 78 | -71 091.06 |
| | | |
| ***Fluss tal-flus nett minn attivitajiet ta' investiment*** | **– 510 045.78** | **– 71 091.06** |
| | | |
| | | |
| Żieda netta fi flus u f'ekwivalenti ta' flus | -1200 856.15 | 1 754 013 02 |
| ***Flus u ekwivalenti ta' flus fil-bidu tal-perjodu*** | **1 754 013.02** | **0.00** |
| ***Flus u ekwivalenti ta' flus fit-tmiem tal-perjodu*** | **553 156.87** | **1 754 013.02** |

## 3.2.4. Dikjarazzjoni ta' bidliet fl-assi netti

| Assi netti | Riżervi | | Bilanċ favorevoli (+)/defiċit (–) akkumulat | Ir-riżultat ekonomiku tas-sena | Assi netti (total) |
|---|---|---|---|---|---|
| | Riżerva ta' valur ġust | Riżervi oħra | | | |
| **Bilanċ għall-31 ta' Diċembru 2012** | **0.00** | **0.00** | **0.00** | **– 778 448.81** | **– 778 448.81** |
| Bidliet fil-politiki tal-kontabbiltà | 0.00 | 0.00 | 0.00 | | 0.00 |
| **Bilanċ għall-1 ta' Jannar 2013** | **0.00** | **0.00** | **0.00** | **– 778 448.81** | **– 778 448.81** |
| Movimenti ta' valur ġust | | | | | 0.00 |
| Moviment fir-riserva tal-Fond ta' Garanzija | | | | | 0.00 |
| Allokazzjoni tar-Riżultat Ekonomiku tas-Sena Preċedenti | | | 778 448 81 | 778 448.81 | 0.00 |
| Ammonti kreditati lill-Istati Membri | | | | | 0.00 |
| Ir-riżultat ekonomiku tas-sena | | | | 1 171 666.07 | 1 171 666.07 |
| **Bilanċ għall-31 ta' Diċembru 2013** | **0.00** | **0.00** | **– 778 448.81** | **1 171 666.07** | **393 217.26** |

## 3.2.5. Kont tar-rendiment baġitarju

| | | | 2013 | 2012 |
|---|---|---|---|---|
| **DĦUL** | | | | |
| Kontribuzzjoni tal-UE (Sussidju tal-Kummissjoni — Titoli 1,2 u 3 | | + | 9 500 000.00 | 2 360 169.38 |
| Kontribuzzjonijiet ta' pajjiż terz | | + | 0.00 | 0.00 |
| Kontribuzzjonijiet oħra | | + | 0.00 | 0.00 |
| Operazzjonijiet amministrattivi u dħul mixxellanju | | + | 29 493.36 | 0.00 |
| **DĦUL TOTALI (a)** | | | **9 529 493.36** | **2 360 169.38** |

| | | 2013 | 2012 |
|---|---|---|---|
| **NEFQA** | | | |
| **Titolu I: Persunal** | | | |
| **Pagamenti** | – | 4 465 418 4 | 936 239.02 |
| **Trasferimenti ta' approprjazzjonijiet** | – | 150 053 63 | 244 237.16 |
| **Titolu II: Spejjeż Amministrattivi** | | | |
| **Pagamenti** | – | 1 218 746.33 | 102 535.21 |
| **Trasferimenti ta' approprjazzjonijiet** | – | 569 315 11 | 1 376 368.40 |
| **Titolu III: Nefqa Operattiva** | | | |
| **Pagamenti** | – | 3 469 413.14 | 705 178 67 |
| Trasferimenti ta' approprjazzjonijiet | – | 0 00 | 0.00 |
| **NEFQA TOTALI (b)** | | **9 872 946.25** | **3 364 558.46** |
| **IR-RENDIMENT GĦAS-SENA FINANZJARJA (a – b)** | | **– 343 452.89** | **– 1 004 389.08** |
| Kanċellazzjoni ta' approprjazzjonijiet ta' pagamenti mhux użati trasferiti mis-sena preċedenti | + | 271 141.14 | 1 142 983 25 |
| Aġġustament għat-trasferiment mis-sena preċedenti ta' approprjazzjonijiet disponibbli fil-31.12 li ġejjin minn dħul assenjat | + | 0.00 | 0.00 |
| Differenzi fil-kambju għas-sena (qligħ +/telf -) | +/- | 81 58 | 50.39 |
| **BILANĊ TAL-KONT TAR-RENDIMENT GĦAS-SENA FINANZJARJA** | | **– 72 393.33** | **138 543.78** |
| Bilanċ sena *n*-1 | +/- | 138 543 78 | |
| Bilanċ pożittiv mis-sena *n* -1 rimborżat fis-sena *n* lill-Kummissjoni | | 138 543 78 | |
| **Riżultat użat biex jiġu determinati ammonti fil-kontabbiltà ġenerali** | | **– 72 393.33** | **138 543.78** |
| **Is-sussidju tal-Kummissjoni — l-aġenzija tirreġistra d-dħul dovut u n-nefqa dovuta tal-Kummissjoni** | | **9 500 000.00** | |
| **Il-prefinanzjament jibqa' miftuħ biex jiġi rimborżat mill-aġenzija lill-Kummissjoni fis-sena *n*+1** | **,** | **0.00** | |

Mhux inkluż fir-rendiment tal-baġit:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Imgħax iġġenerat sal-31.12.*n* fuq l-ibbilanċjar tal-fondi tas-sussidju tal-Kummissjoni u li jrid jiġi rimborżat lill-Kummissjoni (obblijazzjoni)(obbligazzjoni) | + | 6 725.16 | |

## 3.2.6. Rikonċiljazzjoni tal-kont tar-rendiment ekonomiku u l-kont tar-rendiment baġitarju

| | Sinjal +/– | Ammont |
|---|---|---|
| **Riżultat ekonomiku (+ għal bilanċ favorevoli u – għal defiċit)** | **+/ –** | **1 171 666.07** |
| **Aġġustament għall-partiti dovuti (partiti mhux fir-riżultat baġitarju iżda inklużi fir-riżultat ekonomiku)** | | |
| Aġġustamenti għal qtugħ dovut (riversjar 31.12.*n*–1) | - | -2 642 751.62 |
| Aġġustamenti għal qtugħ tdovut (qtugħ 31.12.*n*) | + | 785 840. 57 |
| Ammont minn kont ta' kollegament mal-Kummissjoni rreġistrat fil-kont tar-rendiment ekonomiku | - | |
| Fatturi mhux imħallsa fi tmiem is-sena iżda rreġistrati taħt imposti (klassi 6) | + | 62 021.70 |

| | Sinjal +/– | Ammont |
|---|---|---|
| Deprezzament tal-assi intanġibbli u tanġibbli | + | 79 663.19 |
| Provvedimenti | - | 1 476 11 |
| Tnaqqis tal-valur | + | 0.00 |
| Ordnijiet ta' rkupru maħruġa fl-2013 fil-klassi 7 iżda għadhom mhux imsarrfa | - | 7.78 |
| Prefinanzjament mogħti fis-sena preċedenti u kklerjat mas-sena | + | 324 965 40 |
| Prefinanzjament irċevut fis-sena preċedenti u kklerjat mas-sena | - | -138 543 78 |
| Pagamenti magħmula minn trasferimenti ta' approprjazzjonijiet ta' pagamenti | + | 1 349 464.42 |
| Oħrajn | +/ – | |
| **Aġġustament għall-partiti baġitarji (partita inkluża fir-riżultat baġitarju iżda mhux fir-riżultat ekonomiku)** | | |
| Akkwist tal-assi (bl-ammonti mhux imħallsa mnaqqsa) | - | -510 045.78 |
| Prefinanzjament ġdid imħallas fis-sena 2013 u jibqa'miftuħ fil-31.12.2013 | - | 0.00 |
| Prefinanzjament ġdid riċevut fis-sena 2013 u jibqa' miftuħ fil-31.12.2013 | + | 0.00 |
| Ordnijiet ta' rkupru baġitarju maħruġa qabel l-2013 u msarrfa fis-sena | + | 0.00 |
| Ordnijiet ta' rkupru baġitarju maħruġa fl-2013 fuq kontijiet tal-karta tal-bilanċ (mhux 7 jew 6 kontijiet u msarrfa) | + | 1 384.94 |
| Pagamenti ta' kapital fuq kiri finanzjarju (dawn huma pagamenti baġitarji iżda mhux fir-rizultat ekonomiku) | - | 0.00 |
| Approprjazzjonijiet ta' pagamenti ttrasferiti 'l quddiem għas-sena 2014 | - | -719 368 74 |
| Kanċellazzjoni ta' approprjazzjonijiet ta' pagamenti mhux użati ttrasferiti 'l quddiem mis-sena preċedenti | + | 271 141.14 |
| Aġġustament għal trasferimenti mis-sena preċedenti ta' approprjazzjonijiet disponibbli fil-31.12 li ġejjin minn dħul assenjat | + | |
| Pagamenti għal pensjonijiet (dawn huma pagamenti baġitarji iżda bbukkjati kontra l-provvedimenti) | - | |
| Pagamenti għal ħażniet tal-liv u ta' sigħat supplimentari (dawn huma pagamenti baġitarji iżda bbukkjati kontra l-provvedimenti) | - | |
| Oħrajn | +/ – | |
| **Total** | | **33 969.18** |
| **Riżultat baġitarju (+ għal bilanċ favorevoli)** | | **– 72 393.33** |
| Delta mhux spjegata | | 106 444.09 |

# 3.3. Anness għad-dikjarazzjonijiet finanzjarji

## 3.3.1. Noti mal-karta tal-bilanċ

### Assi mhux kurrenti

Assi huma riżorsi kkontrollati mill-EASO bħala riżultat ta' avvenimenti fil-passat u li minnhom benefiċċji ekonomiċi jew potenzjal ta' servizz futuri huma mistennija li jgħaddu għand l-entità.

Assi fissi huma assi b'valur ta' prezz tal-akkwist aktar minn EUR 420 u huma mistennija li jintużaw matul aktar minn sena waħda. Assi li ma jaqgħux taħt il-kriterji deskritti hawn fuq, ġew iddebitati lil spejjeż u huma riflessi fil-kont tar-rendiment ekonomiku. Tiswijiet u manutenzjoni huma rikonoxxuti bħala spejjeż ta' kuljum matul il-perjodu finanzjarju li fih jiġu mġarrba.

L-assi tal-EASO huma diġà mmarkati bi stikers fl-għamla ta' tikketti. Inventarju sħiħ huwa disponibbli u twettqet verifika fiżika tal-inventarju tal-assi tal-EASO fl-aħħar ta' Diċembru 2013/Jannar 2014, u wara għandha titwettaq tal-anqas kull sena.

L-assi kienu vvalutati fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji skont il-prezz tax-xiri tagħhom bid-deprezzament imnaqqas, sabiex jingħata valur ġust tal-assi tal-EASO.

Id-deprezzament huwa l-allokazzjoni sistematika tal-ammont deprezzabbli ta' assi matul il-ħajja utli tiegħu. Il-metodu ta' deprezzament magħżul huwa l-metodu tal-linja dritta. L-assi fissi tal-EASO huma deprezzati fuq bażi ta' kull xahar. Ir-rati ta' deprezzament huma l-koeffiċjenti użati fil-Kummissjoni Ewropea. Ir-rati perċentwali annwali ta' deprezzament applikati għal kull tip ta' assi huma kif ġej

| | |
|---|---|
| Assi fissi intanġibbli | |
| Softwer tal-kompjuter | 25.0 % |
| Assi fissi tanġibbli | |
| Tagħmir speċifiku | 25.0 % |
| Kompjuters, servers, printers, eċċ | 25.0 % |
| Tagħmir tat-telekomunikazzjonijiet u awdjoviżiv | 25.0 % |
| Għamara tal-uffiċċju | 10.0 % u 12. 5 % |

## Assi fissi intanġibbli

Assi intanġibbli huma assi mhux monetarji identifikabbli mingħajr sustanza fiżika.

L-assi fissi intanġibbli tal-EASO matul il-perjodu ta' rapportar huma magħmula minn softwer tal-IT.

| 2013 | | Softwer tal-Kompjuter | Total |
|---|---|---|---|
| **Ammonti gross trasferiti 01.01.2013** | + | **6,063.75** | **6,063.75** |
| Żidiet | + | 113,019.20 | 113,019.20 |
| Disponimenti | - | | 0.00 |
| Trasferiment bejn intestaturi | +/- | | 0.00 |
| Bidliet oħra (2) | +/- | | 0.00 |
| **Ammonti gross trasferiti 31.12.2013** | | **119,082.95** | **119,082.95** |
| | | | |
| **Ammortizzament u indeboliment akkumulati 01.01.2013** | - | **-1,263.75** | **-1,263.75** |
| Ammortizzament | - | -10,466.20 | -10,466.20 |
| Teħid lura tal-amortizzament | + | | 0.00 |
| Disponimenti | + | | 0.00 |
| Indeboliment (2) | - | | 0.00 |
| Teħid lura tal-indeboliment | + | | 0.00 |
| Trasferiment bejn intestaturi | +/- | | 0.00 |
| Bidliet oħra (2) | +/- | | 0.00 |
| **Ammortizzament u indeboliment akkumulati 31.12.2013** | | **-11,729.95** | **-11,729.95** |
| **Ammonti trasferiti netti 31.12.2013** | | **107,353.00** | **107,353.00** |

## Assi fissi tanġibbli

Assi fissi tanġibbli huma assi li huma miżmuma mill-EASO għall-użu fil-produzzjoni jew il-forniment ta' prodotti jew servizzi, biex jinkrew lill ħaddieħor jew għal skopijiet amministrattivi, u huma mistennija li jintużaw matul aktar minn perjodu wieħed ta' rapportar.

L-assi fissi tanġibbli tal-EASO jikkonsistu minn għamara għall-uffiċċju, tagħmir tal-istampar u tal-ikkoppjar, kompjuters, servers u aċċessorji, u tagħmir tal-uffiċċju elettroniku ieħor.

| 2013 | | Impjant u Tagħmir | Ħardwer tal-kompjuter | Għamara u vetturi | Tagħmir u armar ieħor | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Ammonti gross trasferiti 01.01.2013** | + | **2,194.86** | **8,142.21** | **0.00** | **54,690.24** | **65,027.31** |
| Żidiet | + | | 341,117.29 | 12,106.71 | 43,802.58 | **397,026.58** |
| Disponimenti | - | | | | | **0.00** |
| Trasferiment bejn intestaturi | +/- | -2,194.86 | | 2,194.86 | | **0.00** |
| Bidliet oħra (1) | +/- | | | | | **0.00** |
| **Ammonti gross trasferiti 31.12.2013** | | **0.00** | **349,259.50** | **14,301.57** | **98,492.82** | **462,053.89** |
| | | | | | | **0.00** |
| **Ammortizzament u indeboliment akkumulati 01.01.2013** | - | **-182.89** | **-2,926.21** | **0.00** | **-11,394.24** | **-14,503.34** |
| Deprezzament | - | | -51,690.02 | -1,675.01 | -17,314.58 | **-70,679.61** |
| Teħid lura tad-deprezzament | + | | | | | **0.00** |
| Disponimenti | + | | | | | **0.00** |
| Indeboliment (1) | - | | | | | **0.00** |
| Treġġigħ lura tal-indeboliment | + | | | | | **0.00** |
| Trasferiment bejn intestaturi | +/- | 182.89 | | | | **182.89** |
| Bidliet oħra (1) | +/- | | | | | **0.00** |
| **Ammortizzament u indeboliment akkumulati 31.12.2013** | | **0.00** | **-54,616.23** | **-1,675.01** | **-28,708.82** | **-85,000.06** |
| **Ammonti netti trasferiti 31.12.2013** | | **0.00** | **294,643.27** | **12,626.56** | **69,784.00** | **377,053.83** |

## Assi kurrenti.

### Prefinanzjament ta' terminu qasir.

Il-preprefinanzjament huwa ħlas maħsub biex jipprovdi lill-benefiċjarju bi float, jiġifieri flus bil-quddiem.

Matul l-2013, l-EASO kklerja l-prefinanzjamenti previsti kemm għall-attivitajiet ta' akkwist kif ukoll ta' għotjiet fis-snin preċedenti, iżda ma pprovda l-ebda ammont addizzjonali.

### Riċevibbli ta' terminu qasir.

Ir-riċevibbli huma miżmuma fl-ammont oriġinali tal-fattura bil-valutazzjoni negattiva mnaqqsa għall-indeboliment. Tiġi stabbilita valwazzjoni negattiva għall-indeboliment tar-riċevibbli meta jkun hemm evidenza oġġettiva li l-EASO mhux se jkun jista' jiġbor l-ammonti kollha dovuti skont it-termini oriġinali tar-riċevibbli.

Ir-riċevibbli tal-EASO prinċipalment jinkludu l-VAT li għandha tiġi rkuprata mill-awtoritajiet tat-taxxa Maltin għal ammont ta' EUR 91 502.10. F'konformità mal-ftehim dwar is-sede u l-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, l-EASO huwa intitolat għal rimborżi tal-VAT għal xiri b'valur ta' aktar minn EUR 240.

### Flus u ekwivalenti.

L-EASO għandu kont bankarju wieħed mal-ING fil-Belġju. Il-bilanċ tal-bank fl-aħħar tal-perjodu tar-rapportar kien kif ġej

| | 31.12.2013 | 31.12.2012 |
|---|---|---|
| Kont tal-EUR | EUR 560 234.77 | EUR 1 754 013.02 |

Pagament ta’ EUR 7 077.90 kien pendenti biex jiġi eżegwit mill-bank fil-31.12.2013.

## Obbligazzjonijiet kurrenti

### Provvedimenti fuq terminu qasir

F’Novembru 2013, il-Qorti tal-Ġustizzja ħarġet id-deċiżjoni tagħha dwar il-proposti għall-aġġustament tar-remunerazzjonijiet għall-2011 u l-2012. Ir-riżultat huwa li l-Kummissjoni Ewropea hija mitluba li tippreżenta lill-Parlament u lill-Kunsill proposti ġodda li jikkunsidraw id-deterjorament serju u għall-għarrieda fis-sitwazzjoni ekonomika u soċjali identifikata mill-Kunsill fl-2011. Wara dik id-deċiżjoni, il-Kummissjoni ddeċidiet f’Diċembru 2013 li tressaq proposti ġodda għall-aġġustamenti tas-salarji tal-2011 u l-2012, li jipprevedu aġġustamenti ta’ 0.9 % għall-2011 (data tad-dħul fis-seħħ l-1 ta’ Lulju 2011) u 0.9 % għall-2012 (data tad dħul fis-seħħ l-1 ta’ Lulju 2012). Abbażi ta’din il-proposta, il-provvediment għall-aġġustament tas-salarju pendenti b’rabta ma’ Lulju 2011-Diċembru 2013 ġiet aġġustata fil-kontijiet proviżorji biex tirrifletti l-proposta tal-Kummissjoni.

F’April tal-2014, l-aġġustamenti tas-salarji annwali ġew approvati bħala 0 % għall-2011 u 0.8 % għall-2012. Il-provvediment għal aġġustament tas-salarji pendenti ġiet immodifikata għall-kontijiet annwali finali abbażi ta’ din l-informazzjoni.

### Kontijiet pagabbli.

Ammonti pagabbli huma ammonti dovuti lill-kreditur, inklużi tranżazzjonijiet li jkunu ġejjin mix-xiri ta’ oġġetti u servizzi.

Ammonti pagabbli kurrenti jikkonsistu minn ammonti dovuti mill-EASO fl-aħħar tal-perjodu ta’ rapportar għal fatturi, pretensjonijiet u talbiet għal rimborż li jkunu ġew riċevuti.

| | 31.12.2013 |
|---|---|
| Pagabbli — fornituri | EUR 68 099.00 |
| Pagabbli — Stati Membri | EUR 0.00 |
| Pagabbli — korpi pubbliċi | EUR 0.00 |
| Assi — oġġetti riċevuti biex jitħallsu | EUR 6 966.40 |

Imposti dovuti jirrappreżentaw stima ta’ obbligazzjonijiet li mhijiex sostnuta minn fattura jew pretensjoni ta’ spiża jew sommarju ta’ spiża fit-tmiem tal-perjodu ta’ rapportar. Imposti dovuti ġew stmati abbażi ta’ informazzjoni kontabbli pprovduta mill-uffiċjali tal-awtorizzazzjoni. Liv annwali mhux użat huwa inkluż u jirrifletti l-ġranet tal-liv annwali tal-persunal tal-EASO ttrasferiti għas-sena ta’ wara.

Kontijiet oħra pagabbli jinkludu l-interessi (iġġenerati mill-kontribuzzjoni tal-UE) li għandhom jiġu rimborżati lill-Kummissjoni għal ammont ta’ EUR 6 725.16.

## 3.3.2. Noti mal-kont tar-rendiment ekonomiku.

### Dħul operattiv

F'konformità mal-prinċipju tal-kontabbiltà bbażata fuq id-dovuti, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji għandhom juru d-dħul għas-sena finanzjarja, jiġifieri meta ġew rikonoxxuti, irrispettivament mid-data tal-ġbir.

Id-dħul tal-EASO matul is-sena 2013 jikkonsisti prinċipalment mis-sussidju tal-Kummissjoni Ewropea (il-kontribuzzjoni tal-UE għall-approprjazzjonijiet C1).

Matul l-2013 l-EASO rċieva erba' trasferimenti bankarji li jikkorrispondu għas-sussidju (il-prefinanzjament għall-kontribuzzjoni tal-UE) mill-Kummissjoni Ewropea għal ammont ta' EUR 9 500 000.

Dħul operattiv ieħor iqis il-valur tal-assi fissi ttrasferiti mill-Kummissjoni, rimborżi ta' spejjeż u żidiet tar-rati tal-kambju realizzati/mhux realizzati.

### Spejjeż operattivi

F'konformità mal-prinċipju tal-kontabbiltà bbażata fuq id-dovuti, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji għandhom juru l-ħlasijiet għas-sena finanzjarja, jiġifieri meta ġew rikonoxxuti, irrispettivament mid-data tal-ħlas.

Spejjeż amministrattivi huma relatati mal-attivitajiet amministrattivi tal-EASO (Titoli tal-baġit 1: In-nefqa tal-persunal u 2: In-nefqa tal-infrastruttura u tal-operat).

In-nefqa tal-persunal tinkludi l-ispejjeż relatati mal-persunal tal-EASO (salarji bażiċi, allowances, aġenti kuntrattwali, allowances tal-familja, assigurazzjoni, kontribuzzjonijiet soċjali, eċċ.) koperti mir-regolamenti tal-persunal u l-kundizzjonijiet ta' impjieg ta' uffiċjali pubbliċi oħra tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll mill-allowances għall-esperti nazzjonali ssekondati.

Spejjeż ta' assi fissi jirriflettu l-ħlasijiet ta' deprezzament għas-sena 2013.

In-nefqa tal-infrastruttura u tal-operat tikkonsisti mill-ispejjeż amministrattivi mġarrba minħabba l-attivitajiet ta' kuljum tal-EASO, bħas-servizzi bażiċi, provvisti għall-uffiċċju, spejjeż għall-organizzazzjoni ta' laqgħat, eċċ.

Kif iddikjarat fil-ftehim dwar is-sede, il-gvern tar-Repubblika ta' Malta qed iħallas il-kera għall-bini għall-ewwel 3 snin. L-EASO ħallas biss għall-pjan terran minn Jannar sa Diċembru 2013 (mhux inkluż fil-proposta inizjali minn Malta) u l-ispejjeż operattivi (servizzi bażiċi pubbliċi: l-elettriku, l-ilma, it-tisħin, eċċ.).

Il-provvedimenti għal riskji u obbligazzjonijiet (aġġustament annwali tas-salarji mhux approvat mill-Kunsill) jammontaw għal EUR 52 367.47.

L-ispejjeż operattivi jinkludu dan li ġej:

- telf tar-rata tal-kambju realizzat/mhux realizzat għal EUR 234.62;
- spejjeż operattivi oħra li jkopru l-attivitajiet operattivi tal-EASO (Titolu tal-baġit 3: In-nefqa operattiva) li tammonta għal EUR 2 045 265.45.

## 3.3.3. Obbligazzjonijiet kontinġenti

### Lokazzjoni operatorja

Kif dikjarat fil-ftehim tas-sede bejn il-gvern ta' Malta u l-EASO, il-gvern Malti qed ikopri l-ewwel 3 snin tal-ispejjeż tal-kiri/spejjeż tal-lokazzjoni tal-bini tal-EASO fil-Port tal-Belt Valletta (tlieta minn erba' sulari okkupati fil-31.12.2013). L-EASO qed ikopri sular wieħed, għal ammont ta' EUR 149 052.35 fl-2013.

| **Lokazzjoni operatorja** | Ammont totali (EUR) |
|---|---|
| Dovut fi żmien sena | 381 059.21 |
| Dovut bejn sena u 5 snin | 2 891 013.50 |
| Dovut wara 5 snin | 266 131.65 |

### Impenji għal finanzjament futur

L-impenji kuntrattwali, li għalihom impenji baġitarji mill-31.12.2013 kienu għadhom ma sarux, ma kinux preżenti.

### Każijiet legali

L-EASO ma kellu l-ebda każ legali miftuħ sal-aħħar tal-2013.

## 3.3.4. Partijiet relatati

L-EASO huwa mmexxi mid-Direttur Eżekuttiv, li jwettaq ukoll id-doveri ta' uffiċjal tal-awtorizzazzjoni, taħt is-superviżjoni tal-Bord tat-Tmexxija. Madankollu, skont l-Artikolu 40 tar-Regolament Finanzjarju tal-EASO, id-Direttur Eżekuttiv jista' jiddelega s-setgħat tiegħu/tagħha ta' implimentazzjoni baġitarja lill-persunal tal-EASO kopert mir-regolamenti dwar il-persunal.

Mill-31.12.2013, l-EASO b'kollox kellu uffiċjal tal-awtorizzazzjoni u erba' uffiċjali tal-awtorizzazzjoni b'delega li huma aġenti temporanji fil-gradi li ġejjin:

| **Grad** | **Numru ta' persuni** |
|---|---|
| AD 4 | 1 |
| AD | 4 |
| **Total** | **5** |

## 3.3.5. Divulgazzjonijiet sinifikanti oħra

Tranżazzjonijiet mhux ta' skambju: kiri b'xejn ta' bini għal 3 snin ipprovdut mill-gvern Malti.

Fi tranżazzjoni mhux ta' skambju, entità jew tirċievi valur minn entità oħra mingħajr ma tagħti b'mod dirett valur ugwali, bejn wieħed u ieħor, bħala skambju, jew tagħti valur lil entità oħra mingħajr ma tirċievi b'mod dirett valur ugwali, bejn wieħed u ieħor, bħala skambju.

Id-divulgazzjoni u r-rikonoxximent ta' tranżazzjoni mhux ta' skambju huma rregolati mir-regola tal-kontabbiltà 17 tal-UE, li hija bbażata fuq l-IPSAS 23.

Għalhekk, l-EASO qed jiddivulga s-servizzi li ġejjin skond in-natura.

Kif iddikjarat fil-ftehim tas-sede bejn il-gvern ta' Malta u l-EASO, il-gvern Malti qed ikopri l-ewwel 3 snin ta' spejjeż tal-kiri/spejjeż tal-lokazzjoni tal-bini tal-EASO fil-Port tal-Belt Valletta (tlieta minn erba' sulari okkupati fil-31.12.2013). Il-gvern Malti ssorvelja wkoll u ffinanzja parzjalment xogħlijiet ta' adattament tal-kostruzzjoni u tal-infrastruttura meħtieġa biex jagħmlu l-bini ta' uffiċċju fil-Port tal-Belt Valletta operattiv skont il-pjanijiet ipprovduti mill-EASO.

### 3.3.6. Avvenimenti wara d-data tal-karta tal-bilanċ

L-ebda kwistjoni materjali ma ġiet irrapportata lill-uffiċjal tal-kontabbiltà li tkun teħtieġ divulgazzjoni separata taħt din it-taqsima.

## 3.4. Rapport dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-2013

### 3.4.1. Prinċipji baġitarji

F'konformità mar-Regolament Finanzjarju tal-EASO, it-Tieni Titolu, it-twaqqif u l-implimentazzjoni tal-baġit tal-EASO għandhom jikkonformaw mal-prinċipji li ġejjin.

#### (a) Prinċipji tal-unità u tal-eżattezza tal-baġit

Dawn il-prinċipji jfissru li l-ebda dħul m'għandu jinġabar u l-ebda nefqa m'għandha tiġi effettwata sakemm ma tkunx irreġistrata ma' linja fil-baġit tal-EASO.

Approprjazzjoni ma tiddaħħalx fil-baġit jekk din ma tkunx oġġett ta' spiża meqjusa bħala meħtieġa.

L-ebda nefqa ma tista' tiġi impenjata jew awtorizzata lil hinn mill-approprjazzjonijiet awtorizzati mill-baġit.

#### (b) Prinċipju tal-annwalità

L-approprjazzjonijiet imdaħħla fil-baġit għandhom ikunu awtorizzati għal sena finanzjarja waħda li tibda mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru.

#### (c) Prinċipju tal-ekwilibriju

Dan ifisser li d-dħul tal-baġit u l-approprjazzjonijiet ta' pagament iridu jkunu bbilanċjati.

#### (d) Prinċipju tal-unità tal-kontijiet

Il-baġit għandu jitfassal u jiġi implimentat f'euro u l-kontijiet għandhom ikunu ppreżentati f'euro.

#### (e) Prinċipju tal-universalità

Id-dħul totali għandu jkopri l-approprjazzjonijiet ta' pagament totali u d-dħul u n-nefqa kollha għandhom ikunu rreġistrati bis-sħiħ mingħajr aġġustament kontra xulxin.

#### (f) Prinċipju tal-ispeċifikazzjoni

L-approprjazzjonijiet fl-intier tagħhom għandhom ikunu allokati għal skopijiet speċifiċi skont it-titolu u l-kapitolu; il-kapitoli għandhom jerġgħu jinqasmu f'artikoli u punti.

### (g) Prinċipju tal-amministrazzjoni finanzjarja tajba

Approprjazzjonijiet baġitarji għandhom jintużaw skont il-prinċipju tal-amministrazzjoni finanzjarja tajba — f'konformità mal-prinċipji ta' ekonomija, effiċjenza u effikaċja.

### (h) Prinċipju tat-trasparenza

Il-baġit huwa stabbilit u implimentat u l-kontijiet huma ppreżentati f'konformità mal-prinċipju tat-trasparenza — il-baġit u l-baġits emendatorji huma ppubblikati *fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## 3.4.2. Il-baġit tal-2013 — inizjali, emendat u trasferimenti

Skont l-Artikolu 33 tar-Regolament tal-EASO, id-dħul u r-riżorsi tal-EASO għandhom jikkonsistu, b'mod partikolari, f':

- kontribuzzjoni mill-Unjoni mdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea;
- kwalunkwe kontribuzzjoni volontarja mill-Istati Membri;
- imposti għall-pubblikazzjonijiet u kwalunkwe servizz ipprovdut mill-EASO;
- kontribuzzjoni mill-pajjiżi assoċjati.

Matul l-2013 l-EASO rċieva biss sussidju (li jkopri l-approprjazzjonijiet C1) mill-Kummissjoni.

In-nefqa tal-EASO għandha tkopri remunerazzjoni tal-persunal, nefqa tal-infrastruttura u amministrattiva, u nefqa operattiva, u tinqasam fi tliet titoli kif ġej:

- titolu 1 — Nefqa tal-persunal,
- titolu 2 — Nefqa tal-infrastruttura u operatorja,
- titolu 3 — Nefqa operattiva.

F'April 2013 ġie propost baġit emendatorju biex il-baġit jiġi adattat għan-nefqiet attwali tal-EASO matul l-ewwel sena sħiħa ta' attività tiegħu wara l-indipendenza finanzjarja. Baġit emendatorju tal-1/2013 ġie adottat mill-Bord tat-Tmexxija fit-12 ta' April 2013.

Minbarra dan il-baġit emendatorju, l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni jew l-uffiċjali tal-awtorizzazzjoni b'delega approvaw total ta' 21 trasferimenti tal-baġit matul is-sena.

It-tabelli hawn taħt jippreżentaw il-baġit tal-2013 f'termini ta' approprjazzjonijiet għal dħul, impenji u pagamenti.

Id-distribuzzjoni tal-approprjazzjonijiet fost it-titoli u l-artikoli tal-baġit tal-2013 hija kif ġej.

### Dħul

| | Deskrizzjoni | Baġit approvat 2013 | Baġit emendatorju 1/2013 | Approprjazzjonijiet ġodda 2013 |
|---|---|---|---|---|
| **Linja baġitarja** | **Dħul mill-baġit** | **9 000 000.00** | **1 500 000.00** | **10 500 000.00** |
| 2000 | Kontribuzzjoni tal-UE (Sussidju tal-Kummissjoni — titoli 1, 2 u 3) | 9 000 000.00 | 5 | 5 |
| 3000 | Kontribuzzjonijiet ta' pajjiż terz | | | |
| 4000 | Kontribuzzjonijiet oħra | | | |
| 5000 | Operazzjonijiet amministrattivi u dħul mixxellanju | | | |

## Nefqiet

| | Baġit | Il-baġit tal-2013 adottat mill-EASO | | Il-baġit tal-EASO tal-2013 wara t-trasferimenti u l-baġit emendatorju 1/2013 | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | Impenn | Pagament | Impenn | Pagament |
| **1** | **Nefqa għall-persunal** | **5 044 000.00** | **5 044 000.00** | **5 044 000.00** | **5 044 000.00** |
| 11 | Salarji u allowances | 4 087 542.00 | 4 087 542.00 | 3 982 000.00 | 3 982 000.00 |
| 1101 | Salarji bażiċi | 2 253 780.00 | 2 253 780.00 | 2 063 450.00 | 2 063 450.00 |
| 1102 | Allowance tal-familja | 157 094.00 | 157 094.00 | 325 000.00 | 325 000.00 |
| 1103 | Allowances għall-espatrijazzjoni u r-residenza barranija | 540 521.00 | 540 521.00 | 375 000.00 | 375 000.00 |
| 1104 | Allowances segretarjali | | | | |
| 1105 | Aġenti kuntrattwali | 260 329.00 | 260 329.00 | 466 300.00 | 466 300.00 |
| 1106 | Esperti Nazzjonali Ssekondati | 638 000.00 | 638 000.00 | 525 000.00 | 525 000.00 |
| 1107 | Apprendisti | | | | |
| 1108 | Assigurazzjoni kontra mard | 96 130.00 | 96 130.00 | 86 000.00 | 86 000.00 |
| 1109 | Assigurazzjoni kontra inċidenti u mard ikkaġunat mix-xogħol | 14 487.00 | 14 487.00 | 15 000.00 | 15 000.00 |
| 1110 | Assigurazzjoni kontra l-qgħad | 36 201.00 | 36 201.00 | 35 000.00 | 35 000.00 |
| 1111 | Il-kostituzzjoni u ż-żamma tal-pensjoni | | | | |
| 1112 | Allowances u għotjiet għal twelid u mwiet | 1 000.00 | 1 000.00 | 1 000.00 | 1 000.00 |
| 1113 | Spejjeż tal-ivvjaġġar għal liv annwali | 90 000.00 | 90 000.00 | 90 250.00 | 90 250.00 |
| 1114 | Allowances fissi għad-divertiment | | | | |
| 1115 | Allowances oħra | | | | |
| 1116 | Ippeżar | | | | |
| 12 | Nefqa relatata mar-Reklutaġġ tal-persunal | 194 000.00 | 194 000.00 | 370 000.00 | 370 000.00 |
| 1201 | Spejjeż tar-reklutaġġ | 45 000.00 | 45 000.00 | 150 000.00 | 150 000.00 |
| 1202 | Vjaġġar, installazzjoni, allowances ta' kuljum, spejjeż tal-ġarr | 149 000.00 | 149 000.00 | 220 000.00 | 220 000.00 |
| 1203 | Servizzi ta' appoġġ fl-għażla | | | | |
| 13 | Spejjeż tal-missjonijiet | 473 375.00 | 473 375.00 | 310 509.00 | 310 509.00 |
| 1301 | Spejjeż tal-missjonijiet | 473 375.00 | 473 375.00 | 310 509.00 | 310 509.00 |
| 14 | Infrastruttura soċjomedika | 69 000.00 | 69 000.00 | 35 000.00 | 35 000.00 |
| 1401 | Ristoranti u canteens | | | | |
| 1402 | Servizz mediku | 6 000.00 | 6 000.00 | 30 000.00 | 30 000.00 |
| 1403 | Kuntatti soċjali bejn il-persunal | 14 000.00 | 14 000.00 | 5 000.00 | 5 000.00 |
| 1404 | Ċentri fejn jinżammu tfal żgħar u skejjel | 49 000.00 | 49 000.00 | | |
| 1405 | Allowances speċjali għal persuni b'diżabbiltà | | | | |
| 15 | Taħriġ u korsijiet għal persunal | 70 000.00 | 70 000.00 | 100 000.00 | 100 000.00 |
| 1501 | Taħriġ u korsijiet tal-lingwa għal persunal | 70 000.00 | 70 000.00 | 100 000.00 | 100 000.00 |

| | Baġit | Il-baġit tal-2013 adottat mill-EASO | | Il-baġit tal-EASO tal-2013 wara t-trasferimenti u l-baġit emendatorju 1/2013 | |
|---|---|---|---|---|---|
| 16 | Servizzi esterni | 145 083.00 | 145 083.00 | 241 491.00 | 241 491.00 |
| 1601 | Servizzi interim | 145 083.00 | 145 083.00 | 241 491.00 | 241 491.00 |
| 1602 | Servizzi esterni oħrajn | | | | |
| 17 | Riċevimenti u avvenimenti | 5 000.00 | 5 000.00 | 5 000.00 | 5 000.00 |
| 1701 | Spejjeż ta' divertiment u ta' rappreżentazzjoni | 5 000.00 | 5 000.00 | 5 000.00 | 5 000.00 |
| **2** | **Spejjeż ta' infrastruttura u operatorji** | **1 956 000.00** | **1 956 000.00** | **1 956 000.00** | **1 956 000.00** |
| 20 | Il-kiri ta' bini u spejjeż assoċjati | 380 000.00 | 380 000.00 | 398 100.00 | 398 100.00 |
| 2001 | Spejjeż ta' kiri | 200 000.00 | 200 000.00 | 150 000.00 | 150 000.00 |
| 2002 | Assigurazzjoni | 5 000.00 | 5 000.00 | 5 000.00 | 5 000.00 |
| 2003 | Tindif u manutenzjoni | 40 000.00 | 40 000.00 | 29 100.00 | 29 100.00 |
| 2004 | Sigurtà u sorveljanza tal-bini | 50 000.00 | 50 000.00 | 106 000.00 | 106 000.00 |
| 2005 | L-attrezzar tal-post | - | - | 23 000.00 | 23 000.00 |
| 2006 | Xogħlijiet ta' kostruzzjoni u ta' infrastruttura | - | - | - | - |
| 2007 | Ilma, gass, elettriku, tisħin | 85 000.00 | 85 000.00 | 85 000.00 | 85 000.00 |
| 21 | Teknoloġija tal-informatika u tal-komunikazzjoni | 680 000.00 | 680 000.00 | 684 400.00 | 684 400.00 |
| 2101 | Tagħmir tal-ICT | 320 500.00 | 320 500.00 | 458 000.00 | 458 000.00 |
| 2102 | Manutenzjoni tal-ICT | 65 000.00 | 65 000.00 | 48 400.00 | 48 400.00 |
| 2103 | Servizzi ta' appoġġ tal-ICT | 294 500.00 | 294 500.00 | 178 000.00 | 178 000.00 |
| 22 | Beni mobbli u spejjeż assoċjati | 150 000.00 | 150 000.00 | 79 500.00 | 79 500.00 |
| 2201 | Tagħmir u installazzjonijiet tekniċi (xiri, tibdil, kiri, manutenzjoni) | 50 000.00 | 50 000.00 | - | - |
| 2202 | Tagħmir tal-uffiċċju | - | - | 15 000.00 | 15 000.00 |
| 2203 | Għamara | 75 000.00 | 75 000.00 | 64 500.00 | 64 500.00 |
| 2204 | Nefqa tad-dokumentazzjoni u tal-librerija | 25 000.00 | 25 000.00 | - | - |
| 23 | Nefqa amministrattiva kurrenti | 656 000.00 | 656 000.00 | 720 000.00 | 720 000.00 |
| 2301 | Kartolerija u provvisti tal-uffiċċju | 25 000.00 | 25 000.00 | 38 000.00 | 38 000.00 |
| 2302 | Provvisti tal-uffiċċju tal-konsum | 35 000.00 | 35 000.00 | 14 000.00 | 14 000.00 |
| 2303 | Imposti tal-bank u imposti finanzjarji oħra | 1 000.00 | 1 000.00 | 1 000.00 | 1 000.00 |
| 2304 | Spejjeż legali | 5 000.00 | 5 000.00 | 14 000.00 | 14 000.00 |
| 2305 | Assigurazzjoni mixxellanja | 5 000.00 | 5 000.00 | 5 000.00 | 5 000.00 |
| 2306 | Nefqa amministrattiva ta' laqgħat Interni u Esterni | 280 000.00 | 280 000.00 | 175 000.00 | 175 000.00 |
| 2307 | Servizzi tat-trasport u tal-ġarr | 5 000.00 | 5 000.00 | 5 000.00 | 5 000.00 |
| 2308 | Konsulenza dwar in-Negozju | - | - | 41 000.00 | 41 000.00 |
| 2309 | Spejjeż amministrattivi ta' traduzzjonijiet u interpretazzjoni | 185 000.00 | 185 000.00 | 252 000.00 | 252 000.00 |
| 2310 | Pubblikazzjoni | 85 000.00 | 85 000.00 | 46 800.00 | 46 800.00 |
| 2311 | Komunikazzjoni | 30 000.00 | 30 000.00 | 44 200.00 | 44 200.00 |

| | Baġit | Il-baġit tal-2013 adottat mill-EASO | | Il-baġit tal-EASO tal-2013 wara t-trasferimenti u l-baġit emendatorju 1/2013 | |
|---|---|---|---|---|---|
| 2312 | Tmexxija | - | - | - | - |
| 2313 | Servizzi ta' appoġġ amministrattiv minn Istituzzjonijiet u Korpi tal-UE | - | - | 84 000.00 | 84 000.00 |
| 24 | Servizzi postali/ Telekomunikazzjoni | 90 000.00 | 90 000.00 | 74 000.00 | 74 000.00 |
| 2401 | Servizzi postali għal korrispondenza u imposti ta' kunsinna | 5 000.00 | 5 000.00 | 1 000.00 | 1 000.00 |
| 2402 | Tagħmir tat-telekomunikazzjoni | 3 500.00 | 3 500.00 | - | - |
| 2403 | Imposti tat-telekomunikazzjoni | 81 500.00 | 81 500.00 | 73 000.00 | 73 000.00 |
| **3** | **Nefqiet operattivi** | **5 000 000.00** | **2 000 000.00** | **5 000 000.00** | **3 500 000.00** |
| 31 | Appoġġ għall-implimentazzjoni tas-SEKA | 800 000.00 | 100 000.00 | 720 000.00 | 612 221.89 |
| 3101 | Appoġġ orizzontali għall-implimentazzjoni tas-SEKA | 100 000.00 | | 20 000.00 | - |
| 3102 | Rapport annwali dwar l-asil | 300 000.00 | 65 000.00 | 203 000.00 | 258 000.00 |
| 3103 | Twissija bikrija u analiżi tad-dejta | 400 000.00 | 35 000.00 | 497 000.00 | 354 221.89 |
| 32 | Appoġġ għall-kooperazzjoni prattika tal-Istati Membri | 2 800 000.00 | 1 305 000.00 | 2 699 736.50 | 2 113 673.59 |
